# KAPITOLU 452

## ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI

*Biex jikkonsolida, b'emendi, l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Impieg (Kap. 135) u l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 266).*

2 ta' Diċembru, 2002
27 ta' Diċembru, 2002

*L-ATT XXII tal-2002, kif emendat bl-Atti IX tal-2003, III tal-2004 u XIX tal-2006; bl-Avviż Legali 427 tal-2007; bl-Atti V tal-2009, V tal-2011 u XVI tal-2012; bl-Avviż Legali 426 tal-2012; u bl-Atti IV tal-2015*, XXXIII tal-2016 , XIII tal-2018, VI tal-2019, XXIX tal-2019, LVIII tal-2020, XX tal-2022 u XXXV, XLII u XLIII tal-2023 , XXXIII tal-2024, XIV, XXXI u XXXVI tal-2025 u XI tal-2026.*

TQASSIM TAL-ATT


| | | Artikoli |
|---|---|---|
| | Ġenerali | 1-2 |
| | Titolu I - Relazzjonijiet dwar l-Impiegi | |
| Taqsima I | Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi | 3 |
| Taqsima II | Kondizzjonijiet magħrufa ta' Impieg | 4-10 |
| Taqsima III | Protezzjoni tal-Pagi | 11-25 |
| Taqsima IV | Protezzjoni Kontra Diskriminazzjoni relatata mal-Impieg | 26-32 |
| Taqsima V | Temm ta' Kuntratti ta' Servizz | 33-42 |
| Taqsima VI | Infurzar u Ksur rigward Impiegi | 43-47 |
| Taqsima VII | Amministrazzjoni li għandha x'taqsam ma' Impiegi | 48 |
| | Titolu II - Relazzjonijiet Industrijali | |
| Taqsima I | Organizzazzjoni ta' Ħaddiema u ta' Prinċipali | |
| Sotto-Taqsima 1 | Stat, reġistrazzjoni u tmexxija ta' *trade unions* u ta' assoċjazzjonijiet ta' prinċipali | 49-62 |
| Sotto-Taqsima 2 | Restrizzjonijiet fuq responsabbiltà u proċedimenti legali u fuq membri tal-*union* | 63-67 |
| Taqsima II | Temm volontarju ta' Tilwim ta' Xogħol | 68-72 |
| Taqsima III | It-Tribunal Industrijali | 73-83 |
| | Titolu III - Dispożizzjonijiet Supplementari | 84-86 |
| | Skeda | |


*ara wkoll id-dispożizzjoni transitorja fl-artikolu 20 tal-Att IV tal-2015.

## ĠENERALI

Titolu fil-qosor.

**1.** It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att hu l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

Tifsir.
*Emendat:*
*XVI. 2012.2;*
*IV. 2015.17;*
*VI.2019.2;*
*LVIII.2020.2;*
*XX.2022.2;*
*XLIII.2023.2;*
*XXXI.2025.2;*
*XXXVI.2025.2.*

**2.** F’dan l-Att, sakemm ir-rabta tal-kliem ma’ teħtiegx xort’oħra -

"aġenzija tal-impjieg" u "negozju tal-impjieg" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li jwettqu kwalunkwe attività f’Malta:

(*a*) għar-reklutaġġ ta’ persuni għal impjieg f’Malta jew barra minn Malta;

(*b*) bħala aġenzija ta’ xogħol temporanju; jew

(*ċ*) bħala aġenzija ta’ outsourcing;

u fil-każ ta’ persuna ġuridika li l-oġġetti tagħha jinkludu t-twettiq tal-attivitajiet relevanti kif ukoll attivitajiet anċillari jew inċidentali għalihom, iżda ma jinkludux oġġetti li mhumiex kompatibbli mas-servizzi ta’ aġenzija tal-impjieg jew negozju tal-impjieg;

"aġenzija tal-outsourcing" tfisser persuna fiżika jew ġuridika u fil-każ ta’ persuna ġuridika li l-għanijiet tagħha fil-memorandum tal-assoċjazzjoni tagħha jinkludu t-twettiq tal-attivitajiet relevanti kif ukoll l-attivitajiet kollha anċillari jew inċidentali għalihom, iżda ma jinkludux dawk l-għanijiet li mhumiex kompatibbli mas-servizzi ta’ aġenzija ta’ outsourcing, li tidħol f’kuntratti ta’ impjieg jew relazzjonijiet ta’ impjieg ma’ ħaddiema u li tassenja, kemm fuq bażi regolari jew fuq bażi irregolari, il-ħaddiema lill-impriżi utenti biex jaħdmu hemm temporanjament, billi jkunu fiżikament preżenti fil-bini tal-impriża utenti jew jaħdmu mill-bogħod, taħt is-superviżjoni, direzzjoni u kontroll tal-aġenzija ta’ outsourcing, kemm jekk dik l-attività tkun l-attività prinċipali jew anċillari tal-aġenzija ta’ outsourcing jew le;

"aġenzija ta’ xogħol temporanju" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, u fil-każ ta’ persuna ġuridika li l-għanijiet tagħha fil-memorandum tal-assoċjazzjoni tagħha jinkludu t-twettiq tal-attivitajiet relevanti kif ukoll l-attivitajiet kollha anċillari jew inċidentali għalihom, iżda ma jinkludux dawk l-għanijiet li mhumiex kompatibbli mas-servizzi ta’ aġenzija tax-xogħol temporanju, li tidħol f’kuntratti ta’ impjieg jew relazzjonijiet ta’ impjieg ma’ ħaddiema temporanji permezz ta’ aġenzija u li tassenja, fuq bażi regolari jew irregolari, il-ħaddiema temporanji permezz ta’ aġenzija lil impriżi utenti biex jaħdmu hemm temporanjament taħt is-superviżjoni, direzzjoni u kontroll tagħhom, kemm jekk dik l-attività hija l-attività prinċipali jew anċillari tal-aġenzija tax-xogħol temporanju jew le;

"assoċjazzjoni ta’ prinċipali" tfisser organizzazzjoni li tikkonsisti għal kollox jew prinċipalment minn prinċipali u li l-għan ewlieni tagħha huwa, skont ir-regoli tagħha, li tirregola r-relazzjonijiet bejn il-prinċipali u l-ħaddiema jew it-*trade unions*;

Kap. 217.

""ċittadin ta’ pajjiż terz" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni;

"Direttur" tfisser id-Direttur Ġenerali responsabbli għall-Impiegi u r-

Relazzjonijiet Industrijali;

"forza dixxiplinata" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tinkludi l-Forza ta' Għajnuna u Salvataġġ stabbilita bis-saħħa tal-Att dwar il-Protezzjoni Ċivili; Kap. 411.

"ftehim kollettiv" tfisser ftehim magħmul bejn prinċipal, jew organizzazzjoni waħda jew aktar ta' prinċipali, u organizzazzjoni waħda jew aktar ta' impjegati li għandu x'jaqsam mal-kondizzjonijiet tal-impieg skont id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi li tkun fis-seħħ f'Malta;

"ġenitur" tinkludi ġenitur adottiv jew kull persunal li jkollha l-kustodja legali ta' tifel jew tifla;

"ġurnata ta' mistrieħ fil-ġimgħa" tfisser perjodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa konsekuttivi li jibdew fil-ħin meta l-impjegat normalment jibda l-perjodu ta' xogħol tiegħu;

"ħaddiem" għandha l-istess tifsira bħal "impjegat" iżda għall-finijiet tat-Titolu II ta' dan l-Att, "ħaddiem" tfisser impjegat li jaħdem jew li soltu jaħdem jew li jkun qed ifittex xogħol -

(*a*) taħt kuntratt ta' impieg; jew

(*b*) taħt xi kuntratt (sew imfisser jew mifhum u, jekk imfisser, sew verbali jew bil-miktub) li bih jintrabat li jagħmel jew jaqdi personalment kull xogħol jew servizzi għal parti oħra fil-kuntratt li ma tkunx klijent professjonali tiegħu; jew

(*ċ*) f'impieg taħt jew għall-finijiet ta' xi dipartiment tal-Gvern, barra minn bħala membru ta' forza dixxiplinata, safejn kull impieg bħal dak ma jkunx jaqa' taħt il-paragrafu (*a*) jew (*b*),

u dwar tilwima ta' xogħol li fiha prinċipal ikun parti, "ħaddiem" tinkludi kull ħaddiem ukoll jekk ma jkunx impjegat minn dak il-prinċipal;

"ħaddiem ta' barra" tfisser persuna li lilha oġġetti, materjali jew servizzi ta' kull xorta jingħataw minn prinċipal għat-twettiq ta' kull tip ta' xogħol jew servizz meta x-xogħol jew is-servizz għandu jsir jew fid-dar tal-ħaddiem ta' barra jew f'xi post ieħor li ma jkunx post taħt il-kontroll u direzzjoni ta' dik il-persuna l-oħra;

"ħinijiet tax-xogħol" tfisser il-ħin f'kull jum li matulu l-impjegati jkunu għad-dispożizzjoni tal-prinċipal, minbarra ż-żmien imħolli għall-ikel u l-mistrieħ;

"ħlas" tfisser it-twelid ta' tarbija, sew ħajja jew mejta, li jseħħ mit-tnejn u għoxrin (22) ġimgħa tat-tqala 'l quddiem;

"ħsara fuq il-persuna" tinkludi kull marda u kull ħsara fil-kondizzjoni fiżika jew mentali ta' persuna;

"impieg", dwar tilwima ta' xogħol, tinkludi kull relazzjoni li biha persuna tkun taħdem jew tagħmel xi servizzi għal persuna oħra (barra minn servizz bħala membru ta' forza dixxiplinata);

"impjegat" tfisser persuna li tkun għamlet jew taħdem taħt kuntratt ta' servizz jew li tkun intrabtet personalment li tagħmel xi

xogħol jew ħidma għal ħaddieħor, u taħt id-direzzjon u l-kontroll immedjat ta' persuna oħra, u tinkludi ħaddiem ta' barra, iżda teskludi xogħol jew servizz mogħti fi sfond professjonali jew bħala kuntrattur għal persuna oħra meta dak ix-xogħol jew servizz ma jkunx regolat minn kuntratt ta' servizz speċifiku;

"impjegat *part-time*" tfisser impjegat li s-sigħat normali ta' xogħol tiegħu, kalkolati fuq bażi ta' ġimgħa jew fuq medja ta' perjodu ta' impieg sa sena, huma inqas mis-sigħat normali ta' xogħol ta' impjegat *whole-time* komparabbli u li ma jkunx impjegat *whole-time* b'sigħat imnaqqsa;

"impjegat *whole-time*" tfisser impjegat li hu meqjus bħala impjegat *whole-time* skont xi kondizzjonijiet magħrufin tal-impieg;

"impjegat *whole-time* b'sigħat imnaqqsa" tfisser impjegat li, bi ftehim mal-prinċipal, jaħdem sigħat li huma anqas minn numru ta' sigħat ta' xogħol applikabbli għal impjegati *whole-time* skont il-kondizzjonijiet magħrufin tal-impieg ta' impjegat *whole-time*, sakemm dan l-impieg ikun l-impieg prinċipali tal-ħaddiem, li dwaru jitħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali;

"impjegat *whole-time* komparabbli" tfisser impjegat *whole-time* fl-istess stabbiliment li jkun imqabbad fl-istess jew f'xogħol jew okkupazzjoni simili, meta wieħed iqis konsiderazzjonijiet oħra inklużi anzjanità, kwalifiki u sengħa:

Iżda fejn ma jkun hemm l-ebda impjegat *whole-time* komparabbli fl-istess stabbiliment, il-paragun għandu jsir billi ssir riferenza għal ftehim kollettivi li jkopru impjegati whole-time komparbbli simili fi stabbilimenti oħra:

Iżda wkoll fejn ma jkun hemm l-ebda ftehim kollettiv applikabbli, ir-riferenza għandha ssir għall-liġi jew fin-nuqqas ta' dispożizzjoni tal-liġi għall-prattika prevalenti kif tista' tiġi stabbilita mill-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi;

"kariga pubblika", "uffiċjal pubbliku" u "servizz pubbliku" għandhom l-istess tifsir kif mogħti lilhom bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"klassi" meta wżata fil-kuntest ta' grupp jew ta' kategorija ta' impjegati, għandha tinftiehem għall-gruppi jew kategoriji elenkati fi ftehim kollettiv:

Iżda fejn ma jkun hemm l-ebda ftehim kollettiv, jew fejn ftehim kollettiv ma jipprovdix għal gruppi jew kategoriji ta' impjegati, allura għandha tinftiehem għax-xogħol magħmul jew mistenni li jsir indipendentement mit-titolu jew l-isem mogħti lill-kariga;

"konċiljatur" tfisser persuna hekk maħtura skont l-artikolu 68;

"kondizzjonijiet tal-impieg" tfisser pagi, il-perjodu tal-impieg, is-siegħat tax-xogħol u l-*leave* u tinkludi kull kondizzjoni li għandha x'taqsam mal-impieg ta' xi impjegat taħt kuntratt ta' servizz inklużi l-benefiċċji li joħorġu minnu, it-termini tal-impieg, it-termini ta' parteċipazzjoni fix-xogħol il-ftehim dwar il-mod kif jiġi terminat xi impieg u l-metodu ta' kif differenzi li jistgħu jinqalgħu bejn il-partijiet fil-ftehim jistgħu jintemmu; iżda ma

tinkludix etika professjonali li toħroġ mir-relazzjoni professjonali bejn prinċipal u impjegat;

"kondizzjonijiet magħrufin tal-impieg" huma dawk il-kondizzjonijiet tal-impieg li huma magħrufin skont it-Taqsima II tat-Titolu I ta' dan l-Att;

"kunsill" tfisser il-*Joint Negotiating Council* imwaqqaf bl-artikolu 72;

"kuntratt ta' servizz" u "kuntratt ta' impieg" tfisser ftehim (barra minn servizz bħala membru ta' forza dixxiplinata ħlief kif jista' jiġi provdut f'dan l-Att jew taħtu), sew jekk bil-fomm jew bil-miktub, f'kull għamla li tkun, li bih persuna tintrabat li tagħmel servizz lil jew taħdem għal prinċipal bil-ħlas ta' paga u safejn għandhom x'jaqsmu l-kondizzjonijiet tal-impieg jinkludi ftehim ta' apprendistat:

Iżda sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'xi liġi oħra, f'dan l-Att jew f'xi regolamenti magħmula taħt dan l-Att, irrispettivament minn kif tkun dikjarata n-natura tar-relazzjoni, kull meta l-prinċipal jeżerċita direzzjoni, kontroll u għażla effettiva fuq in-natura ta' xogħol jew xogħolijiet li qed isiru jew li jridu jsiru minn persuna għal prinċipal, dik ir-relazzjoni għandha titqies bħala waħda ta' kuntratt ta' servizz u l-persuna li qed tagħmel ix-xogħol għandha titqies bħala impjegata tal-prinċipal;

"Ministru" tfisser il-Ministru li minn żmien għal żmien ikun responsabbli għal Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali;

"għemil" u "azzjoni" jinkludu, kull waħda minnhom, nuqqas, u riferenzi għal li jsir għemil jew għat-teħid ta' azzjoni għandhom jinftehmu f'dan is-sens;

"ordni biex jiġi regolat settur" tfisser ordni maghmul taħt dan l-Att li jirregola l-kondizzjonijiet tal-impieg ta' settur jew klassi ta' impjegati;

"ordni ta' *standard* nazzjonali" tfisser ordni maħruġ taħt dan l-Att li jirregola l-kondizzjonijiet ta' impieg ta' impjegati b'mod ġenerali;

"paga" tfisser rimunerazzjoni jew qligħ, li jitħallsu minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kull *bonus* li jitħallas skont l-artikolu 23 minbarra kull *bonus* jew *allowance* relatati mal-esekuzzjoni tax-xogħol jew mal-produzzjoni;

"perjodu tal-impieg" tfisser il-ħin f'kull jum li matulu l-impjegati jkunu għad-dispożizzjoni tal-prinċipal, imma magħdud iż-żmien imħolli għall-ikel u l-mistrieħ;

"persuni li jaħdmu għal rashom" tfisser il-persuni kollha li jeżerċitaw attività bi qligħ għal rashom;

"preskritt" tfisser preskritt b'dan l-Att jew bi jew taħt regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tal-Att;

"prinċipal" tinkludi soċjetà, kumpannija, assoċjazzjoni jew korp ieħor ta' persuni, sew jekk ikollhom personalità ġuridika sew jekk le;

"*pro rata*" tfisser il-proporzjon li għandhom in-numru tas-sigħat

fil-ġimgħa li fihom jitħaddem l-impjegat meta paragunati man-numru tas-sigħat fil-ġimgħa, eskluża s-sahra, ta' impjegat whole-time komparabbli;

"qorti ta' inkjesta" tfisser persuna jew persuni maħtura bħala qorti ta' inkjesta skont l-artikolu 69;

"rappreżentant tal-impjegati" għall-finijiet tal-artikoli 35, 36(14), 37 u 38, tfisser ir-rappreżentant tal-*union* rikonoxxuta:

Iżda fejn ma hemmx *union* rikonoxxuta, il-kliem għandhom ifissru dak ir-rappreżentant tal-*union* li tagħha l-impjegati jkunu membri, b'dan li f 'każ ta' impjegati li ma jkunux imseħbin f'*union*, il-kliem ikun ifisser dak ir-rappreżentant elett kif imiss minn fost l-impjegati mhux imseħbin f'*union*, permezz ta' vot sigriet imsejjaħ għal dan l-għan mill-prinċipal;

"reġistrata", dwar *trade union* jew assoċjazzjoni ta' prinċipali u dwar ir-regoli tagħhom, tfisser reġistrata skont dan l-Att;

"Reġistratur" tfisser ir-Reġistratur tat-*Trade Unions* maħtur jew imsemmi skont l-artikolu 52;

"reġistrazzjoni" tfisser reġistrazzjoni skont dan l-Att ta' *trade union* jew ta' assoċjazzjoni ta' prinċipali u tar-regoli tagħhom;

"reklutaġġ ta' persuni għal impjieg" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, u fil-każ ta' persuna ġuridika li l-għanijiet tagħha fil-memorandum tal-assoċjazzjoni tagħha jinkludu t-twettiq tal-attivitajiet relevanti kif ukoll l-attivitajiet kollha anċillari jew inċidentali għalihom, iżda li ma jinkludux dawk l-għanijiet li mhumiex kompatibbli mas-servizzi ta' reklutaġġ ta' persuni għal impjieg, li tipprovdi servizzi ta' tqabbil ta' offerti ta' u applikazzjonijiet għal impjieg, mingħajr ma l-provditur ta' reklutaġġ ta' persuni għal impjieg ikun parti mir-relazzjoni ta' impjieg li tista' tirriżulta minn tali servizzi;

"relazzjoni ta' xogħol" tfisser kwalunkwe "kuntratt ta' servizz" jew "kuntratt ta' impieg" kif imfisser f'dan l-Att;

"rikonoxximent", għall-għanijiet ta' dan l-Att, tfisser ir-rikonoxximent espliċitu ta' *trade union* reġistrata minn prinċipal jew minn assoċjazzjoni ta' prinċipali għall-għanijiet ta' negozjar kollettiv;

"sahra" tfisser is-sigħat kollha ta' xogħol li jaqbżu s-sigħat normali ta' xogħol;

"tilwima ta' xogħol" tfisser tilwima bejn prinċipali u ħaddiema, jew bejn ħaddiema u ħaddiema, li jkollha x'taqsam ma' xi waħda jew aktar mill-ħwejjeġ li ġejjin:

(*a*) pattijiet u kondizzjonijiet ta' impieg, jew il-kondizzjonijiet fiżiċi li taħthom xi ħaddiema jkunu meħtieġa jaħdmu;

(*b*) tħaddim jew nuqqas ta' tħaddim, jew it-tmiem jew is-sospensjoni ta' impieg jew ta' dmirijiet ta' impieg, ta' ħaddiem wieħed jew aktar;

(*ċ*) allokazzjoni ta' xogħol jew ta' dmirijiet tal-impieg bejn il-ħaddiema jew gruppi ta' ħaddiema;

(*d*) ħwejjeġ ta' dixxiplina;

(*e*) faċilitajiet għal uffiċjali ta’ *trade unions*;

(*f*) makkinarju għal negozjati jew konsultazzjonijiet, u proċeduri oħra, dwar xi waħda mill-ħwejjeġ imsemmija qabel, magħdud ir-rikonoxximent minn prinċipali jew assoċjazzjonijiet ta’ prinċipali tad-dritt ta’ *trade union* li tirrappreżenta ħaddiema f’xi negozjati jew konsultazzjonijiet bħal dawk jew fit-twettiq ta’ dawk il-proċeduri;

(*g*) is-sħubija jew le ta’ ħaddiem fi *trade union* partikolari;

"tkeċċija inġusta", dwar ħaddiem, tfisser -

(*a*) it-temm mill-prinċipal dwar dak il-ħaddiem ta’ kuntratt ta’ impieg għal żmien mhux stabbilit (barra minn impieg bi prova skont kif imfisser f’dan l-Att) li jkun temm li ma jsirx biss minħabba *redundancy* jew għal raġuni xierqa skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta’ dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħt dan l-Att, jew

(*b*) li jkun sar bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 64(4), jew

(*ċ*) li, għalkemm isir minħabba *redundancy* jew għal raġuni xierqa, ikun diskriminatorju kif imfisser f’dan l-Att jew f’xi regolamenti magħmulin taħtu;

u tinkludi kull nuqqas mill-prinċipal li jerġa’ jimpjega lil dik il-persuna jew li jerġa’ jimpjegaha skont l-artikolu 36(3), jew

(*d*) it-terminazzjoni mill-prinċipal dwar dak il-ħaddiem ta’ kuntratt ta’ servizz għal terminu ta’ żmien fiss:

Iżda l-iskadenza tad-data tat-tmiem ta’ kuntratt ta’ servizz għal terminu ta’ żmien fiss ma għandux jitqies bħala temm ta’ kuntratt ta’ servizz għal terminu ta’ żmien fiss;

"*trade union*" tfisser organizzazzjoni magħmula għal kollox jew prinċipalment minn ħaddiema u li l-għan ewlieni tagħha hu skont ir-regoli, li tirregola r-relazzjonijiet bejn il-ħaddiema u l-prinċipali jew l-assoċjazzjonijiet ta’ prinċipali;

"trattamenti diskriminatorju" tfisser kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f’soċjetà demokratika inkluża diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-istat konjugali, tqala, jew tqala potenzjali, sess, kulur, diżabilità, twemmin reliġjuż, opinjoni politika jew sħubija fi *trade union*, jew f’assoċjazzjoni ta’ prinċipali;

"Tribunal" tffsser it-Tribunal Industrijali mwaqqaf bl-artikolu 73;

"Tribunal Industrijali" tfisser it-Tribunal Industrijali stabbilit skont it-Titolu II ta’ dan l-Att.

(2) Għall-finijiet ta’ dan l-Att, kwistjoni li fiha tkun parti *trade union* jew assoċjazzjoni ta’ prinċipali għandha titqies bħala kwistjoni li fiha ħaddiema jew, skont il-każ, prinċipali jkunu parti.

(3) Kull dispożizzjoni ta’ dan l-Att li teħtieġ tħaris ma’ xi dispożizzjoni ta’ dan l-Att (tkun kif tkun miktuba dik il-ħtieġa),

jew li tipprovdi dwar xi kontravvenzjoni tagħha, għandha tinftiehem li teħtieġ tħaris ta', jew bħala li xorta tapplika għal, kull dispożizzjoni ta' kull regolament jew regola magħmula taħt dan l-Att.

(4) Il-maskil igħodd għall-femminil u s-singular igħodd għall-plural, kemm-il darba r-rabta tas-sens tat-test ma titlobx tifsira oħra.

Estensjoni tal-applikabbiltà għal medda f'żona ekonomika esklussiva jew medda ta' protezzjoni tal-ambjent.
*Miżjud: XXXV.2023.65.*
Kap. 362.
Kap. 625.

**2A.** Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu għandhom japplikaw ukoll, skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-1982 kif ratifikata skont l-Att dwar ir-Ratifika tal-Liġi tal-Baħar, għal medda f'żona ekonomika esklussiva jew medda ta' protezzjoni tal-ambjent kif imfissra fl-Att dwar iż-Żona Ekonomika Esklussiva. Kwalunkwe gżira artifiċjali, stallazzjoni, struttura, tagħmir jew apparat fiha għandhom, unikament għall-għanijiet ta' dan l-Att u kwalunkwe liġi sussidjarja magħmula taħtu, jitqiesu daqslikieku jinsabu ġewwa Malta stess.

## TITOLU I

## RELAZZJONIJIET DWAR L-IMPIEGI

### TAQSIMA I

### BORD DWAR IR-RELAZZJONIJIET DWAR L-IMPIEGI

Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi.
*Emendat: XXXIII. 2016.2.*

**3.** (1) Bord li jissejjaħ Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi u hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ il-"Bord", għandu jiġi maħtur mill-Ministru.

(2) Il-Bord għandu jkun magħmul kif ġej:

(*a*) *chairperson* indipendenti;

(*b*) id-Direttur responsabbli għall-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali li jagħmilha ta' deputat *chairperson*;

(*ċ*) erba' rappreżentanti tal-impjegati nominati mill-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali minn fost l-organizzazzjonijiet nazzjonali li jirrappreżentaw lill-impjegati fi ħdan dak il-Kunsill;

(*d*) erba' rappreżentanti tal-prinċipali nominati mill-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali minn fost l-organizzazzjonijiet nazzjonali li jirrappreżentaw lill-prinċipali fi ħdan dak il-Kunsill;

(*e*) tliet membri oħra maħtura mill-Ministru.

(3) Il-funzjonijiet tal-Bord ikunu -

(*a*) li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru dwar xi *standard* nazzjonali minimu ta' kondizzjonijiet tal-impieg, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa rakkomandazzjoni għal *standard* nazzjonali, sabiex 'l quddiem tidħol f'ordni ta' *standard* nazzjonali;

(*b*) li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru dwar kondizzjonijiet tal-impieg ta' settur, hawnhekk iżjed

'il quddiem imsejħa rakkomandazzjoni biex jiġi regolat settur, sabiex 'l quddiem tidħol f'ordni biex jiġi regolat settur;

(*ċ*) li jagħti pariri lill-Ministru fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-kondizzjonijiet tal-impieg jew fuq ħwejjeġ riferiti lill-Bord mill-Ministru;

(*d*) biex iwettaq il-funzjonijiet mogħtija lilu bl-artikolu 73 u kull funzjoni oħra li tista' minn żmien għal żmien tingħata lilu b' liġi.

(4) Il-Ministru għandu jaħtar uffiċjal pubbliku biex ikun segretarju tal-Bord.

(5) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament magħmul taħtu l-Bord għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess:

Iżda ċ-*chairperson* tal-Bord ma għandux jivvota jekk mhux meta l-voti dwar xi kwistjoni jkunu ndaqs, f'liema każ ikollu u għandu jeżerċita vot deċiżiv.

(6) Il-Bord ikollu s-setgħa li jikkooptja membri mingħajr vot u li jaħtar sotto kumitati.

## TAQSIMA II

## KONDIZZJONIJIET MAGĦRUFIN TAL-IMPIEG

Ordnijiet ta' *standard* nazzjonali u ordnijiet biex jiġi regolat settur.

**4.** (1) Meta l-Ministru tasallu xi rakkomandazzjoni ta' *standard* nazzjonali jew xi rakkomandazzjoni biex jiġi regolat settur huwa jista', bla ħsara ta' dak li jingħad hawn iżjed 'il quddiem, joħroġ ordni ta' *standard* nazzjonali jew ordni biex jiġi regolat settur, kif ikun il-każ, li jixxandar fil-Gazzetta li jagħti seħħ lir-rakkomandazzjoni ta' *standard* nazzjonali jew lir-rakkomandazzjoni biex jiġi regolat settur minn dik id-data li tkun imsemmija fl-ordni:

Iżda l-Ministru jista', jekk jidhirlu xieraq, qabel ma joħroġ ordni kif imsemmi hawn qabel, jirriferixxi lura lill-Bord ir-rakkomandazzjoni ta' *standard* nazzjonali jew ir-rakkomandazzjoni biex jiġi regolat settur li jkunu waslulu u l-Bord għandu fuq hekk jerġa' jikkunsidraha billi jitqiesu xi osservazzjonijiet magħmulin mill-Ministru u jista', jekk jidhirlu xieraq, jerġa' jressaq ir-rakkomandazzjoni ta' *standard* nazzjonali jew ir-rakkomandazzjoni biex jiġi regolat settur lill-Ministru jew mingħajr emendi jew b'dawk l-emendi kif jidhirlu xieraq wara li jqis dawn l-osservazzjonijiet.

(2) Kull rakkomandazzjoni ta' *standard* nazzjonali u kull rakkomandazzjoni biex jiġi regolat settur, kif ukoll kull ordni ta' *standard* nazzjonali jew kull ordni biex jiġi regolat settur biex jagħtuhom seħħ jistgħu jkollhom dispożizzjonijiet differenti għal każijiet differenti, jista' jkun fihom dispożizzjonijiet biex jiġu emendati jew revokati ordnijiet ta' *standard* nazzjonali ta' qabel jew ordinijiet biex jiġu regolati setturi, u jista' jkun fihom dispożizzjonijiet inċidentali, supplementali jew konsegwenzjali li jista' jidher li jkunu jinħtieġu sabiex id-dispożizzjonijiet ta' xi

ordni ta' *standard* nazzjonali jew ta' ordni biex jiġi regolat settur jkunu jistgħu jitwettqu.

(3) Ebda ordni ta' *standard* nazzjonali jew ordni biex jiġi regolat xi settur ma jkollu seħħ b'mod li jittiefsu xi jeddijiet dwar il-kondizzjonijiet tal-impieg mogħtijin lil xi impjegat b'xi liġi jew taħt xi liġi minbarra dan l-Att jew minn jew taħt xi kuntratt li jkun hemm fis-seħħ.

(4) Mingħajr ħsara għal dak li hemm provdut fil-proviso tal-artikolu 42, jekk kuntratt bejn impjegat li għaliħ jgħodd ordni ta' *standard* nazzjonali jew ordni biex jiġi regolat settur u l-prinċipal tiegħu jew xi ftehim kollettiv jaħseb għal kondizzjonijiet tal-impieg li jkunu inqas favur l-impjegat minn dawk imsemmijin fl-ordni, dak il-kuntratt ikollu seħħ bħallikieku flok dawk il-kondizzjonijiet kien hemm il-kondizzjonijiet imsemmijin fl-ordni.

Kondizzjonijiet magħrufin tal-impieg.

**5.** (1) Il-kondizzjonijiet tal-impieg preskritti f'ordni ta' *standard* nazzjonali, jew f'ordni biex jirregola settur, jew ftehim kollettiv, jew stabbiliti bi ftehim volontarju jew deċiżjoni taħt it-Titolu II ta' dan l-Att, jew meħtieġa li jiġu mħarsa b'dan jew skont dan l-Att, ikunu kondizzjonijiet magħrufin ta' impieg għall-impjegati nteressati.

(2) Meta l-kondizzjonijiet tal-impieg jiġu preskritti fi ftehim kollettiv, il-prinċipal jew il-prinċipali li jkunu parti fih għandhom, fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta jiġi ffirmat dak il-ftehim, jibgħatu lid-Direttur kopja tiegħu awtentikata kif imiss.

(3) In-nuqqas, minn prinċipal, ta' tħaris tal-kondizzjonijiet tal-impieg stabbiliti b'ordni ta' *standard* nazzjonali jew b'ordni biex jirregola settur jitqies bħala reat kontra dan l-Att.

(4) Xejn f'dan l-artikolu ma għandu jkun ta' preġudizzju għal xi drittijiet li l-partijiet jistgħu jkollhom minn xi kuntratt ta' servizz jew xi ftehim kollettiv skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu II ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra, inkluż il-Kodiċi Ċivili.

Kap. 16.

Hinijiet tax-xogħol u sahra.

**6.** Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Bord, jippreskrivi l-ogħla numru ta' sigħat tax-xogħol fil-ġimgħa, inkluża s-sahra, għall-impjegati, l-anqas perjodi ta' mistrieħ kuljum, l-mistrieħ fil-ġimgħa u *leave* annwali, u jista' jagħmel dispożizzjonijiet differenti għal klassijiet differenti ta' impjegati inklużi dispożizzjonijiet inċidentali, supplementali u konsegwenzjali, kif jitqies li jkun meħtieġ.

Għandu jingħata avviż dwar kondizzjonijiet magħrufin ta' impieg.

**7.** Meta jdaħħal miegħu mpjegat, il-prinċipal għandu jfehmu d-dispożizzjonijiet ta' kull kondizzjoni magħrufa ta' impieg li tgħodd fil-każ tiegħu u għandu jagħti lill-impjegat dikjarazzjoni bil-miktub dwar dawk il-kondizzjonijiet kif jista' jiġi preskritt.

Żidiet dwar l-għoli tal-ħajja.
*Emendat: XVI. 2012.3.*

**8.** Meta tingħata mill-Gvern lill-impjegati *whole-time* kollha tiegħu żieda ġenerali fil-pagi u dik iż-żieda tkun dikjarata mill-Ministru b'avviż fil-Gazzetta li tkun ta' applikazzjoni ġenerali għall-impjegati *whole-time* kollha, kull prinċipal għandu jżid il-pagi ta' kull wieħed mill-impjegati *whole-time* fl-impieg tiegħu b'ammont ekwivalenti jew li jikkorrispondi għaż-żieda mogħtija mill-Gvern lill-impjegati tiegħu b'effett mid-data li fiha ż-żieda

mogħtija mill-Gvern dwar l-impjegati tiegħu jkollha effett:

Iżda, fil-każ ta' impjegat li jkollu jedd għal benefiċċji *pro rata* skont dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħtu, dak l-impjegat ikollu jedd għal parti minn dik iż-żieda fil-pagi fuq bażi *pro rata*.

**9.** Safejn għandhom x'jaqsmu kondizzjonijiet tal-impieg, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u ta' xi regolamenti magħmulin taħtu għandhom jitqiesu li jifformaw parti mill-kondizzjonijiet magħrufin tal-impieg ta' impjegati li għalihom jgħoddu dawk id-dispożizzjonijiet jew dawk ir-regolamenti u għandu jkollhom, malli jiġu fis-seħħ, l-istess effett bħallikieku kienu ordnijiet ta' *standard* nazzjonali jew ordnijiet biex jiġi regolat settur.

Saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol. Kap. 646. *Emendat: XXXIII.2024. L-Ewwel Skeda.*

**10.** Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Bord, jagħmel regolamenti li jistabbilixxu l-inqas perjodi ta' *leave* għal maternità, *leave* ta' ġenitur u *leave* għal raġunijiet familjari urġenti li għalihom impjegat jista' jkollu jedd u l-kondizzjonijiet li jirregolaw dak il-jedd.

*Leave* għal maternità, *leave* ta' ġenitur u *leave* għal raġunijiet familjari urġenti.

## TAQSIMA III

## PROTEZZJONI TAL-PAGI

**11.** (1) Ħlief meta jkun xort'oħra espressament permess bid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-ammont kollu tal-paga li impjegat jaqla' jew li għandha tkun lilu mħallsa, għandha tiġi lilu mħallsa bi flus li għandhom kors legali f'Malta, u kull ħlas jew akkont ta' dik il-paga magħmul f'għamla oħra u kull patt f'xi kuntratt li jaħseb għal xi għamla oħra ta' ħlas jkunu nulli u bla effett:

Il-pagi għandhom jitħallsu lill-impjegat għal kollox bi flus legali. *Emendat: XXXI.2025.3.*

Iżda l-ħlas ta' pagi permezz ta' ċekk fuq bank f'Malta jew magħmul pagabbli fil-kont bankarju ta' impjegat għandu jitqies li jkun ħlas bi flus li għandhom kors legali f'każijiet li fihom ħlas b'dan il-mod huwa soltu jew meħtieġ jew ikun aċċettat mill-impjegat interessat:

Iżda wkoll kwalunkwe pagi miksuba minn jew pagabbli lil ċittadin ta' pajjiż terz għandhom jitħallsu esklussivament permezz ta' trasferiment bankarju f'kont miżmum f'isem l-impjegat jew permezz ta' trasferiment elettroniku ffaċilitat minn istituzzjoni finanzjarja akkreditata u liċenzjata. Dan ir-rekwiżit għandu japplika għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li l-impjieg tagħhom jibda fl-1 ta' Ottubru 2025 jew sussegwentement.

(2) Il-pagi għandhom jitħallsu direttament lill-impjegati li lilhom jkunu jistħoqqu ħlief kif ikun xort'oħra provdut b'xi liġi jew bis-saħħa ta' ordni magħmul minn qorti kompetenti jew meta l-impjegat jew l-impjegati interessati jagħtu l-kunsens li jsir xorta oħra.

**12.** Ebda prinċipal ma għandu jimponi f'xi kuntratt ta' servizz xi kondizzjonijiet dwar il-post li fih jew il-mod li bih, jew il-persuna jew persuni li magħhom, xi paga mħallsa lill-impjegat, jew parti minnha, għandha tintefaq jew tiġi impjegata mod ieħor, u kull kondizzjoni bħal dik li jkun hemm f'xi kuntratt bħal dak tkun nulla

Kondizzjonijiet dwar l-infieq ta' pagi.

u bla effett.

Sekwestru jew assenjazzjoni ta' pagi.

**13.** (1) Pagi li jitħallsu minn prinċipal lil impjegat ma jistgħux jiġu assenjati.

(2) Pagi li jitħallsu minn prinċipal lil impjegat ma jistgħux jiġu sekwestrati ħlief skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 381, 382 u 849 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili.

Kap. 12.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) m'għandhomx ikunu japplikaw meta s-sekwestru jew assenjazzjoni jkunu maħsuba biex jassiguraw il-ħlas ta' manteniment dovut lill-konjuġi, jew lil wild ta' taħt l-età jew lil persuna b'disabilità jew lil axxendent tal-impjegat.

Imgħax fuq akkonti huwa projbit.

**14.** Ebda prinċipal ma għandu jagħmel tnaqqis mill-pagi bħala skont, imgħax jew piż ta' din ix-xorta minħabba xi akkont ta' paga magħmul lil xi impjegat bil-quddiem qabel id-data miftehma tal-ħlas ta' din il-paga.

Tnaqqis mill-pagi.

**15.** (1) Ħlief meta jkun espressament permess mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew meħtieġ b'xi liġi oħra, jew meta ordnat minn jew bis-saħħa ta' ordni ta' qorti kompetenti, jew permess fi ftehim li jkun sar bejn prinċipal jew prinċipali jew għaqda ta' prinċipali min-naħa l-waħda u *trade union* jew *trade unions* li jirrappreżentaw l-impjegati nteressati min-naħa l-oħra, prinċipal ma għandu jagħmel ebda tnaqqis u lanqas jagħmel kuntratt ma' impjegat li jawtorizza li jsir xi tnaqqis mill-paga li għandha titħallas mill-prinċipal lill-impjegat.

(2) Kemm-il darba ma jkunx espressament provdut b'dan jew taħt dan l-Att jew xi liġi oħra, prinċipal ma jistax jikkalkola bħala parti mill-paga ta' impjegat xi benefiċċju jew dħul ieħor, ukoll jekk jingħata jew jitħallas mill-prinċipal, li jitħallas minħabba xi kawża oħra li ma tkunx il-kuntratt tas-servizz.

(3) Hemm x'hemm fid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, fuq it-talba bil-miktub ta' impjegat, il-prinċipal jista' jagħmel tnaqqis mill-paga ta' dak l-impjegat għall-iskop ta' skema ta' pensjoni jew tfaddil jew għal xi skop li fit-twettiq tiegħu l-prinċipal ma jkollu ebda nteress finanzjarju, dirett jew indirett.

(4) Tnaqqis fil-għamla ta' ħlasijiet diretti jew indiretti bl-iskop li jinkiseb jew li jinżamm impieg ma għandux isir mill-paga ta' impjegat minn prinċipal, jew minn xi sensal jew kuntrattur tax-xogħol jew xi ħadd li jingaġġa ħaddiema għax-xogħol.

Kuntratti subordinati ta' servizz.

**16.** Meta xi kuntratt ta' servizz ikun fih kondizzjonijiet dwar vaganzi aħjar mill-minimu stabbilit bil-liġi, l-ebda prinċipal ma għandu jagħmel kuntratt subordinat ta' servizz li jipprovdi għall-ħlas lill-impjegat dwar xi vaganzi bħal dawk b'rata ta' kuljum anqas mir-rata normali ta' kuljum applikabbli għal dak l-impjegat.

Btajjel pubbliċi li jaħbtu f'jum tal-mistrieħ tal-ġimgħa.

**17.** Meta, fil-każ ta' impjegati *whole-time,* btala pubblika barra mill-Ħadd, taħbat f'jum ta' mistrieħ tal-ġimgħa li għaliha dak l-impjegat ikollu jedd, dak l-impjegat ikollu jedd għal jum ieħor ta' *leave* għal vaganza matul is-sena kalendarja li fiha dik il-btala pubblika hekk taħbat f'jum ta' mistrieħ tal-ġimgħa jew il-Ħadd dwar kull waħda minn dawk il-btajjel pubbliċi.

**18.** Ebda ħaġa f'dan l-Att ma timpedixxi l-għemil ta' xi kuntratt minn prinċipal ma' impjegat sabiex jagħtih ikel, post ta' abitazzjoni jew *allowances* jew privileġġi oħra minbarra f'forma ta' xorb spirituż jew mediċinali dannużi, b'żieda għall-inqas pagi preskritti b'ordni ta' *standard* nazzjonali jew ordni biex jirregola settur, jew għal paga ogħla stipulata, għal ħin normali u sahra, bħala rimunerazzjoni għal servizzi tal-impjegat.

Rimunerazzjoni minbarra pagi.

**19.** (1) Sakemm ma jkunx preskritt xort'oħra fi ftehim kollettiv, meta -

Multi.

(*a*) il-pattijiet ta' kuntratt bil-miktub iffirmat mill-impjegati jew il-pattijiet ta' dikjarazzjoni bil-miktub ffirmata minn prinċipal skont l-artikolu 7 jispeċifikaw bir-reqqa l-multa jew multi li l-impjegat jista' jeħel dwar kull għemil jew ommissjoni, u

(*b*) il-pattijiet ta' kuntratt bħal dak jew il-pattijiet ta' kull dikjarazzjoni bħal dik ikunu ġew approvati minn qabel mid-Direttur,

il-prinċipal ikun jista' jagħmel dak it-tnaqqis illi jkun awtorizzat b'dak il-kuntratt jew b'dik id-dikjarazzjoni**.**

(2) Minkejja d-dispożizzjoni tas-subartikolu (1), meta impjegat jonqos mingħajr kawża ġusta li jagħti lill-prinċipal tiegħu n-numru kollu ta' siegħat ta' xogħol kif ikun marbut bil-kondizzjonijiet ta' xi kuntratt ta' servizz applikabbli għalih il-prinċipal ma għandux iwaħħal lill-impjegat xi multa għal dak it-telf ta' xogħol iżda jista' jnaqqas mit-total tal-paga dovuta lill-impjegat dik il-parti minnha li tikkorrispondi għax-xogħol hekk mitluf.

(3) Meta xi multa jew multi jkunu imposti minn persuna jew għaqda ta' persuni, tkun kif tkun imsejħa, awtorizzati biex jagħmlu dak ix-xogħol mill-prinċipal, dik il-persuna jew persuni jkunu responsabbli għall-għemil tagħhom, bla ħsara għar-responsabbiltà tal-prinċipal, daqslikieku kienu l-prinċipal.

(4) Sakemm ma jkunx provdut xort'oħra minn xi ftehim kollettiv, meta prinċipal jissospendi impjegat mix-xogħol u waqt il-perjodu ta' sospensjoni ma jħallsux il-paga jew iħallsu anqas mill-paga li l-impjegat ikollu jedd għaliha, l-prinċipal jitqies li jkun għamel tnaqqis mill-pagi tal-impjegat permezz ta' multa ekwivalenti għall-ammont imnaqqas mill-paga.

**20.** Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, l-jedd ta' kull impjegat għal massimu ta' tliet xhur paga skont il-paga kurrenti pagabbli mill-prinċipal lill-impjegat, u l-kumpens għall-*leave* li l-impjegat jista' ikollu jedd għalih, flimkien ma' kull kumpens li jkun dovut lill-impjegat għat-temm tal-impieg, jew kull avviż dwaru, jkun jedd bi privileġġ fuq l-attiv tal-prinċipal u għandu jitħallas bi preferenza fuq kull jedd ieħor sew jekk bi privileġġ jew ipotekarju:

Il-pagi huma djun bi privileġġ.

Iżda, f'kull każ, l-ammont massimu tal-jedd bi privileġġ ma għandux ikun aktar mill-ekwivalenti tal-paga minima nazzjonali li titħallas fil-waqt meta ssir it-talba fuq perjodu ta' sitt xhur.

**21.** (1) Qiegħed b'dan jitwaqqaf Fond ta' Garanzija

Fond ta' Garanzija.

(hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Fond") biex jiggarantixxi l-ħlas ta' pagi mhux imħallsa li jkunu dovuti minn prinċipal lil dawk l-impjegati li l-impieg tagħhom ikun ġie mitmum minħabba fil-falliment ppruvat tal-prinċipal, liema fond għandu jkun regolat u amministrat b'dak il-mod kif il-Ministru jista' jippreskrivi.

(2) Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru tal-Finanzi u mal-Bord, jippreskrivi regolamenti biex jingħata effett aħjar għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu; mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, dawn ir-regolamenti jistgħu jistabbilixxu -

(*a*) il-mod li bih il-Fond jiġi stabbilit u ffinanzjat fil-bidu, u għal dan il-għan il-Ministru jista' jiddota lill-fond b'dak l-ammont u għal dak il-perjodu kif il-Ministru jista' jippreskrivi;

(*b*) il-livell ta' provi meħtieġa biex jiġi ppruvat l-falliment tal-prinċipal;

(*ċ*) ir-rati tal-kontribuzzjonijiet li għandhom isiru mill-Istat, mill-prinċipali u mill-impjegati biex jitkompla l-finanzjament tal-Fond;

(*d*) il-mod ta' kif l-Fond għandu jiġi amministrat;

(*e*) kull klassi ta' impiegi li hi prekluża milli tagħmel talba taħt il-Fond;

(*f*) il-mod u ċ-ċirkostanzi li fihom talba tista' ssir minn impjegat biex jitħallas mill-Fond u l-mod u ċ-ċirkostanzi li fihom talba titħallas lill-impjegat mill-Fond;

(*g*) l-ammont massimu li jista' jitħallas mill-Fond lil person waħda li tkun għamlet talba;

(*h*) id-dritt tal-Fond li jiġi surrogat fil-jeddijiet tal-impjegat li jitħallas ammont mill-imsemmi Fond; kif ukoll id-dritt tal-Fond li jitlob ir-rifużjoni ta' kull ammont hekk imħallas, mill-prinċipal tal-impjegat;

(*i*) il-miżuri u l-proċeduri meħtieġa biex jimpedixxi l-abbuż.

(3) Il-Fond ikollu personalità ġuridika distinta u jkun jista' jidħol f'kull kuntratt, li jħarrek jew jiġi mħarrek, u li jagħmel dawk l-affarijiet kollha u jidħol f'dawk l-operazzjonijiet kollha li jkunu inċidentali jew li jwasslu għat-twettiq tal-għanijiet tiegħu, kif jista' jkun preskritt mill-Ministru.

(4) Il-Fond ikollu d-dritt jiġbor, jirkupra jew jibda proċeduri għall-ħlas ta' somom dovuti lilu, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(5) Ir-rappreżentanza ġuridika u legali tal-Fond tkun vestita fiċ-*chairperson* jew f'kull persuna oħra li l-Fond jista' jawtorizza għal dak il-għan.

Fond ta' Garanzija tal-Aġenziji tal-Impjieg.
*Miżjud: XLIII.2023.3.*

**21A.** (1) Qiegħed b'dan jitwaqqaf Fond ta' Garanzija tal-Aġenziji tal-Impjieg (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ ukoll "il-Fond ta' Garanzija tal-Aġenziji") għall-għan li jipprovdi kumpens lil kwalunkwe impjegat ta' kwalunkwe aġenzija ta' xogħol temporanju jew aġenzija ta' outsourcing, skont il-każ, li kellhom l-impjieg tagħhom mitmum minħabba fir-revoka jew nuqqas ta' tiġdid tal-liċenzja skont id-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe regolamenti applikabbli, liema Fond ta' Garanzija tal-Aġenziji għandu jkun regolat u amministrat b'dak il-mod kif il-Ministru jista' jippreskrivi.

(2) Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru għall-Finanzi u mal-Bord, jippreskrivi regolamenti biex jingħata effett aħjar għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu. Bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, dawn ir-regolamenti jistgħu jistabbilixxu:

(*a*) il-mod li bih il-Fond ta' Garanzija tal-Aġenziji għandu jiġi stabbilit u ffinanzjat;

(*b*) il-livell ta' provi meħtieġa sabiex jintużaw il-fondi;

(*ċ*) il-mod ta' kif il-Fond ta' Garanzija tal-Aġenziji għandu jiġi amministrat;

(*d*) il-mod u ċ-ċirkostanzi li fihom il-fondi jistgħu jintużaw;

(*e*) id-dritt tal-Fond ta' Garanzija tal-Aġenziji sabiex jitlob ir-rifużjoni ta' kwalunkwe ammont hekk imħallas; u

(*f*) il-miżuri u l-proċeduri li jistgħu jkunu meħtieġa biex jimpedixxu l-abbuż.

(3) Il-Fond ta' Garanzija tal-Aġenziji għandu jkollu personalità ġuridika distinta u għandu jkun kapaċi li jidħol f'kuntratti, li jħarrek u jiġi mħarrek, u li jagħmel dawk l-affarijiet kollha u jidħol f'dawk l-operazzjonijiet kollha li jkunu inċidentali jew li jwasslu għat-twettiq tal-għanijiet tiegħu, kif jista' jkun preskritt mill-Ministru.

(4) Il-Fond ta' Garanzija tal-Aġenziji għandu jkollu s-setgħa li jiġbor, jirkupra jew jibda proċedimenti għall-infurzar tad-drittijiet mogħtija lilu skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kwalunkwe regolamenti maħruġa taħtu.

(5) Ir-rappreżentanza ġuridika u legali tal-Fond ta' Garanzija tal-Aġenziji għandha tkun vestita fiċ-chairperson ta' dik l-awtorità stabbilita sabiex tamministra l-Fond ta' Garanzija tal-Aġenziji jew fi kwalunkwe persuna oħra li l-Fond ta' Garanzija tal-Aġenziji jista' jawtorizza għal dak il-għan.

Bord tal-Appelli tal-Aġenziji tal-Impjieg.
*Miżjud: XLIII.2023.3.*

**21B.** (1) Għandu jkun hemm bord tal-appelli li jissejjaħ "il-Bord tal-Appelli tal-Aġenziji tal-Impjieg" (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ il-"Bord tal-Appelli"), li għandu jeżerċita u jaqdi l-funzjonijiet u s-setgħat mogħtija lilu bil-liġi.

(2) Il-Bord tal-Appelli għandu jikkonsisti minn Chairperson u żewġ (2) membri oħra magħżula miċ-Chairperson tal-Bord tal-Appell, li għandhom ikollhom esperjenzi differenti biex iġibu għarfien fil-Bord tal-Appelli, kemm jista' jkun indaqs, tal-interessi fit-talbiet ippreżentati. Dawn il-membri għandhom jintgħażlu minn panel ta' persuni maħtura mill-Ministru biex iservu bħala membri tal-Bord tal-Appelli kull meta jkun hemm il-ħtieġa, liema panel għandu jkollu aktar minn żewġ (2) persuni.

(3) Il-Ministru għandu jaħtar panel ta' mhux inqas minn żewġ (2) persuni u mhux aktar minn ħames (5) persuni biex iservu bħala Chairpersons tal-Bord tal-Appelli jew wara xulxin jew skont it-tqassim tad-dmirijiet u suġġett għal dawk id-dispożizzjonijiet dwar rikuża u ċirkostanzi oħra, kif jista' jiġi preskritt mill-Ministru.

(4) Iċ-Chairpersons u l-membri l-oħra għandhom jissodisfaw il-kriterji skont is-subartikoli (5) jew (6), u s-subartikoli (7) u (8) għandhom japplikaw.

(5) Iċ-Chairperson għandu jkun avukat li, għal perjodu jew perjodi li fit-total jammontaw għal mhux anqas minn seba' (7) snin, ikun serva bħala avukat f'Malta jew serva bħala magistrat f'Malta, jew parti hekk ipprattika u parti hekk serva.

(6) Bla ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' xi liġi dwar il-kompożizzjoni tal-Bord tal-Appelli jew il-kwalifiki tal-membri tiegħu, il-membri l-oħra tal-Bord tal-Appelli għandhom ikunu persuni li fil-fehma tal-Ministru jkollhom l-għarfien espert meħtieġ u l-esperjenza meħtieġa fil-qasam tax-xogħol.

(7) Iċ-Chairperson u l-membri l-oħra tal-Bord tal-Appelli għandhom iżommu l-kariga għal perjodu ta' tliet (3) snin, u għandhom ikunu eliġibbli li jerġgħu jinħatru u ma jistgħux jitneħħew matul il-perjodu tal-ħatra tagħhom ħlief minħabba inabbiltà ppruvata li jwettqu l-funzjonijiet tal-kariga tagħhom kemm jekk tirriżulta minn inkapaċità fiżika jew mentali jew xi raġuni oħra, jew minħabba mġiba ħażina ppruvata.

(8) Iċ-Chairperson u l-membri l-oħra tal-Bord tal-Appell għandhom jirċievu dik ir-rimunerazzjoni kif tista' tiġi stabbilita fid-dokument tal-ħatra tagħhom.

(9) Appell skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (11) għandu jkun magħmul lill-Bord tal-Appelli bil-miktub fejn jiġu spjegati ċar ir-raġunijiet għal dak l-appell sa mhux iktar tard minn tletin (30) jum mid-data li d-deċiżjoni jew l-azzjoni inkwistjoni tkun

ġiet notifikata lill-persuna aggravata, u d-Direttur għandu jkollu tletin (30) jum mid-data minn meta jkun ġie notifikat b'dak l-appell biex jippreżenta r-risposta tiegħu.

(10) Il-Bord tal-Appelli għandu jittratta kwalunkwe materja li tinġieb quddiemu bl-akbar urġenza u għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu mingħajr dewmien.

(11) It-talba għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli għandha tkun jekk, għar-raġunijiet miġjuba mill-appellant, id-Direttur ikunx applika xi dispożizzjoni tar-regolamenti maħruġa taħt dan l-Att dwar l-aġenziji tal-impjieg b'mod ħażin fid-deċiżjoni tiegħu.

(12) Il-Bord tal-Appelli għandu jżomm is-seduti tiegħu fil-pubbliku sakemm, meta jikkunsidra n-natura tal-kwistjoni quddiemu, il-Bord tal-Appelli jidhirlu sewwa u xieraq li jmexxi l-proċedimenti jew xi parti minnhom bil-magħluq. Fi kwalunkwe każ bħal dak, id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli għandha dejjem tingħata fil-pubbliku. L-indirizz tal-Bord tal-Appelli għandu jkun kwalunkwe indirizz li jista' jintuża minn żmien għal żmien bħala l-uffiċċju ewlieni tad-dipartiment responsabbli għall-impjiegi u relazzjonijiet industrijali, u kwalunkwe korrispondenza għandha tiġi indirizzata liċ-Chairperson.

(13) Iċ-Chairperson jew il-membri l-oħra tal-Bord tal-Appelli jistgħu jiġu rikużati jew jistgħu jastjenu ruħhom milli joqogħdu f'kawża f'dawk iċ-ċirkostanzi li jiskwalifikaw imħallef f'kawża ċivili, u f'każ bħal dan iċ-Chairperson jew membru għandu jiġi sostitwit minn membru ieħor li jkun maħtur mill-Ministru skont is-subartikoli (2) jew (3) skont il-każ.

(14) Il-Bord tal-Appelli għandu jkollu s-setgħa li jħarrek xhieda u li jagħtihom il-ġurament, u li jaħtar kwalunkwe espert li jista' jidhirlu meħtieġa biex jiddeċiedi l-każ quddiemu. Meta d-Direttur jissejjaħ bħala xhud, id-Direttur għandu jkollu d-dritt li jaħtar kwalunkwe uffiċjal tad-dipartiment tad-Direttur biex jipprovdi xhieda, sakemm ma tkunx meħtieġa x-xhieda tad-Direttur stess.

(15) (*a*) Kull prova għandha tkun relevanti għall-materja inkwistjoni bejn il-partijiet.

(*b*) Fil-każijiet kollha l-Bord tal-Appelli għandu jitlob l-aħjar prova li l-parti tkun tista' iġġib.

(*ċ*) Il-Bord tal-Appelli m'għandux jippermetti li tinġieb xi prova li jqis bħala waħda irrelevanti jew superfluwa, jew li ma jikkunsidrax bħala li tkun l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.

(16) Fis-smigħ ta' appell li jsir lilu taħt kwalunkwe liġi, il-Bord tal-Appell għandu jkollu s-setgħa:

(*a*) li jikkonferma, iħassar jew ivarja d-deċiżjoni tad-Direttur taħt kwalunkwe dispożizzjoni tar-regolamenti maħruġa taħt dan l-Att fir-rigward tal-aġenziji tal-impjieg u li jagħti direzzjonijiet li jkunu fis-setgħa tiegħu taħt dan l-Att jew xi liġi oħra lid-Direttur biex jimplimenta d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli;

(*b*) li jeħtieġ il-produzzjoni ta' kwalunkwe dokument jew informazzjoni oħra; u

(*ċ*) li jordna l-ħlas tal-ispejjeż minn xi parti fl-appell.

(17) Appell mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli għandu jsir lill-Qorti tal-Appell biss fuq kwistjoni ta' liġi. Għandu jsir appell sa mhux iżjed tard minn għoxrin (20) jum mid-data tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell. Fid-deċiżjoni ta' appell bħal dak, il-Qorti tal-Appell għandha jkollha s-setgħat kollha tal-Bord tal-Appelli għall-għemil ta' ordnijiet.

(18) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jirregolaw il-proċeduri u drittijiet sabiex isiru u jitmexxew appelli quddiem il-Bord tal-Appelli:

Iżda fin-nuqqas ta' dawk ir-regolamenti u bla ħsara għar-regoli ta' ġustizzja naturali, il-Bord tal-Appelli għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(19) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti magħmula taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-qorti għall-preżentata ta' atti ġudizzjarji li għandhom x'jaqsmu ma' appelli lill-Qorti ta' Appell taħt dan l-artikolu:

Iżda sakemm dawk id-drittijiet jiġu hekk stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, għandhom jgħoddu d-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(20) Appell magħmul taħt dan l-artikolu ma jissospendix l-operat ta' xi deċiżjoni jew direttiva li minnha jsir l-appell:

Iżda deċiżjoni biex tkun kanċellata, biex ma tingħatax, jew biex ma tiġix imġedda liċenzja, u kwalunkwe telf konsegwenti tal-garanzija bankarja skont kwalunkwe dispożizzjoni tar-regolamenti maħruġa taħt dan l-Att fir-rigward tal-aġenziji tal-impjieg m'għandhiex issir operattiva sakemm jgħaddi ż-żmien li fih jista' jsir appell taħt dan l-artikolu u, jekk isir appell f'dak iż-żmien, id-deċiżjoni għandha ssir operattiva fid-data tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli li jiċħad l-appell jew fid-data li fiha l-appell ikun abbandunat:

Iżda wkoll li fejn liċenzja li fir-rigward tagħha tkun ittieħdet deċiżjoni ta' revoka tiskadi matul il-perjodu li fih isir appell taħt dan l-artikolu u, jekk isir appell f'dak iż-żmien, il-liċenzja għandha titqies li

ġiet estiża awtomatikament bl-istess termini sal-iskadenza taż-żmien li fih isir l-appell jew, jekk isir appell f'dak iż-żmien, sad-data tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli li tiċħad l-appell jew id-data li fiha l-appell ikun abbandunat.

Il-pagi jitħallsu f'intervalli regolari.

**22.** (1) Kull prinċipal għandu jħallas jew jara li jitħallsu l-pagi lill-impjegati tiegħu f'intervalli regolari li ma għandhomx ikunu aktar minn erba' ġimgħat b'lura:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma jkunux jgħoddu meta jsir ftehim bejn prinċipal jew prinċipali jew għaqdiet ta' prinċipali min-naħa l-waħda u *trade unions* li jirrappreżentaw l-impjegati nteressati min-naħa l-oħra, li jiffissa intervalli oħra għall-ħlas tal-pagi.

(2) Mat-tmiem ta' kuntratt ta' servizz il-pagi kollha li jkunu għadhom ma tħallsux u kull kumpens li għandu jitħallas lill-impjegat għall-*leave* mhux meħud għandhom jitħallsu mad-data tal-jum tal-paga li tiġi minnufih wara iffissata skont is-subartikolu (1) bħallikieku l-kuntratt ma ntemmx.

(3) Għeluq tal-kontijiet għandu jsir mill-inqas darba fis-sena mill-prinċipal dwar impjegati li l-pagi tagħhom ikunu magħmulin minn sehem ta' profitti jew kummissjoni fuq bejgħ jew ħlasijiet magħmulin jew imdaħħlin mill-prinċipal.

Ħlas ta' *bonus*. *Sostitwit: XVI. 2012.4.*

**23.** (1) Kull prinċipal għandu jħallas, jew jara li titħallas, lil kull wieħed mill-impjegati *whole-time* tiegħu dawk il-*bonuses* statutorji fl-ammont li jista' jiġi stabbilit b'avviż legali maħruġ mill-Ministru tal-Finanzi bis-saħħa ta' dan l-artikolu jew kif il-Gvern jista' jħabbar fl-estimi ġenerali ta' xi sena partikolari:

Iżda dawn il-*bonuses* statutorji għandhom jitħallsu bejn il-15 u t-30 ġurnata tax-xahar ta' Ġunju u bejn il-15 u t-23 ġurnata tax-xahar ta' Diċembru ta' kull sena u għandhom ikunu f'forma ta' somma ta' flus li, f'kull każ, m'għandhiex tkun inqas min-nofs ta' dak li l-Gvern ikun ħabbar fl-estimi ġenerali ta' xi sena partikolari kif iħallas il-Gvern lil kull impjegat tiegħu matul dik is-sena:

Iżda l-prinċipal għandu wkoll iħallas, jew jara li jitħallas, lil kull wieħed mill-impjegati *whole-time* tiegħu xi supplimenti tad-dħul fl-ammonti u fiż-żminijiet li jistgħu jiġu stabbiliti b'avviż legali maħruġ mill-Ministru tal-Finanzi bis-saħħa ta' dan l-artikolu:

Iżda wkoll illi, meta xi persuna tkun impjegata *whole-time* ma' xi prinċipal partikolari għal perjodu ta' inqas minn sena, dak l-impjegat għandu jkun intitolat li jirċievi mingħand il-prinċipal, jew minn xi prinċipali tiegħu, ammont proporzjonat tal-*bonus* jew ta' supplement tad-dħul u għal għanjiet ta' dan l-artikolu, il-kalkulazzjoni *pro rata* għandha ssir fuq il-bażi tas-sigħat maħduma f'sena:

Iżda fl-aħħar nett dan l-artikolu għandu japplika wkoll għall-apprentisti b'mod li jista' jiġi speċifikat f'xi skema applikabbli skont l-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ. Kap. 594.

Impjegati *whole-time* b'sigħat imnaqqsa.

**24.** Impjegati *whole-time* b'sigħat imnaqqsa għandhom jitħallsu mhux inqas *pro rata* mill-paga applikabbli għal impjegat *whole-time* f'impieg simili, u għandu jkollhom ukoll id-dritt għal parti minn, *pro rata* -

(*a*) id-dritt għal btajjel pubbliċi bi ħlas u *leave* annwali bi ħlas;

(*b*) il-benefiċċji msemmija fl-artikolu 10;

(*ċ*) kull dritt għal *leave* għal korriment;

(*d*) kull dritt għal *bonus* statutorju,

li impjegati *whole-time* f'impieg simili ma l-istess prinċipal għandhom dritt għalihom skont kondizzjonijiet magħrufin ta' impieg li jgħoddu għalihom.

Impjegati *part-time*.

**25.** (1) Impjegati *part-time* ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati *whole-time* komparabbli minħabba biss f'li huma jaħdmu *part-time* sakemm it-trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva.

(2) Il-Ministru jista, wara konsultazzjoni mal-Bord, jippreskrivi regolamenti li jistabbilixxu:

(*a*) il-kondizzjonijiet biex wieħed jikkwalifika għall-jedd *pro rata* skont kondizzjonijiet speċifiċi ta' xogħol, inkluz l-anqas numru ta' sigħat li impjegat *part-time* għandu jaħdem biex jikkwalifika kif ukoll l-inqas perjodu ta' servizz li jista' jinħtieġ qabel ma wieħed jikkwalifika;

(*b*) l-għoti ta' informazzjoni fil-ħin dwar id-disponibilità ta' postijiet *part-time* u *whole-time* fuq il-post tax-xogħol kif ukoll aċċess għal taħriġ vokazzjonali u opportunitajiet għall-avvanz fil-karriera;

(*ċ*) kull ħaġa oħra li titqies meħtieġa biex tirregola l-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' impjegati *part-time* kjif preskritt fis-subartikolu (1).

## TAQSIMA IV

## PROTEZZJONI KONTRA DISKRIMINAZZJONI RELATATA MAL-IMPIEG

Diskriminazzjoni u ugwaljanza bejn is-sessi. *Emendat: V. 2009.2.*

**26.** (1) Ħadd ma jista' -

(*a*) fil-waqt li jagħmel reklam jew joffri impieg jew fil-waqt li joffri opportunitajiet ta' impieg jew meta jiġi għall-għażla ta' applikanti għal impieg, jassoġġetta xi applikant għal impieg jew xi klassi ta' applikanti għal impieg għal trattament diskriminatorju;

(*b*) rigward impjegati li huma diġà fl-impieg tal-prinċipal, jassoġġetta dawk l-impjegati jew xi klassi ta' impjegati għal trattament diskriminatorju, fir-rigward ta' kondizzjonijiet ta' impieg jew tkeċċija.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, trattament diskriminatorju jinkludi:

(*a*) l-impieg jew l-għażla ta' persuna li tkun anqas kwalifikata minn persuna tas-sess oppost, sakemm il-prinċipal ma jippruvax li l-azzjoni kienet bbażata fuq raġunijiet aċċettabbli relatati max-xorta tax-xogħol jew għal raġunijiet relatati mat-twettiq jew ma l-esperjenza ta' xogħol magħmul qabel;

(*b*) azzjonijiet li jgħoddu għal impjegat, termini ta' ħlasijiet jew kondizzjonijiet ta' impieg li huma anqas favorevoli minn dawk li jgħoddu għal impjegat fl-istess xogħol jew xogħol ta' valur ugwali, abbażi ta' trattament diskriminatorju;

(*ċ*) azzjonijiet li bihom il-prinċipal xjentement jimmaniġġa x-xogħol, iqassam il-biċċiet ta' xogħol jew mod ieħor jirranġa l-kondizzjonijiet tax-xogħol hekk li impjegat ikun assenjat *status* li manifestament ikun anqas favorevoli minn oħrajn abbażi ta' trattament diskriminatorju.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u obbligi preskritti fl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, u ma għandhomx jgħoddu għal kull preferenza jew esklużjoni li tkun raġonevolment ġustifikata meta wieħed iqis ix-xorta ta' pożizzjoni battala li għandha timtela' jew l-impieg offrut, jew fejn karatteristika meħtieġa tikkostitwixxi ħtieġa ġenwina u determinanti dwar ix-xogħol jew fejn il-ħtiġiet huma stabbiliti minn liġijiet jew regolamenti applikabbli. Kap. 413.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-kliem "joffri impieg" jinkludu r-reklutaġġ jew it-taħriġ ta' kull persuna bil-ħsieb li dik il-persuna tiġi mpjegata, u għar-rigward ta' persuna li tkun diġà qed taħdem, tinkludi ukoll l-promozzjoni għal grad ogħla jew l-impieg fi klassi differenti ta' xogħol.

Xogħol ta' valur ugwali.

**27.** Impjegati fl-istess klassi ta' impieg għandhom id-dritt għall-istess rata ta' rimunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali:

B'dan illi prinċipal u ħaddiem jew *union* ta' ħaddiema b'riżultat ta' negozjati għal ftehim kollettiv jistgħu jiftiehmu dwar skali ta' salarji, żidiet annwali u kundizzjonijiet ta' xogħol oħra differenti għal ħaddiema li jkunu impjegati fi żminijiet differenti, liema skali jkollhom massimu li jintlaħaq wara żmien stabbilit; u

B'dan ukoll illi kull distinzjoni bejn klassijiet ta' impieg ibbażata fuq trattament diskriminatorju mod ieħor milli skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi liġi oħra tkun nulla u bla effett.

Vittimizzazzjoni.

**28.** Ħadd ma jista' jivvittimizza xi persuna talli din tkun għamlet ilment lill-awtoritajiet leġittimi jew talli tkun bdiet jew ħadet sehem fi proċeduri għal riżarċiment abbażi tal-ksur allegat tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew talli tkun tat informazzjoni, konfidenzjali jew le, lil korp pubbliku regolatorju stabbilit, rigward attivitajiet allegatament illegali jew korrotti magħmula mill-prinċipal ta' dik il-persuna jew minn persuni li jaġixxu f'isem u fl-interessi tal-prinċipal.

Fastidju sesswali.
*Emendat:*
*XLII.2023.2;*
*XI.2026.2.*

**29.** (1) L-ebda prinċipal jew impjegat ma jista' jagħti fastidju lil impjegat ieħor jew jagħti fastidju lill-prinċipal billi jassoġġetta lil dik il-persuna għal kull att, talba jew kondotta mhux mixtieqa, li jinkludu kliem bil-fomm, ġesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal ieħor, li rigward dik il-persuna huma bbażati fuq diskriminazzjoni sesswali u li jistgħu raġonevolment jiqiesu bħala offensivi, umilijanti u intimidatorji lejn dik il-persuna.

(2) L-ebda prinċipal jew impjegat ma jista' jagħti fastidju sesswalment lil impjegat ieħor jew lill-prinċipal (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu imsejħa "l-vittma") billi -

(*a*) jassoġġetta l-vittma għal att ta' intimità fiżika; jew

(*b*) jitlob favuri sesswali mill-vittma; jew

(*ċ*) jassoġġetta l-vittma għal xi att jew kondotta li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, ġesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal ieħor, fejn -

(i) l-att, it-talba jew il-kondotta mhumiex mixtieqa mill-vittma u jistgħu raġonevolment jiqiesu bħala offensivi, umiljanti jew intimidatorji lejn il-vittma;

(ii) il-vittma tiġi ttrattata b'mod differenti, jew jista' raġonevolment jiġi antiċipat li l-vittma tista' tiġi hekk trattata, bħala riżultat tat-tiċħid jew is-sottomissjoni tagħha għal dak l-att, dik it-talba jew dik il-kondotta.

Il-vjolenza u l-fastidju.
*Mizjud:*
*XI.2026.3.*

**29A.** (1) Il-vjolenza u l-fastidju f'ambjent ta' xogħol huma pprojbiti. Impjegati u prinċipali għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jirrispettaw id-dritt ta' xulxin fl-ambjent ta' xogħol ħieles mill-vjolenza u l-fastidju.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, it-terminu:

(a) "impjegat" tfisser:

(i) impjegat f'post ta' xogħol;

(ii) persuna li qiegħda titħarreġ, inkluż interns, trainees u apprendisti, irrispettivament minn jekk ix-xogħol huwiex regolat minn kuntratt, jew il-persuna titħallas jew ma titħallasx;

(iii) persuna li l-impjieg tagħha ġie terminat;

Kap. 492.

(iv) voluntier skont l-artikolu 2(1) tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji wkoll meta tali xogħol jew servizz ma jkunx regolat minn kuntratt speċifiku ta' servizz;

(v) persuna li hija impjegat prospettiv abbażi li qiegħda tfittex impjieg;

(vi) persuna li hija impjegat prospettiv abbażi li hija applikant għal impjieg;

(vii) persuna li hija impjegat prospettiv abbażi tal-fatt li

hija kandidat għal impjieg;

(b) "ambjent ta' xogħol" tfisser:

(i) kwalunkwe post ta' xogħol, inkluż kwalunkwe spazju fejn jitwettqu d-dmirijiet ta' xogħol, irrispettivament min-natura tiegħu u jekk huwiex pubbliku jew privat;

(ii) kwalunkwe post fejn il-ħaddiem jitħallas, jieħu waqfa ta' mistrieħ jew ikel, jew jagħmel użu minn faċilitajiet sanitarji, ta' ħasil u tibdil;

(iii) kwalunkwe vjaġġ, vjaġġar, taħriġ, avvenimenti jew attivitajiet soċjali relatati max-xogħol;

(iv) kwalunkwe komunikazzjoni relatata max-xogħol, inklużi dawk imwettqa minn teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni;

(v) kwalunkwe akkomodazzjoni provduta mill-prinċipal;

(vi) kwalunkwe vjaġġ meta persuna tivvjaġġa lejn u mix-xogħol;

(ċ) "vjolenza u fastidju" tfisser imġiba, prattiċi u ommissjonijiet inaċċettabbli, jew theddid tagħhom, kemm jekk hija okkorrenza waħda jew ripetuta, li timmira lejn, tirriżulta fi, jew x'aktarx tirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika, psikoloġika, sesswali jew ekonomika, u tinkludi vjolenza u fastidju abbażi tal-ġeneru;

(d) "vjolenza u fastidju abbażi tal-ġeneru" tfisser vjolenza u fastidju ta' persuna minħabba s-sess jew il-ġeneru tagħha, jew li jaffettwaw b'mod sproporzjonat persuni ta' sess jew ġeneru partikolari, u għandha tinkludi l-fastidju sesswali kif deskritt fl-artikolu 29, u "ġeneru" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika. Kap. 581

(3) L-ebda prinċipal jew impjegat ma għandu jaġixxi ma' impjegat, prinċipal jew impjegat ieħor, jew ma' impjegat prospettiv b'mod li hu ekwivalenti għal vjolenza u fastidju f'ambjent ta' xogħol. Tali azzjonijiet jistgħu jieħdu kwalunkwe forma, inkluż iżda mhux limitat għal talbiet, kondotta, imġiba jew interazzjoni, kemm jekk ikunu fiżiċi, remoti jew online, bil-fomm, bil-miktub, jew fi kwalunkwe mod ieħor, jew fi stampi jew kwalunkwe materjal ieħor.

(4) L-ebda prinċipal jew impjegat ma għandu jagħti lok għal ċirkostanza jew joħloq ambjent li jippermetti jew jista' jippermetti vjolenza u fastidju f'ambjent ta' xogħol jew iwassal impjegat, prinċipal, impjegat ieħor jew impjegat prospettiv sabiex iħossuhom skomdi jew intimidati jew f'atmosfera offensiva jew abbużiva jew li d-dritt tagħhom f'ambjent ta' xogħol ħieles mill-vjolenza u l-fastidju jkun qed jinkiser.

Avviż lit-Tribunal Industrijali.
*Emendat:*
*IX. 2003.123;*
*V. 2009.3;*
*XI.2026.4.*

**30.** (1) Persuna li tallega li l-prinċipal ikun kiser, jew li l-kondizzjonijiet tal-impieg ikunu jiksru, d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 26, 27, 28, 29 jew 29A, tista' fi żmien erba' xhur mill-ksur allegat, tippreżenta ilment quddiem it-Tribunal Industrijali u t-Tribunal Industrijali għandu jisma' dak l-ilment u jwettaq dawk l-investigazzjonijiet li jqis xierqa.

(2) Jekk it-Tribunal Industrijali jkun soddisfatt li l-ilment jkun ġustifikat, hu jkun jista' jieħu dawk il-miżuri li jidhirlu xierqa inkluż il-kanċellament ta' kull kuntratt ta' servizz jew ta' kull klawsola fil-kuntratt jew fi ftehim kollettiv li tkun diskriminatorja, u għandu jordna l-ħlas ta' kumpens għat-telf u dannu li tkun sofriet il-parti aggravata bħala konsegwenza tal-ksur.

(3) Għall-finijiet tas-smigħ u tad-deċiżjoni ta' kawżi dwar l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni, ksur tal-prinċipju ta' xogħol ta' valur ugwali, vittimizzazzjoni, fastidju sesswali jew vjolenza u fastidju, it-Tribunal Industrijali jkun magħmul minn *chairperson* waħdu bil-mod stabbilit fl-artikolu 73(4).

(4) Kull azzjoni meħuda minn persuna li tagħmel ilment skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li dik il-persuna li tagħmel l-ilment tkun tista' tieħu skont xi liġi oħra li tgħodd u tkun ukoll mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li għaliha jista' jkun suġġett ir-rispondent skont xi liġi oħra li tgħodd.

Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti.
*Emendat:*
*XI.2026.5.*

**31.** Bla ħsara għal dak li intqal qabel, il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Bord, jippreskrivi regolamenti biex jagħti effett aħjar lid-dispożizzjonijiet tal-artikoli fl-artikoli 26, 27, 28, 29 u 29A u b'mod partikolari biex tiġi eliminata kull prattika diskriminatorja fl-impieg jew fil-kondizzjonijiet tal-impieg ta' kull persuna jew klassi ta' persuni, biex jingħataw opportunitajiet ta' xogħol ugwali lil klassijiet ta' persuni li jkollhom svantaġġ u biex jiġi regolat l-aċċess għat-Tribunal Industrijali, u l-investigazzjoni u s-smigħ mit-Tribunal Industrijali ta' ilmenti dwar l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni, ksur tal-prinċipju ta' xogħol ta' valur ugwali, vittimizzazzjoni, fastidju sesswali jew vjolenza u fastidju.

Reat.
*Emendat:*
*A.L. 427 tal-2007;*
*XIII.2018.34;*
*XI.2026.6.*

**32.** Kull min jikser id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 28, 29 u 29A għandu jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (€5,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000) jew dik il-multa u dik il-priġunerija flimkien.

## TAQSIMA V

## TEMM TA' KUNTRATTI TA' SERVIZZ

Żmien ta' seħħ ta' kuntratti ta' servizz.
*Emendat:*
*XVI.2012.5.*

**33.** Persuna tista' tintrabat li tagħti s-servizzi tagħha għal żmien imsemmi jew bla limiti, jew dwar biċċa xogħol, impriża, opra jew servizz imsemmijin:

Iżda meta l-impjegat ikun inżamm fl-impieg fl-istess kategorija wara d-data tat-tmiem ta' kuntratt ta' servizz għal żmien speċifikat jew ikun reġa' ġie impjegat fl-istess kategorija minn prinċipal għal żmien speċifikat jew għal żmien indefinit, u dan fi żmien sena mid-data tat-tmiem ta' kuntratt ta' servizz għal żmien

speċifikat, il-kondizzjonijiet tal-impieg ma għandhomx ikunu anqas favorevoli minn dawk li kienu jkunu japplikaw jekk kemm-il darba l-kuntratt ta' servizz ikun għal żmien bla limitu u ż-żmien totali ta' prova tal-impjegat ma għandu jkun f'ebda każ itwal minn dak li hemm provdut f'dan l-Att:

Iżda wkoll minkejja kull ftehim kuntrarju, kuntratt ta' servizz għal perjodu indefinit ma għandux jinbidel f'kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss fejn ma jkunx hemm bidla sostanzjali fix-xogħol tal-impjegat jew fil-kategorija tiegħu u kull ftehim li jkollu dan l-effett għandu jkun null u bla effett u l-kuntratt tax-xogħol għandu jitqies għal kull fini u għan tal-liġi bħala wieħed li baqa' indefinit.

**34.** (1) Mingħajr ħsara għal dak li hu preskritt xort'oħra f'dan l-Att, il-kondizzjonijiet tal-impieg f'kuntratt għal żmien speċifikat ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li kienu jkunu japplikaw li kieku l-istess kuntratt tal-impieg fl-istess post tax-xogħol kien għal żmien bla limitu, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat għal raġunijiet oġġettivi: Kuntratti għal żmien speċifikat.

Iżda dan l-artikolu ma għandux jgħodd għal kuntratti ta' impjegati li jkunu qegħdin fuq taħriġ vokazzjonali tal-bidu u, jew, fuq skemi ta' apprendistat.

(2) Kull impjegat b'kuntratt ta' servizz għal żmien speċifikat li jagħlaqlu ż-żmien tal-kuntratt u li jinżamm fix-xogħol mill-prinċipal jitqies li jkun inżamm fuq kuntratt għal żmien bla limitu jekk dak l-impjegat ma jingħatax kuntratt ta' servizz ġdid fi żmien tnax-il ġurnata minn meta jkun għalaq il-kuntratt ta' qabel.

(3) Il-Ministru jista, wara konsultazzjoni mal-Bord, jagħmel regolamenti biex:

(*a*) jagħti effett aħjar għall-prinċipju ta' ebda diskriminazzjoni bejn impjegati fuq kuntratti għal żmien speċifikat u impjegati fuq kuntratti għal żmien bla limitu;

(*b*) jistabbilixxi ċ-ċirkostanzi fejn, għal raġunijiet oġġettivi, l-kondizzjonijiet f'kuntratti għal żmien speċifikat jistgħu jkunu differenti mill-kondizzjonijiet f'kuntratti għal żmien bla limitu;

(*ċ*) b'mod ġenerali biex jirregola kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' kuntratti għal żmien speċifikat.

**35.** Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Bord, jagħmel regolamenti li jippreskrivu l-informazzjoni minima li kull prinċipal għandu jagħti lil kull impjegat, u l-mod kif din l-informazzjoni għandha tingħata lill-impjegat, u biex jirregolaw kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-obbligu tal-prinċipal biex jinforma lil jew jikkonsulta mal-impjegat jew mar-rappreżentanti tal-impjegati dwar kondizzjonijiet tal-impieg, u, f'dawn ir-regolamenti, l-Ministru jista' jagħti eżenzjoni mill-obbligi imposti b'dan l-artikolu jew jistabbilixxi regoli differenti għal klassijiet jew tipi differenti ta' impieg. Dritt tal-impjegati għal informazzjoni minima.

Avviż ta' u kumpens għal terminazzjoni ta' kuntratti ta' servizz.
*Emendat: XIX. 2006.18; XVI. 2012.6; LVIII.2020.3; XX.2022.3.*

**36.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (16), meta relazzjoni ta' xogħol tkun soġġetta għal perjodu ta' prova, dak il-perjodu għandu jkun ta' sitt (6) xhur.

Obbligu ta' proporzjonalità ta' żmien ta' prova.
*Miżjud: XX.2022.3.*

(1a) Fil-każ ta' relazzjonijiet ta' xogħol b'terminu fiss, il-perjodu ta' prova għandu jkun proporzjonat għat-terminu mistenni tal-kuntratt u n-natura tax-xogħol. Fil-każ tat-tiġdid ta' kuntratt għall-istess funzjoni u inkarigi, ir-relazzjoni tax-xogħol ma għandhiex tkun soġġetta għal perjodu ta' prova ġdid:

Iżda l-ebda kuntratt ta' xogħol b'terminu fiss ma jista' jkun iqsar minn sitt (6) xhur, sakemm tali perjodu iqsar ma jkunx ġustifikat b'raġunijiet oġġettivi bbażati fuq ċirkostanzi preċiżi u konkreti li jkunu jikkaratterizzaw xi attività partikolari. Kull meta prinċipal ikollu intenzjoni li jidħol f'kuntratt ta' servizz għal żmien fiss ma' impjegat prospettiv għal perjodu iqsar minn sitt (6) xhur, il-prinċipal għandu jniżżel bil-miktub f'dak il-kuntratt ir-raġunijiet oġġettivi għaliex il-kuntratt li daħlu għalih għandu jkun għal perjodu iqsar minn sitt (6) xhur:

Iżda wkoll għal relazzjoni ta' xogħol b'terminu fiss ta' bejn sitt (6) xhur u ħmistax (15)-il xahar, il-perjodu ta' prova għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi ta' perjodu ta' prova ta' xahrejn (2) għal kull perjodu ta' sitt (6) xhur fit-terminu tal-kuntratt; u f'każ illi, skont il-proviso preċedenti, il-kuntratt b'terminu fiss ikun iqsar minn sitt (6) xhur, il-perjodu ta' prova għandu jkun terz tat-terminu tal-istess kuntratt fiss:

Iżda wkoll f'każ ta' kuntratt b'terminu fiss li jaqbeż it-terminu ta' ħmistax (15)-il xahar, il-perjodu ta' prova għandu jkun ta' sitt (6) xhur.

Żmien ta' prova ta' tnax-il xahar.
*Miżjud: XX.2022.3.*

(1b) Minkejja id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1a), ħaddiema li jokkupaw karigi tekniċi, eżekuttivi, amministrattivi jew maniġerjali, u li għandhom paga li hija tal-anqas id-doppju tal-paga minima nazzjonali stabbilita għal dik is-sena, għandhom ikunu f'perjodu ta' prova ta' tnax (12)-il xahar.

Sospensjoni ta' żmien ta' prova.
*Miżjud: XX.2022.3.*

(1ċ) Fi kwalunkwe każ, il-perjodu ta' prova jista', bi qbil bejn il-partijiet, ikun iqsar mill-perjodi rispettivi stipulati fis-subartikoli (1a) sa (1ċ) u, il-perjodu ta' prova għandu jkun sospiż fil-każ ta' kwalunkwe leave approvat ta' ġimagħtejn (2) jew aktar, fejn il-perjodu ta' prova għandu jkun estiż għal żmien korrispondenti ta' leave. Kull tkeċċija li ssir minn prinċipal ta' ħaddiem waqt is-sospensjoni tal-perjodu ta' prova għandha tkun illegali.

(2) Waqt l-impieg bi prova, l-impieg jista' jiġi mitmum minn min ikun irid miż-żewġ partijiet mingħajr ma jagħti ebda raġuni:

Iżda għandu jingħata avviż ta' ġimgħa tat-temm tal-impieg

lill-parti l-oħra fil-każ ta' impjegat li jkun ilu fl-impjieg tal-istess prinċipal kontinwament għal aktar minn xahar.

(3) Kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu jista' jintemm, bl-għoti tal-avviż kif speċifikat fis-subartikolu (5), mill-impjegat mingħajr ma jagħti ebda raġuni u mill-prinċipal, bla ħsara għad-dispożizzjoni tas-subartikolu (14), fuq bażi ta' *redundancy* biss:

Iżda kull impjegat li l-impieg tiegħu jiġi mitmum minħabba *redundancy* ikun intitolat għall-impieg mill-ġdid jekk il-post li kien jokkupa qabel jerġa' jkun ottjenibbli fi żmien perjodu ta' sena mid-data ta' tmiem l-impieg:

Iżda wkoll impjegat bħal dak ikun hekk impjegat mill-ġdid b'kondizzjonijiet mhux inqas favorevoli minn dawk li hu kien ikun intitolat għalihom li kieku l-kuntratt tas-servizz dwaru ma kienx intemm:

Iżda, fl-aħħarnett, kull impjegat li jkun ġie hekk impjegat mill-ġdid għandu, għall-finijiet ta' dan l-Att, jitqies li jkun kompla fl-impieg tiegħu nonostanti t-terminazzjoni magħmula skont dan is-subartikolu.

(4) Meta prinċipal ikun bi ħsiebu jtemm l-impieg ta' impjegat minħabba *redundancy,* hu għandu jtemm l-impieg ta' dik il-persuna li tkun impjegata l-aħħar fil-klassi tal-impieg milquta minn dik ir-*redundancy*:

Iżda, meta dik il-persuna tkun tiġi mill-prinċipal (li ma jkunx soċjetà b'responsabilità limitata jew korp statutarju) b'konsagwinità jew b'affinità sat-tielet grad, il-prinċipal jista', minflok itemm l-impieg ta' dik il-persuna, itemm l-impieg tal-persuna li jmissha warajha.

(5) Minkejja kull ftehim kuntrarju, u mingħajr preġudizzju għal dak li hemm imsemmi fil-paragrafu (*f*), avviż tat-temm ta' impieg li jkun bi ħsiebu jagħmel il-prinċipal jew l-impjegat taħt kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu, għandu jkun tat-tul bħal ma jingħad hawn iżjed 'il quddiem, jekk l-impjegat kien ilu fl-impieg tal-istess prinċipal kontinwament -

(*a*) għal iżjed minn xahar iżda mhux iżjed minn sitt xhur ...................... ġimgħa;

(*b*) għal iżjed minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn sentejn ........................ ġimagħtejn;

(*ċ*) għal iżjed minn sentejn iżda mhux iżjed minn erba' snin ................... erba' ġimgħat;

(*d*) għal iżjed minn erba' snin iżda mhux iżjed minn seba' snin ........... tmien ġimgħat;

(*e*) għal iżjed minn seba' snin, ġimgħa waħda addizzjonali għal kull sena jew parti minnha sussegwenti ta' servizz sa massimu ta' tnax-il ġimgħa;

(*f*) jew dawk iż-żminijiet itwal kif jista' jiġi miftiehem bejn il-prinċipal u l-impjegat fil-każ ta' karigi tekniċi, amministrattivi, eżekuttivi jew ta' direzzjoni:

Iżda l-avviż tat-temm ta' impieg ma jistax jingħata matul il-

*leave* għal maternità jew matul il-perjodu ta' inkapaċità għax-xogħol li għalih jirreferi is-subartikolu (17) jew matul kull perjodu ieħor kif il-Ministru jista' jippreskrivi.

(6) Meta perjodu ta' impieg b'kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu jkun ta' inqas minn sitt xhur imma jkollu warajh perjodu ieħor ta' impieg simili li jibda fi żmien is-sitt xhur li jaħbtu wara mill-aħħar jum ta' impieg, iż-żewġ perjodi għandhom, għall-finijiet tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, dwar it-tieni perjodu ta' impieg jitqiesu li huma perjodu wieħed kontinwu.

(7) Il-perjodu tal-avviż għandu jibda jgħodd mill-jum tax-xogħol li jaħbat wara l-jum li fih jingħata l-avviż.

(8) Meta impjegat taħt kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu jirċievi avviż mill-prinċipal kif jingħad hawn qabel, huwa jista' jagħżel jew li jissokta jaħdem sakemm jagħlaq iż-żmien tal-avviż jew, f'kull żmien li jkun waqt li għadu miexi ż-żmien tal-avviż, iġiegħel lill-prinċipal li jagħtih somma li tkun daqs in-nofs tal-pagi li kien ikollhom jitħallsu għaż-żmien li jkun għad jonqos biex jagħlaq iż-żmien tal-avviż.

(9) Meta jirċievi avviż mingħand l-impjegat kif intqal qabel, il-prinċipal ikun jista' jagħżel jew li jħalli lill-impjegat li jkompli jaħdem sakemm iż-żmien tal-avviż jagħlaq jew, f'kull żmien matul li jkun għaddej iż-żmien tal-avviż, iħallas lill-impjegat somma li tkun daqs il-paga li jkun imissha titħallas dwar iż-żmien tal-avviż li ma jkunx għalaq.

(10) Jekk impjegat taħt kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu jonqos li jagħti avviż kif jingħad hawn qabel, huwa jkun suġġett li jħallas lill-prinċipal somma li tkun daqs nofs il-paga li jkun imissha titħallas dwar iż-żmien tal-avviż. Jekk il-prinċipal jonqos li jagħti avviż kif imsemmi hawn qabel, huwa jkun suġġett li jħallas lil dak l-impjegat somma li tkun daqs il-paga li jkun imissha titħallas dwar iż-żmien tal-avviż.

(11) Prinċipal li jittermina kuntratt ta' impjieg ta' impjegat qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat f'kuntratt ta' servizz, ikollu jħallas lill-impjegat somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taż-żmien espressament miftiehem.

(12) Impjegat li jitlaq mis-servizz tal-prinċipal tiegħu qabel iż-żmien speċifikat fil-kuntratt ta' servizz għandu jħallas lill-prinċipal tiegħu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li għaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem:

Iżda f'dan is-subartikolu u fis-subartikoli (8), (9), (10) u (11), ir-riferenzi għal "paga kollha" u "paga" għandhom ifissru l-paga li titħallas lil persuna impjegata minn jew f'isem il-prinċipal, esklużi kull rimunerazzjoni għal sahra, kull forma ta' *bonus*, kull *allowance*, u rimunerazzjoni mod ieħor milli bi flus u kummissjonijiet.

(13) Fil-każ ta' impjegati taħt kuntratt ta' servizz imħallsa għal kull biċċa xogħol, jew b'sehem fil-qligħ, jew b'kummissjoni fuq il-bejgħ magħmul jew ħlasijiet imdaħħla mill-prinċipal, l-ammont li għandu jitħallas skont is-subartikoli (8), (10), (11) u (12) għandu

jkun ikkalkolat fuq il-qligħ medju tal-impjegat matul it-tliet xhur li jiġu sew sew qabel il-jum li fih jingħata l-avviż jew l-impjegat jitlaq ix-xogħol jew jiġi mibgħut ’il barra mill-prinċipal.

(14) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta’ qabel ta’ dan l-artikolu, prinċipal jista’ jibgħat impjegat b’kuntratt ta’ servizz għal żmien bla limitu u l-impjegat b’kuntratt ta’ servizz għal żmien bla limitu jista’ jitlaq is-servizz tal-prinċipal, mingħajr ma jagħti avviż u mingħajr ebda obbligu li jagħmel ħlas kif provdut fis-subartikolu (10) jekk ikun hemm raġuni tajba u biżżejjed biex dak l-impjegat jintbagħat jew jitlaq mis-servizz:

Iżda minkejja d-dispożizzjonijiet ta’ qabel ta’ dan l-artikolu, impjegat jista’ jabbanduna kuntratt ta’ servizz għal perjodu ta’ żmien fiss qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat fil-kuntratt u l-prinċipal jista’ jittermina kuntratt ta’ servizz għal perjodu ta’ żmien fiss qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat fil-kuntratt kif provdut fis-subartikoli (11) u (12) jekk ikun hemm raġuni valida u ġusta għal din it-tkeċċija jew abbandun.

Iżda wkoll prinċipal ma jistax iġib bħala raġuni tajba u biżżejjed-

(*a*) illi l-impjegat fiż-żmien li ġie mibgħut kien membru ta’ *trade union* jew qed ifittex l-inkarigu ta’, jew qed jaġixxi bħala jeww aġixxa bħala, ir-rappreżentant tal-impjegati; jew

(*b*) ħlief fil-każ ta’ impjegat domestiku privat, illi l-impjegat ma jgawdix iżjed il-fiduċja tal-prinċipal; jew

(*ċ*) illi impjegat ikun iżżewweġ; jew

(*d*) illi impjegata tkun tqila b’tarbija jew tkun assenti mix-xogħol waqt il-*leave* għal maternità; jew

(*e*) illi l-impjegat kixef informazzjoni, konfidenzjali jew le, lil korp pubbliku regolatorju stabbilit, rigward attivitajiet allegatament illegali jew korrotti magħmula mill-prinċipal jew minn persuni li jaġixxu f’isem u fl-interessi tal-prinċipal; jew

(*f*) illi l-impjegat ppreżenta ilment jew qiegħed jieħu sehem fi proċeduri kontra l-prinċipal li jinvolvu l-allegat ksur ta’ liġijiet jew regolamenti jew illi l-impjegat irrikorra għand l-awtoritajiet kompetenti amministrattivi; jew

(*g*) li n-negozju li fih jaħdem l-impjegat għadda minn trasferiment ta’ proprjetà, sakemm ma jipprovax li t-temm tal-impieg hu meħtieġ għal raġunijiet ekonomiċi, tekniċi jew ta’ organizzazzjoni, li jirrikjedu bidliet fl-għadd ta’ ħaddiema:

Iżda ukoll:

(*a*) salvi d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (*b*), il-prinċipal jista’ jtemm l-impjieg ta’ impjegat meta l-impjegat jilħaq l-età tal-pensjoni kif imfisser fl-Att dwar is-Sigurtà Soçjali; Kap. 318

(*b*) minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (*a*),

prinċipal ma jistax jittermina l-impjieg ta' impjegata mara mwielda fil-31 ta' Diċembru 1951 jew qabel, qabel ma hija tilħaq l-età ta' wieħed u sittin sena.

(15) Kuntratt ta' servizz ma għandux, ħlief bil-kunsens tal-impjegat, jintemm mill-prinċipal matul xi perjodu ta' inkapaċità għax-xogħol tal-impjegat kaġunata b'korriment b'disgrazzja li tiġri mill-impieg u waqt l-impieg jew minn xi mard li jiġi mix-xogħol li huma speċifikati fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali meta dan jiġri fis-servizz ta' dak il-prinċipal:

Iżda -

(*a*) matul dak il-perjodu ta' inkapaċità l-impjegat ikollu jedd għall-paga imnaqqsa b'kull benefiċċju għal korriment li jitħallas skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali mhux inkluż kull benefiċċju għal disabilità permanenti, kif jista' jkun provdut skont jew taħt xi kondizzjoni magħrufa ta' impieg kif imfisser fit-Taqsima II tat-Titolu I ta' dan l-Att; u

(*b*) id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma jkunux igħoddu wara l-ewwel tnax-il xahar ta' inkapaċità skont il-kalendarju.

(16) Meta tispiċċa l-inkapaċità għax-xogħol imsemmija fl-aħħar subartikolu qabel dan il-prinċipal għandu, fi żmien wieħed u għoxrin jum minn talba magħmula mill-impjegat, jerġa' jdaħħal l-impjegat fl-impieg tiegħu ta' qabel jew, jekk il-korriment jew marda jkun ġiebu inkapaċità li minħabba fiha l-impjegat ma jkunx tajjeb għall-impieg ta' qabel f'impieg ieħor xieraq:

Iżda t-talba tal-impjegat biex jerġa' jiġi impjegat għandha ssir bil-miktub fi żmien sebat ijiem minn meta tispiċċa l-inkapaċità għax-xogħol.

(17) Impjegata *whole-time* ma tistax tintbagħat mill-prinċipal matul il-perjodu tal-*leave* għal maternità tagħha jew il-perjodu ta' ħames ġimgħat wara dak il-*leave* li matulu ma tkunx tista' taħdem minħabba kondizzjoni patoloġika li tinqala' mill-ħlas.

(18) Kull perjodu ta' inkapaċità għax-xogħol imsemmi fl-aħħar subartikolu qabel dan għandu jitnaqqas mill-perjodu ta' *leave* għal mard li għalih l-impjegata jkollha jedd fiż-żmien ta' dik l-inkapaċità, hekk iżda li l-perjodu ta' inkapaċità li jkun iżjed mill-imsemmi *leave* għal mard jitqies li hu *leave* ta' assenza mingħajr jedd għall-paga:

Iżda l-prinċipal jista' jeħtieġ lill-impjegata li tipproduċi prova ta' dik l-inkapaċità għax-xogħol u jista' jeħtieġ li t-tabib tiegħu iżur lil dik l-impjegata u jirrapportalu fuq il-kondizzjoni ta' saħħitha.

(19) L-impjegata jkollha, meta jintemm il-*leave* għal maternità li għaliħ għandha jedd taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew il-perjodu ta' inkapaċità tagħha għax-xogħol li għalih jirreferi is-subartikolu (17), jedd li terġa' tidħol għax-xogħol fil-post li kienet tokkupa meta beda l-*leave* għal maternità tagħha, jew f'post analogu jekk fiż-żmien meta hekk ikollha l-jedd il-post li qabel kienet tokkupa ma jkunx għadu disponibbli.

(20) Meta impjegata ma terġax tidħol għax-xogħol kif provdut fis-subartikolu ta’ qabel dan, jew, wara li tkun hekk reġgħet bdiet ix-xogħol tabbanduna s-servizz tal-prinċipal tagħha, mingħajr raġuni tajba u biżżejjed fi żmien sitt xhur mid-data li fiha tkun hekk reġgħet bdiet, din tkun obbligata, bla ħsara għal kull obbligu ieħor taħt dan l-Att, li tħallas lill-prinċipal somma li tkun daqs il-pagi li rċeviet matul il-*leave* għal maternità.

*Redundancies* kollettivi.

**37.** (1) Prinċipal ma għandux itemm l-impieg ta’ xi impjegat għar-raġuni ta’ *redundancy* kollettiva qabel ma jkun innotifika bil-miktub lir-rappreżentanti tal-impjegati magħrufin minnu dwar il-ħsieb li għandu li jtemm l-impieg u jkun ta lir-rappreżentati msemmija opportunità biex jikkonsultaw mal-prinċipal.

(2) Il-Ministru jista’, wara konsultazzjoni mal-Bord, jagħmel regolamenti biex jippreskrivi ċ-ċirkostanzi li fihom *redundancies* għandhom jitqiesu bħala *redundancies* kollettivi; il-mod li bih għandhom jinżammu l-konsultazzjonijiet bejn il-prinċipal u r-rappreżentanti tal-impjegati; il-proċedura li għandha tiġi adottata; il-kategoriji jew il-klassijiet ta’ impiegi li huma eżenti mill-effetti ta’ dan l-artikolu, u kull ħaġa oħra li għandha x’taqsam jew hi anċillari għal dan.

(3) Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-artikolu jew ta’ xi regolamenti magħmula taħtu, tkun ħatja ta’ reat kontra dan l-Att.

Trasferiment tan-negozju.
*Emendat: IX. 2003.124.*

**38.** (1) Meta negozju jew azjenda oħra jittieħed il-kontroll tagħhom, għal kollox jew f’parti, minn persuna (hawnhekk iżjed ’il quddiem f’dan l-artikolu msejħa "il-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju") mingħand prinċipal (hawnhekk iżjed ’il quddiem f’dan l-artikolu msejjaħ "min jittrasferixxi"), kull impjegat fl-impieg ta’ min jittrasferixxi fid-data tat-trasferiment tan-negozju għandu jitqies li jkun fl-impieg tal-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju u l-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju għandha tassumi d-drittijiet u l-obbligi kollha li min jittrasferixxi għandu rigward l-impjegat.

(2) Min jittrasferixxi u l-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju għandhom jinformaw lir-rappreżentanti tal-impjegati dwar l-impjegati rispettivi tagħhom li ser jkunu milquta bit-trasferiment dwar -

(*a*) id-data jew id-data maħsuba għat-trasferiment;

(*b*) ir-raġunijiet għat-trasferiment;

(*ċ*) l-implikazzjonijiet legali, ekonomiċi u soċjali tat-trasferiment għall-impjegati; u

(*d*) il-miżuri li ser jittieħdu rigward l-impjegati.

(3) Wara t-trasferiment, il-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju għandha tkompli tosserva l-patti u l-kondizzjonijiet miftehma f’xi ftehim kollettiv bl-istess mod kif kienu applikabbli għal min jittrasferixxi taħt dak il-ftehim, sad-data tat-tmiem jew egħluq tal-ftehim kollettiv, jew il-bidu fis-seħħ jew l-applikazzjoni ta’ ftehim kollettiv ieħor.

(4) Is-subartikoli (1) u (3) ma jgħoddux għat-trasferiment ta' azjenda, negozju, jew parti minn azjenda jew negozju fejn min jittrasferixxi hu suġġett għal proċeduri ta' falliment jew ta' stralċ ordnat mill-Qorti skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpanniji, jew proċeduri oħra ta' falliment li nbdew biex jiġu likwidati l-assi ta' min jittrasferixxi u huma taħt is-sorveljanza ta' likwidatur nominat mill-Qorti.

Kap. 386.

(5) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jippreskrivi l-mod li bih għandhom jinżammu l-konsultazzjonijiet bejn il-prinċipal u r-rappreżentanti tal-impjegati; il-proċedura li għandha tiġi adottata; il-kategoriji jew il-klassijiet ta' impiegi li huma eżenti mill-effetti ta' dan l-artikolu, u kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam jew hi anċillari għal dan.

(6) Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' xi regolamenti magħmula taħtu, tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att.

Impjegati meħlusin mit -tħaddim tal-artikoli 36, 37 u 38.
Kap. 234.
*Emendat: VI.2019.3.*

**39.** Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 36 ma għandhomx jgħoddu għall-baħrin impjegati fuq bastimenti skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili; u fil-każ li xi dispożizzjonijiet tal-imsemmi Att ma jkunux jaqblu mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, għandhom jgħoddu dawk tal-imsemmi Att.

Kondizzjoni f'kuntratt ta' servizz mingħajr effett.

**40.** Kull kondizzjoni f'kuntratt ta' servizz li tagħti s-setgħa lill-prinċipal li jtemm l-impieg ta' impjegata meta tiżżewweġ jew meta ssir tqila b'tarbija tkun nulla u mingħajr effett.

Ċertifikati ta' servizz.

**41.** Mat-temm ta' kuntratt ta' servizz li jdum iktar minn xahar, il-prinċipal ikun marbut, fuq it-talba tal-impjegat, li jagħtih ċertifikat li jsemmi kemm dam l-impieg, ix-xorta tax-xogħol jew servizzi magħmulin u, jekk l-impjegat hekk jixtieq, ir-raġuni għat-temm tal-kuntratt, u r-rata tal-paga mħallsa:

Iżda l-prinċipal ma jkunx meħtieġ jagħti r-raġuni tat-temm tal-impieg, jekk l-impieg jintemm waqt il-perjodu ta' impieg bi prova.

Kondizzjonijiet li jkunu anqas favorevoli mill-Att.

**42.** Jekk mhux f'każ kif provdut xort'oħra b'dan l-Att, jekk kuntratt ta' servizz bejn impjegat u l-prinċipal tiegħu jew ftehim kollettiv bejn il-prinċipal u r-rappreżentanti magħrufin tal-*union*, jipprovdi għal xi kondizzjoni ta' impieg, inklużi kondizzjonijiet dwar it-temm ta' dak il-kuntratt, li jkunu anqas favorevoli għall-impjegat minn dawk speċifikati fi jew taħt l-Att, dawn għandu jkollhom effett daqslikieku minflok dawk il-kondizzjonijiet li huma anqas favorevoli għall-impjegat kien hemm imdaħħla l-kondizzjonijiet speċifikati fi jew taħt dan l-Att:

Iżda, f'każijiet eċċezzjonali, il-prinċipal jista', bi ftehim mal-impjegat jew mar-rappreżentant tal-*union*, jipprovdi kondizzjonijiet ta' impieg differenti minn dawk speċifikati fi jew skont dan l-Att, sakemm dan il-ftehim ikun bħala miżura temporanja biex jiġu evitati *redundancies* u sakemm il-ftehim jiġi approvat mid-Direttur, liema approvazzjoni għandha tiġi riveduta kull erba' ġimgħat.

TAQSIMA VI

INFURZAR U KSUR RIGWARD IMPIEGI

**43.** (1) Il-Ministru għandu jaħtar dawk l-uffiċjali tad-dipartiment responsabbli għall-impjegi u relazzjonijiet industrijali jew persuni oħra li jaġixxu f'isem id-Direttur li l-Ministru jidhirlu xieraq sabiex ikunu spetturi għall-finijiet ta' dan l-Att.

Ħatra ta' spetturi. *Emendat: V. 2011.49.*

(2) Spetturi hekk maħturin kif imsemmi hawn qabel ikollhom is-setgħa -

(*a*) li jidħlu bla tfixkil u mingħajr ma qabel javżaw f'kull ħin xieraq f'kull fond jew post suġġett għall-ispezzjon taħt dan l-Att;

(*b*) li jagħmlu f'kull fond jew post bħal dan kull eżami, test jew stħarriġ li huma jidhrilhom meħtieġa sabiex jassiguraw ruħhom li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti jew ordnijiet taħtu kif ukoll kull kondizzjoni magħrufa ta' impieg qegħdin jiġu mħarsa, u partikolarment -

(i) li jagħmlu mistoqsijiet, weħidhom jew quddiem ix-xhieda, lill-prinċipal jew lill-impjegati fuq kull ħaġa minn dawk imsemmijin;

(ii) li jordnaw li juruhom kotba, reġistri jew dokumenti oħra li skont dan l-Att jew xi ordni maħruġ taħtu għandhom jinżammu u li jikkopjaw dawk id-dokumenti jew jieħdu estratti minnhom.

(3) Fl-okkażjoni ta' żjara ta' spezzjon, spettur għandu jgħarraf lill-prinċipal jew lir-rappreżentant tiegħu bil-preżenza tiegħu, kemm-il darba huwa ma jidhirlux illi dik it-tagħrifa tista' tkun ta' ħsara għall-qadi ta' dmirijietu.

(4) Il-fondi u postijiet suġġetti għall-ispezzjon taħt dan l-Att huma kull fond jew post li dwaru jgħoddu xi dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolament jew ordni taħtu jew xi kondizzjonijiet magħrufin ta' impieg jew kull fond jew post li dwaru spettur ikollu għalfejn jaħseb illi jgħoddu d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew regolamenti jew ordnijiet taħtu jew kondizzjonijiet magħrufin ta' impieg.

(5) Dawn l-ispetturi -

(*a*) ma jistax ikollhom xi interess dirett jew indirett f'xi fondi jew postijiet li jaqgħu taħt l-ispezzjon tagħhom;

(*b*) ma għandhom jikxfu f'ebda żmien, lanqas wara li ma jibqgħux spetturi, sigrieti ta' manifattura jew kummerċ jew proċessi tax-xogħol li jkunu saru jafu bihom fil-qadi ta' dmirijiethom;

(*ċ*) għandhom iqisu bħala assolutament konfidenzjali l-oriġini ta' kull ilment li bih jiġu mgħarrfin b'difett jew ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti jew ordnijiet taħtu jew ta' kondizzjonijiet magħrufin tal-impieg; u

(*d*) ma għandhom qatt igħarrfu lill-prinċipal jew lir-rappreżentant tiegħu illi żjara ta' spezzjon saret

minħabba li waslilhom ilment bħal dak.

(6) Kull spettur għandu jkun fornut b'ċertifikat tal-ħatra tiegħu u meta jitlob biex jidħol f'xi fond jew post għall-finijiet ta' dan l-Att, għandu, jekk hekk mitlub, juri l-imsemmi ċertifikat.

(7) Kull spettur li jikser id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5), minbarra kull kastig ieħor li għalih huwa jista' jkun suġġett, jista' wkoll jitkeċċa *ipso facto* mill-impieg tiegħu mal-Gvern.

(8) Persuna ma għandhiex -

(*a*) tonqos li twieġeb jew twieġeb ħażin jew li iġġiegħel lil xi persuna oħra biex ma tweġibx jew biex twieġeb ħażin għal xi mistoqsija li spettur ikun awtorizzat jagħmel skont dan l-Att; jew

(*b*) tonqos li turi kotba, reġistri jew dokumenti oħra illi, skont is-subartikolu (2)(*b*)(ii), hija tkun mitluba minn spettur biex iġġiblu; jew

(*ċ*) direttament jew indirettament ma tħallix illi persuna tidher quddiem spettur jew tiġi mistoqsija minnu, jew tittanta li tagħmel hekk; jew

(*d*) tfixkel b'xi mod lil spettur fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu skont dan l-Att:

Iżda ħadd ma jkun meħtieġ skont il-paragrafu (*a*) li jwieġeb għal xi mistoqsija li tista' tinkriminah.

Proċedimenti kriminali.

**44.** (1) Fi proċedimenti kriminali magħmulin mill-Pulizija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għal reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, id-Direttur jew uffiċjal tad-dipartiment tiegħu mqabbad minnu jista', minkejja xi dispożizzjoni kuntrarja ta' xi liġi oħra, jagħmel l-akkuża quddiem il-qorti, iġib il-provi, jittratta u xort'oħra jmexxi l-kawża għall-prosekuzzjoni minflok il-Pulizija.

(2) Id-dikjarazzjoni bil-ġurament ta' kull uffiċjal imsemmi fis-subartikolu li jaħbat sew sew qabel dan li huwa ġie mqabbad mid-Direttur għall-iskop hemmhekk imsemmi, tkun prova biżżejjed li hu ġie hekk imqabbad, jekk din il-prova tiġi mitluba mill-akkużat.

(3) Id-Direttur jew l-uffiċjal imqabbad minnu jista', madankollu, jinġieb bħala xhud, imma jekk ix-xiehda tiegħu tkun tinħtieġ mill-prosekuzzjoni, huwa għandu jinstema' bħala xhud qabel ma jibda dmirijietu bħala uffiċjal prosekutur (minbarra dak li jgħid il-fatti li jiffurmaw ir-reat) ħlief meta l-ħtieġa tax-xiehda tiegħu tinqala' wara.

Pieni.
*Emendat: A.L. 427 tal-2007; XIV.2025.2.*

**45.** (1) Kull prinċipal li jikser jew jonqos milli joqgħod għal xi kondizzjoni magħrufa ta' impieg preskritta b'ordni ta' *standard* nazzjonali jew b'ordni biex jirregola settur jew bi ftehim kollettiv, jew għal xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu jeħel, sakemm ma jkunx hemm piena differenti stabbilita għal reat bħal dak, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn elfejn euro (€2,000) u ma teċċedix ħamest elef euro (€5,000):

Iżda jekk il-prinċipal jinstab ħati għat-tieni darba jew aktar drabi wara li kiser kwalunkwe kondizzjoni u, jew dispożizzjoni

msemmija fis-subartikolu (1), il-multa għandha tkun ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (€5,000) u ma teċċedix sebat elef euro (€7,000).

(2) Meta xi prinċipal jinstab ħati li -

(*a*) ikun naqas li jħallas pagi b'mhux anqas mir-rata applikabbli skont kondizzjoni magħrufa ta' impieg kif imfisser fit-Taqsima III ta' dan l-Att jew skont kuntratt ta' servizz, liema tkun l-ogħla, jew

(*b*) ikun għamel tnaqqis illegali jew ikun waħħal xi multa minbarra dawk espressament permessi bl-artikolu 19, jew

(*ċ*) ikun naqas li jħallas xi *bonus* li għandu jitħallas skont l-artikolu 23, jew xi ħlas ieħor li għandu jitħallas minn prinċipal lil impjegat skont dan l-Att jew skont xi ordni magħmul taħtu, jew

(*d*) ikun żamm xi rimunerazzjoni jew xi pagament li għandu jitħallas minflok in-*notice*, jew

(*e*) ikun naqas li jagħti vaganzi bi ħlas kif provdut jew kif speċifikat f'xi ordni ta' *standard* nazzjonali, ordni biex jirregola settur jew kuntratt ta' servizz, jew

(*f*) ikun naqas li jagħmel xi pagament dovut lil impjegat skont dan l-Att jew skont xi ordni ta' *standard* nazzjonali, ordni biex jirregola settur jew xi ordni ieħor magħmul taħt dan l-Att,

il-qorti għandha, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni, minbarra li tagħti l-piena stabbilita bis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu, tordna lill-ħati, wara l-prova tal-ammont, li jirrifondi jew iħallas lill-impjegat jew lill-impjegati li jkunu, jew lill-apprendista jew lill-apprendisti li jkunu, skont il-każ, l-imsemmi ammont dovut minnu u, fil-każ ta' vaganzi bi ħlas li ma jingħatawx, somma daqs il-ħlas dwarhom, u kull ordni bħal dak tal-qorti għandu jkun tal-istess forza u effett u jkun esegwibbli bl-istess mod daqslikieku jkun ingħata f'kawża ċivili bejn l-impjegat jew l-impjegati li jkunu jew l-apprendista jew l-apprendisti li jkunu, skont il-każ, u l-prinċipal:

Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma tnaqqas minn xi jedd tal-impjegat jew l-apprendista, skont il-każ, li jiġbor b'xi mezzi oħra kull ammont li hu jkollu jieħu.

(5) L-artikolu 24 tal-Kodiċi Kriminali ikun igħodd dwar reati taħt dan l-Att. Kap. 9.

**46.** Meta reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regolamenti jew ordnijiet magħmula bis-saħħa tiegħu jsir minn soċjetà, kumpannija, għaqda jew korp ieħor ta' persuni, kull persuna li fiż-żmien li jkun sar ir-reat, kienet direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor bħal dawk ta' dik is-soċjetà, kumpannija, għaqda jew korp ieħor ta' persuni jew kienet tidher li qed taġixxi f'xi kariga tali titqies li tkun ħatja ta' dak ir-reat jekk ma tippruvax li r-reat sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li kienet eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex timpedixxi l-għemil tar-reat.

Reati minn soċjetà, eċċ.

Limitazzjoni ta' azzjoni.
*Emendat: XIV.2025.3.*

**47.** (1) Proċedimenti għal reat skont dan l-Att jew skont xi regolamenti jew ordnijiet magħmulin taħtu jistgħu jinbdew f'kull żmien fi żmien sentejn (2) mill-għemil tar-reat.

(2) Fejn ir-reat jirreferi għan-nuqqas mill-prinċipal li jħallas il-paga lil impjegat jew in-nuqqas li jagħti vaganzi bi ħlas kif meħtieġ b'dan l-Att jew kif speċifikat b'xi ordni ta' *standard* nazzjonali jew b'ordni biex jirregola settur, ir-reat jitqies li hu reat kontinwat jekk il-prinċipal jkun naqas li jħallas il-pagi dovuti lill-impjegat regolarment matul il-perjodu ta' preskrizzjoni.

Dritt ta' appell tal-Avukat Ġenerali.
*Miżjud: XVI. 2012.7.*
Kap. 9.

**47A.** Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali jkollu dejjem id-dritt għal appell lill-Qorti tal-Appell Kriminali minn kull deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati dwar proċeduri kriminali skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

## TAQSIMA VII

## AMMINISTRAZZJONI LI GĦANDHA X'TAQSAM MA' IMPIEGI

Regolamenti.
*Emendat: IX. 2003.125; A.L. 427 tal-2007; XVI. 2012.8; IV. 2015.18; XXIX.2019.71.*

**48.** (1) Il-Prim Ministru jkollu s-setgħa li jippreskrivi permezz ta' regolamenti l-applikabilità ta' kull artikolu jew subartikolu tat-Titolu I u tat-Titolu II ta' dan l-Att għal servizz mal-gvern u għal membri ta' forza dixxiplinarja.

(2) Il-Ministru jkollu s-setgħa li jagħmel regolamenti biex jitwettqu u jingħataw effett kull dispożizzjoni ta' dan l-Att fuq kull materja li għandha x'taqsam ma' relazzjonijiet ta' impieg u ma' relazzjonijiet industrijali.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-setgħa mogħtija bis-subartikolu (2), ir-regolamenti jistgħu -

Kap. 605.

(*a*) jippreskrivu l-mod u ċ-ċirkostanzi li fihom persuni li jkunu 'l fuq mill-età obbligatorja għall-iskola, kif imfisser fl-Att dwar l-Edukazzjoni, u li ma jkunux għadhom għalqu t-tmintax-il sena, jistgħu jaħdmu, inkluża s-setgħa li ċerti kategoriji jew klassijiet ta' impieg jiġu dikjarati bħala impiegi projbiti għal dawn il-persuni;

(*b*) jippreskrivu dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita mill-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, inkluż il-mod li bih issir il-votazzjoni u li jimtela l-post ta' xi membru li jitbattal, il-mod li bih jitmexxa x-xogħol u l-*quorum* meħtieġ għal dan ix-xogħol;

(*ċ*) jippreskrivu d-drittijiet li għandhom jitħallsu dwar kull ħaġa meħtieġa jew li tista' ssir skont dan l-Att;

(*d*) jippreskrivu jew mod ieħor jipprovdu għal kull ħaġa li għandha jew tista' tiġi preskritta jew provdut għaliha b'dan l-Att jew b'regolamenti magħmulin taħtu.

(4) Kull regolament magħmul taħt dan l-Att jista' jipprovdi għal kull ħaġa li għandha x'taqsam mar-responsabilità għat-tħaris tar-regolamenti, u dwar il-persuni li jkunu responsabbli, u għal kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-infurzar ta' dawk ir-regolamenti,

inkluża, iżda mhux limitata għal, l-impożizzjoni ta' multa li ma taqbiżx ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) għall-ksur ta', jew nuqqas ta' tħaris, tad-dispożizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti.

(5) Ir-regolamenti magħmulin skont is-subartikoli (2) u (3) għandhom, sakemm ma jkunx hemm espliċitament previst il-kuntrarju f'xi liġi oħra jew taħtha, jipprevalu fuq dak li hu previst f'xi liġi oħra jew taħtha fir-rigward ta' kull materja li għandha x'taqsam ma' relazzjonijiet industrijali jew dwar impieg.

**48A.** Bla ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan l-Att li tagħti s-setgħa lill-Ministru li jagħmel regolamenti, il-Ministru jista', soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar iż-Żona Ekonomika Esklussiva, minn żmien għal żmien, jagħmel, jemenda, jissostitwixxi jew iħassar regolamenti bil-għan li jirregola, jippreskrivi jew jipprovdi mod ieħor għal kwalunkwe kwistjoni regolata minn jew taħt dan l-Att jew minn jew taħt kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu, fir-rigward ta' medda f'żona ekonomika esklussiva jew medda ta' protezzjoni tal-ambjent kif imfissra fl-Att dwar iż-Żona Ekonomika Esklussiva jew kwalunkwe attivitajiet inklużi fiha, iżda mhux limitati, għall-applikabbiltà jew mod ieħor ta' dan l-Att u, jew ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu.

Setgħa li jsiru regolamenti fir-rigward ta' medda f'żona ekonomika esklussiva jew medda ta' protezzjoni tal-ambjent.
*Miżjud: XXXV.2023.66.*
Kap. 625.

TITOLU II

RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI

TAQSIMA I

ORGANIZZAZZJONI TA' ĦADDIEMA U PRINĊIPALI

Sotto-taqsima I

Stat, reġistrazzjoni u tmexxija ta' *trade unions* u ta' assoċjazzjonijiet ta' prinċipali

**49.** (1) *Trade union* u assoċjazzjoni ta' prinċipali għandhom, għall-finijiet kollha tal-liġi, jitqiesu bħala assoċjazzjoni ta' persuni u mhux bħala enti morali, iżda -

Stat ta' *trade unions* u ta' assoċjazzjonijiet ta' prinċipali.

(*a*) din tkun tista' tagħmel kuntratti;

(*b*) il-proprjetà kollha tal-*union* jew tal-assoċjazzjoni tkun vestita fil-*union* jew fl-assoċjazzjoni, iżda s-setgħat kollha, kemm jekk ta' tneħħija, amministrazzjoni jew xort'oħra, dwar dik il-proprjetà jkunu eżerċitabbli minn jew bl-awtorità tal-korp ta' persuni, ikun x'ikun imsejjaħ, li bir-regoli tal-*union* jew tal-assoċjazzjoni jkun inkarigat mit-tmexxija tax-xogħol tagħha;

(*ċ*) din tkun tista' tħarrek u, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, li tiġi mħarrka, sew fi proċedimenti dwar proprjetà jew bażati fuq kuntratt, delitt jew kważi-delitt, jew fuq xi kawża oħra ta' azzjoni tkun li tkun;

(*d*) proċedimenti dwar kull reat li jkun allegat li sar minnha jew f'isimha jistgħu jinġiebu kontra kull wieħed mill-uffiċjali tagħha jew uffiċjali oħra kif provdut fl-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni;

Kap. 249.

(*e*) kull sentenza jew ordni mogħti f'xi proċedimenti jkun esegwibbli kontra kull proprjetà tal-*union* jew tal-assoċjazzjoni.

(2) L-għanijiet ta' xi *trade union* jew ta' assoċjazzjoni ta' prinċipali m'għandhomx, minħabba biss li jrażżnu n-negozju, ikunu kontra l-liġi hekk illi -

(*a*) xi membru tal-*union* jew tal-assoċjazzjoni jkun suġġett għal proċedimenti kriminali; jew

(*b*) xi ftehim ikun null jew jista' jiġi annullat, lanqas ma għandha xi regola bħal dik ta' *trade union* jew ta' assoċjazzjoni ta' prinċipali tkun kontra l-liġi jew ma tkunx tista' tiġi nfurzata minħabba biss li trażżan in-negozju.

Regoli ta' *trade unions* u ta' assoċjazzjonijiet ta' prinċipali.

**50.** (1) Ir-regoli ta' kull *trade union* u ta' kull assoċjazzjoni ta' prinċipali għandu jkollhom dispożizzjonijiet dwar il-ħwejjeġ imsemmija fid-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu.

(2) Ir-regoli għandhom -

(*a*) jispeċifikaw l-isem tat-*trade union* jew tal-assoċjazzjoni ta' prinċipali, l-indirizz tal-uffiċċju prinċipali tagħha u l-għanijiet li għalihom tkun twaqqfet;

(*b*) jipprovdu dwar l-għanijiet li għalihom, u l-mod li bih, kull proprjetà jew fondi tal-*union* jew tal-assoċjazzjoni huma awtorizzati li jiġu applikati jew investiti;

(*ċ*) jekk xi benefiċċji finanzjarji jkunu se jingħataw lil membri tat-*trade union* jew tal-assoċjazzjoni ta' prinċipali mill-proprjetà jew mill-fondi tagħha, jipprovdu għall-ammonti ta' dawk il-benefiċċji u ċ-ċirkostanzi li taħthom jistgħu jingħataw lill-membri;

(*d*) jispeċifikaw l-offiżi li għallhom l-*union* jew l-assoċjazzjoni tista' taħt ir-regoli tkeċċi membru jew tieħu xi azzjoni dixxiplinari oħra, il-pieni applikabbli għal kull waħda minn dawk l-offiżi, u l-proċedura għas-smigħ tal-każijiet fejn jiġu allegati offiżi kontra r-regoli;

(*e*) jipprovdu għall-elezzjoni ta' kumitat ta' tmexxija u għall-elezzjoni tiegħu mill-ġdid f'intervalli xierqa, għall-elezzjoni u l-ħatra ta' uffiċjali tal-*union* jew tal-assoċjazzjoni u ta' uffiċjali oħra, u għall-mod li bih il-kumitat ta' tmexxija, u l-uffiċjali kollha jistgħu jitneħħew mill-kariga;

(*f*) jipprovdu għat-tiżmim ta' kontijiet sħaħ u eżatti mill-*union* jew assoċjazzjoni, għall-ħatra ta' udituri u għall-verifika ta' kull sena tal-kontijiet;

(*g*) jipprovdu għall-ispezzjon tal-kotba u tal-ismijiet tal-

membri tal-*union* jew assoċjazzjoni minn kull persuna li jkollha interess fil-fondi tal-*union* jew assoċjazzjoni;

(*h*) jispeċifikaw il-mod li bih kull regola tal-*union* jew assoċjazzjoni tista' ssir, tinbidel jew tiġi revokata, u ċ-ċirkostanzi li taħthom u l-mod li bih l-*union* jew assoċjazzjoni tista' tiġi xolta.

(3) Kull *trade union* u kull assoċjazzjoni ta' prinċipali għandha fuq it-talba ta' kull persuna tagħtiha kopja tar-regoli, kif ikunu fis-seħħ fid-data tat-talba, jew mingħajr ħlas jew mal-ħlas ta' somma kif jista' jiġi preskritt.

It-*trade unions* u l-assoċjazzjonijiet tal-prinċipali m'għandhomx jaħdmu jekk ma jkunux reġistrati. *Emendat: A.L. 427 tal-2007.*

**51.** (1) *Trade union* jew assoċjazzjoni ta' prinċipali, u kull membru u kull uffiċjal tagħha, m'għandhom jagħmlu ebda ħaġa li tmexxi 'l quddiem xi wieħed mill-għanijiet li għaliha tkun ġiet iffurmata kemm-il darba dik il-*union* jew assoċjazzjoni ma tkunx qabel ġiet reġistrata.

(2) Kull *trade union* jew assoċjazzjoni ta' prinċipali, u kull membru u kull uffiċjal tagħha, li jikser id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ikun ħati ta' reat u jeħel meta jinsab ħati multa ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

Reġistratur ta' *Trade Unions.*

**52.** (1) Għall-finijiet ta' dan l-Att, uffiċjal pubbliku għandu jinħatar bħala, jew ikun nominat biex jaqdi d-dmirijiet ta', Reġistratur ta' *Trade Unions.*

(2) Ir-Reġistratur għandu jaqdi l-funzjonijiet u d-dmirijiet mogħtija lilu b'dan l-Att, u għall-fini tal-eżerċizzju ta' dawk il-funzjonijiet u tal-qadi ta' dawk id-dmirijiet dan ikollu s-setgħa li jeħtieġ lil kull persuna li tagħtih kull tagħrif rilevanti u li tipproduċilu kull dokument rilevanti, u jista' wkoll jagħti ġuramenti.

Reġistrazzjoni ta' *trade unions* u ta' assoċjazzjonijiet ta' prinċipali.

**53.** (1) Kull seba' membri jew iktar ta' *trade union* jew ta' assoċjazzjoni ta' prinċipali jistgħu, billi jiffirmaw ir-regoli tal-*union* jew ta' assoċjazzjoni, u billi xort'oħra jħarsu d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att dwar reġistrazzjoni, jirreġistraw il-*union* jew assoċjazzjoni skont dan l-Att:

Iżda jekk xi wieħed mill-għanijiet ta' *trade union* jew assoċjazzjoni ta' prinċipali ma jkunx skont il-liġi r-reġistrazzjoni ta' dik il-*union* jew assoċjazzjoni tkun nulla.

(2) Biex jiġi stabbilit in-numru ta' membri ta' *trade union* għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att ma jingħadd ebda individwu li ma jkunx għalaq is-sittax-il sena jew li ma jkunx jirrisjedi f'Malta; u biex jiġi stabbilit in-numru tal-membri ta' assoċjazzjoni ta' prinċipali ma tingħadd ebda persuna li magħha jew li għaliha ebda individwu ma jkun daħal fi, jew ikun jaħdem taħt, kuntratt ta' impieg għal servizz f'Malta.

Dispożizzjonijiet dwar reġistrazzjoni.

**54.** (1) Kull *trade union* u kull assoċjazzjoni ta' principali għandha tkun reġistrata skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Bla ħsara għal kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att dwar reġistrazzjoni, id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandu jkollhom effett

dwar ir-reġistrazzjoni ta' *trade unions* u assoċjazzjonijiet ta' prinċipali taħt dan l-Att, jiġifieri -

(*a*) applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-*union* jew assoċjazzjoni u tar-regoli tagħha għandha tintbagħat jew tiġi prodotta lir-Reġistratur flimkien ma' żewġ kopji stampati tar-regoli u ma' lista tal-ismijiet tal-uffiċjali tal-*union* jew assoċjazzjoni li fiha jkunu jidhru wkoll il-karigi rispettivi tagħhom;

(*b*) ebda *trade union* jew assoċjazzjoni ta' prinċipali ma għandha tkun reġistrata taħt isem li jkun l-istess bħal dak li bih xi *union* jew assoċjazzjoni oħra tkun għal dak iż-żmien reġistrata skont dan l-Att, jew ikun hekk jixbah lil dak l-isem li x'aktarx iqarraq lill-pubbliku;

(*ċ*) jekk ir-Reġistratur ikun sodisfatt li l-*union* jew l-assoċjazzjoni tkun ħarset id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att dwar reġistrazzjoni, jew jekk il-Qorti tal-Appell tkun hekk ordnat skont l-artikolu 55, dan għandu jirreġistra l-*union* jew l-assoċjazzjoni, skont il-każ, u r-regoli tagħha;

(*d*) malli jirreġistra *trade union* jew assoċjazzjoni ta' prinċipali, ir-Reġistratur għandu joħroġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

(3) Kull tibdil fir-regoli ta' *trade union* jew assoċjazzjoni ta' prinċipali għandu jkun reġistrat mar-Reġistratur, u kull tibdil bħal dak m'għandux jibda jseħħ ħlief mid-data tar-reġistrazzjoni tiegħu jew minn dik id-data aktar tard li tista' tiġi speċifikata fir-regoli.

(4) Ir-regoli ta' kull *trade union* reġistrata jew assoċjazzjoni ta' prinċipali reġistrata m'għandhomx hekk jinbidlu li ma jibqgħux jissodisfaw jew iħarsu d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li japplikaw għalihom; u r-Reġistratur m'għandux jirreġistra xi regoli, jew tibdil fir-regoli, li jkunu kontra d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu.

Rifjut jew tħassir ta' reġistrazzjoni.

**55.** (1) Jekk ir-Reġistratur ikun sodisfatt illi -

(*a*) l-applikanti għar-reġistrazzjoni ma jkunux ġew awtorizzati kif imiss biex japplikaw għar-reġistrazzjoni; jew

(*b*) xi wieħed mill-għanijiet tat-*trade union* jew tal-assoċjazzjoni ta' prinċipali jkun kontra l-liġi; jew

(*ċ*) l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew ir-regoli tal-*union* jew tal-assoċjazzjoni ma jkunux jaqblu mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att,

dan għandu jirrifjuta r-reġistrazzjoni.

(2) Ir-Reġistratur ikun jista' jħassar ir-reġistrazzjoni ta' kull *trade union* jew assoċjazzjoni ta' prinċipali -

(*a*) fuq it-talba tal-*union* jew tal-assoċjazzjoni, li tkun ipprovata b'dak il-mod li hu jista' jeħtieġ;

(*b*) mal-prova għas-sodisfazzjon tiegħu illi ċertifikat ta' reġistrazzjoni jkun ġie miksub b'qerq jew bi żball, jew

li r-reġistrazzjoni kienet nulla, jew li l-*union* jew l-assoċjazzjoni kienet volontarjament kisret xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(*ċ*) jekk, għal xi raġuni, ir-regoli tal-*union* jew tal-assoċjazzjoni ma jkunux jaqblu mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(*d*) jekk ikun sodisfatt li l-*union* jew l-assoċjazzjoni ma tkunx baqgħet teżisti;

(*e*) jekk ikun sodisfatt li l-għadd tal-membri tal-*union* jew tal-assoċjazzjoni jkun niżel għal anqas minn seba' membri kalkolat kif provdut fl-artikolu 53(2).

(3) Meta r-Reġistratur jirrifjuta li jirreġistra *trade union* jew assoċjazzjoni ta' prinċipali, dan għandu minnufih igħarraf bil-miktub lill-applikanti bir-rifjut u r-raġunijiet tiegħu.

(4) Meta r-Reġistratur ikun bi ħsiebu jħassar ir-reġistrazzjoni ta' *trade union* jew ta' assoċjazzjoni ta' prinċipali, dan għandu jagħti avviż tat-tħassir li jkollu fi ħsiebu lill-*union* jew lill-assoċjazzjoni fejn jagħti r-raġunijiet għal dan it-tħassir; u r-reġistrazzjoni ma titħassarx qabel ma jgħaddu xahrejn mill-għoti ta' dak l-avviż, lanqas ma għandha r-reġistrazzjoni titħassar jekk, qabel it-tħassir, il-*union* jew l-assoċjazzjoni tkun irranġat in-nuqqas jew xort'oħra ħadet passi biex tevita t-tħassir. Jekk minkejja r-raġunijiet miġjuba, jew passi oħra li jkunu ttieħdu, mill-*union* jew mill-assoċjazzjoni, ir-Reġistratur jiddeċiedi li għandu jħassar ir-reġistrazzjoni, dan għandu jgħarraf bil-miktub lill-*union* jew lill-assoċjazzjoni bid-deċiżjoni tiegħu:

Iżda, meta l-*union* jew l-assoċjazzjoni ma tkunx baqgħet teżisti, ir-Reġistratur jista' jħassar ir-reġistrazzjoni mingħajr ma jħares ebda waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu u jagħti avviż tat-tħassir fil-Gazzetta.

(5) Fuq kull rifjut mir-Reġistratur li jirreġistra *trade union* jew assoċjazzjoni ta' prinċipali u fuq kull deċiżjoni minnu li jħassar xi reġistrazzjoni bħal dik, jista' jsir appell lill-Qorti tal-Appell b'rikors li jsir mhux aktar tard minn sebat ijiem minn mindu jikkomunika r-rifjut jew id-deċiżjoni tiegħu kif meħtieġ b'dan l-artikolu. Fuq kull appell bħal dak il-qorti tista' tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa, magħduda kull direttiva dwar l-ispejjeż tal-appell; u kull ordni bħal dak tal-qorti jkun finali.

(6) Il-bord imwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel regoli dwar dawk l-appelli, fejn jipprovdi dwar il-mod li bih jinstemgħu xiehda, jippreskrivi l-proċedura li għandha tiġi mħarsa, il-mod li bih jiġi notifikat l-appell lir-Reġistratur u b'mod ġenerali jipprovdi għal kull ħaġa oħra li l-qorti jidhrilha meħtieġa jew spedjenti. Kap. 12.

(7) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-qorti għall-preżentata ta' atti ġudizzjarji konnessi ma' appelli taħt dan l-artikolu:

Iżda sakemm dawk id-drittijiet jiġu hekk stabbiliti mill-Ministru, għandhom jgħoddu d-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li

tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(8) Ir-Reġistratur ikollu l-jedd li jinstema' fuq kull appell bħal dak u jingħata l-opportunità li jagħmel hekk.

Reġistru ta' *trade unions* u ta' assoċjazzjonijiet ta' prinċipali.

**56.** (1) Ir-Reġistratur għandu jżomm reġistru tat-*trade unions* u tal-assoċjazzjonijiet ta' prinċipali kollha reġistrati skont dan l-Att, li juri l-ismijiet ta' dawk il-*unions* u assoċjazzjonijiet u dawk il-partikolaritajiet l-oħra li r-Reġistratur jidhirlu xierqa.

(2) Ir-reġistru tat-*trade unions* u tal-assoċjazzjonijiet ta' prinċipali għandu jinżamm miftuħ għal spezzjon minn kull persuna mingħajr ħlas fil-ħinijiet xierqa kollha.

Reġistru tal-membri għandu jinżamm minn *trade unions* u assoċjazzjonijiet ta' prinċipali. *Emendat; A.L. 426 tal-2012.*

**57.** (1) Kull *trade union* u kull assoċjazzjoni ta' prinċipali għandha żżomm reġistrazzjoni aġġornata tal-ismijiet tal-membri tal-*union* jew assoċjazzjoni, skont il-każ, li turi d-data rispettiva tas-sħubija tagħhom, in-numri tad-dokumenti ta' identifikazzjoni legalment validi, l-indirizzi u s-snajja jew ix-xogħol tagħhom.

(2) Ir-Reġistratur ikollu s-setgħa f'kull żmien li jispezzjona dawk ir-reġistrazzjonijiet jew li jieħu ħsieb li dawk ir-reġistrazzjonijiet jiġu spezzjonati minn persuna awtorizzata minnu għal hekk, u kull *trade union u* kull assoċjazzjoni ta' prinċipali għandha tagħti lilu u lil kull persuna oħra awtorizzata kif intqal qabel il-faċilitajiet xierqa kollha għal dak il-għan.

Prospetti fis-sena.

**58.** Fit-tieni jew wara t-tieni jum ta' Ġunju u qabel l-ewwel jum ta' Lulju ta' kull sena, ir-Reġistratur għandu b'avviż fil-Gazzetta, jitlob u jeħtieġ lit-*trade unions* u assoċjazzjonijiet ta' prinċipali kollha reġistrati li jibgħatulu f'dik l-għamla jew dak il-format li jeħtieġ -

(*a*) lista tal-ismijiet tal-uffiċjali tal-*union* jew assoċjazzjoni li turi wkoll il-kariga miżmuma minn kull wieħed minnhom;

(*b*) dikjarazzjoni li l-ismijiet tal-membri u partikolaritajiet oħra murija fir-reġistrazzjoni li għandha tinżamm skont l-artikolu 57 ikunu ġew aġġornati u li t-tibdil meħtieġ ikun sar fl-imsemmija reġistrazzjoni għal dan il-għan;

(*ċ*) dikjarazzjoni tad-dħul, fondi u nfiq tal-*union* jew assoċjazzjoni dwar is-sena ta' qabel;

(*d*) kopja tar-rapport annwali li juri l-ħidma tal-*union* jew assoċjazzjoni matul is-sena ta' qabel jew, jekk ma jkun sar ebda rapport bħal dak, dikjarazzjoni ffirmata mis-segretarju tal-*union* jew assoċjazzjoni li turi l-imsemmija ħidma matul dik is-sena,

u kull *trade union* u kull assoċjazzjoni ta' prinċipali għandha tħares dik il-ħtieġa fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta kif imsemmi qabel.

*Records* ta' kontijiet.

**59.** (1) Kull *trade union* u kull assoċjazzjoni ta' prinċipali għandha -

(*a*) tieħu ħsieb li jinżammu *records* tal-kontijiet xierqa

dwar l-operazzjonijiet tagħha u l-attiv u l-passiv tagħha, jiġifieri dawk ir-*records* li jkunu meħtieġa biex jagħtu ħarsa vera u xierqa tal-qagħda tal-*union* jew assoċjazzjoni u li jispjegaw l-operazzjonijiet tagħha; u

(*b*) tistabbilixxi u żżomm sistema sodisfaċenti ta' kontroll tar-*records* tal-kontijiet tagħha, tal-flus li jkollha f'idejha u tad-dħul u rimessi tagħha kollha.

(2) Kull *trade union* u kull assoċjazzjoni ta' prinċipali għandha taħtar uditur jew udituri li jkollhom il-kwalifiki meħtieġa b'dan l-artikolu sabiex jivverifikaw il-kontijiet tagħha; u kull *trade union* jew assoċjazzjoni ta' prinċipali li tkun ilha mwaqqfa għal aktar minn tnax-il xahar għandha għall-anqas darba kull sena kalendarja tieħu ħsieb li dawk il-kontijiet jitħejjew u jiġu verifikati minn dak l-uditur jew dawk l-udituri kif intqal qabel.

(3) Kull *trade union* u kull assoċjazzjoni ta' prinċipali għandha, mhux aktar tard minn xahar wara li l-kontijiet ikunu ġew verifikati, tibgħat kopja ta' dawk il-kontijiet lir-Reġistratur.

(4) Kull *trade union* u kull assoċjazzjoni ta' prinċipali għandha fuq it-talba ta' xi wieħed mill-membri tagħha tagħtih kopja tal-kontijiet tagħha l-aktar riċenti jew mingħajr ħlas jew mal-ħlas ta' dritt kif jista' jiġi preskritt.

(5) Persuna tkun kwalifikata li tivverifika l-kontijiet ta' *trade union* jew ta' assoċjazzjoni ta' prinċipali jekk tkun kwalifikata li tkun uditur ta' kumpannija skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpanniji. Kap. 386.

**60.** (1) Fix-xahar ta' Awissu ta' kull sena r-Reġistratur għandu jagħmel u jibgħat lill-Ministru rapport fuq it-tħaddim ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att. Ir-rapport għandu jinkludi lista tat-*trade unions* u tal-assoċjazzjonijiet ta' prinċipali kollha reġistrati u dikjarazzjoni dwar l-ispezzjonijiet li jkunu saru mir-Reġistratur skont l-artikolu 57. Rapport mir-Reġistratur.

(2) Il-Ministru għandu jieħu ħsieb li r-rapport jiġi pubblikat fil-Gazzetta.

**61.** Il-Ministru jista' jagħmel regoli dwar ir-reġistrazzjoni ta' *trade unions* u assoċjazzjonijiet ta' prinċipali u b'mod partikolari iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, dwar - Regoli dwar reġistrazzjoni.

(*a*) is-siġill, jekk ikun hemm, li għandu jintuża mir-Reġistratur għall-għanijiet tar-reġistrazzjoni;

(*b*) il-formuli li għandhom jintużaw għal dik ir-reġistrazzjoni u għal kull applikazzjoni għaliha;

(*ċ*) l-ispezzjon ta' reġistri u ta' dokumenti miżmuma mir-Reġistratur u l-għemil ta' kopji ta' kull dħul li jsir fihom;

(*d*) id-drittijiet li għandhom jinġabru għar-reġistrazzjoni, għall-ispezzjon ta' kull reġistru jew dokument ieħor, għal kull kopja magħmula minn xi reġistrazzjoni jew dokument, u għal kull servizz ieħor provdut jew għal xi ħaġa preskritta jew li tista' ssir b'dan l-Att;

(*e*) b'mod ġenerali biex iseħħu d-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att.

Reati kontra l-artikoli 57, 58 u 59. *Emendat: A.L. 427 tal-2007.*

**62.** (1) Jekk *trade union* jew assoċjazzjoni ta' prinċipali tirrifjuta jew volontarjament tittraskura li taqdi dmir impost fuqha b'xi jew taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 57, 58 jew 59, it-*trade union* jew l-assoċjazzjoni ta' prinċipali tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

(2) Kull persuna li volontarjament tibdel jew iġġiegħel li jiġi mibdul dokument li hu meħtieġ għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 57, 58 jew 59, bil-ħsieb li tiffalsifika d-dokument jew sabiex *trade union* jew assoċjazzjoni ta' prinċipali tkun tista' ma tħarisx dawk id-dispożizzjonijiet, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena jew multa ta' mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew dik il-priġunerija u multa flimkien.

Sotto-taqsima II

Restrizzjonijiet fuq responsabbiltà u proċedimenti legali u fuq membri tal-union

Ħelsien tat-*trade unions* u assoċjazzjonijiet ta' prinċipali minn kawżi dwar għemil ta' ħsara.

**63.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), ma tista' tittieħed ebda azzjoni dwar delitt jew kważi delitt minħabba xi għemil -

(*a*) li jkun allegat li sar minn jew f'isem *trade union* jew minn jew f'isem assoċjazzjoni ta' prinċipali; jew

(*b*) li jkun allegat li ġie mhedded jew li jkun maħsub li jsir kif intqal qabel,

kontra l-*union* jew l-assoċjazzjoni f'isimha stess, jew kontra xi membri jew kontra kull uffiċjali tal-*union* jew assoċjazzjoni f'isimhom stess u f'isem il-membri l-oħra kollha tal-*union* jew assoċjazzjoni.

(2) Is-subartikolu (1) ma jolqotx ir-responsabbiltà ta' *trade union* jew ta' assoċjazzjoni ta' prinċipali li jiġu mħarrkin dwar kull ħaġa minn dan li ġej, jekk ma tinqalax minn xi għemil bi ħsieb ta' tilwima ta' xogħol jew biex din it-tilwima titmexxa 'l quddiem, jiġifieri -

(*a*) xi traskuraġni, inkonvenjenza jew ksur ta' dmir, (sew jekk impost fuqhom b'xi regola ta' liġi jew b'xi leġislazzjoni) li jwassal għal ħsara fuq il-persuna ta' xi ħadd; jew

(*b*) bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (*a*), ksur ta' xi dmir impost dwar id-dritt għall-proprjetà, jew dwar il-pussess, il-kontroll jew l-użu ta' xi proprjetà, sew mobbli jew immobbli.

Għemejjel bil-ħsieb li jitmexxew ’il quddiem tilwim ta’ xogħol.
*Emendat: V. 2011.50; XVI. 2012.9.*

**64.** (1) Għemil minn persuna bil-ħsieb li jkun hemm jew li titmexxa ’l quddiem tilwima ta’ xogħol ma titqiesx bħala delitt jew kważi delitt għar-raġuni biss li dak l-għemil -

(*a*) iġiegħel lil persuna oħra li tikser kuntratt ta’ impieg; jew

(*b*) iħedded li kuntratt ta’ impieg (sew jekk il-persuna tkun parti fih sew jekk le) jiġi miksur jew li jġiegħel lil persuna oħra tikser kuntratt ta’ impieg li fih tkun parti l-persuna l-oħra; jew

(*ċ*) ikun ifixkel il-kummerċ, in-negozju jew l-impieg ta’ persuna oħra, jew il-jedd tal-persuna l-oħra milli tiddisponi mill-kapital jew mix-xogħol tagħha kif tkun trid.

(2) Għemil li minħabba s-subartikolu (1) ma tkunx tista’ tittieħed azzjoni dwaru nnifsu, u ksur ta’ kuntratt bil-ħsieb li jkun hemm jew li titmexxa ’l quddiem tilwima ta’ xogħol, ma jitqisux bħala għemil illegali jew użu ta’ mezzi illegali bil-għan li tiġi stabbilita r-responsabbiltà għal għemil bħala delitt jew kważi delitt.

(3) Ftehim jew għaqda bejn żewġ persuni jew aktar biex jagħmlu jew jieħdu ħsieb li jsir xi għemil bil-ħsieb li jkun hemm jew biex titmexxa ’l quddiem tilwima ta’ xogħol ma jitqiesx bħala delitt jew kważi delitt jekk l-għemil ikun wieħed li, jekk magħmul mingħajr dak il-ftehim jew għaqda, ma tistax tittieħed azzjoni dwaru bħala delitt jew kważi delitt.

(4) Ma tistax tittieħed azzjoni għal danni dwar għemil minn persuna magħmul bil-ħsieb li jkun hemm jew li titmexxa ’l quddiem tilwima ta’ xogħol u skont direttiva maħruġa minn *trade union*, sew jekk dik il-persuna tkun membru tagħha sew jekk le, għar-raġuni biss li tikkonsisti fi ksur ta’ kuntratt ta’ impieg; u kull għemil magħmul kif intqal qabel, li ma jkunx ksur ta’ ftehim kollettiv, jew ta’ ftehim jew deċiżjoni li jkunu għadhom jorbtu skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 70 jew 72, jew deċiżjoni jew sentenza tat-Tribunal m’għandux waħdu jagħti l-jedd lill-prinċipal li jtemm il-kuntratt ta’ impieg tal-persuna li tkun għamlet l-għemil kif intqal qabel, jew li jiddiskrimina kontra tagħha, u m’għandux jitqies bħala interruzzjoni fis-servizz ta’ dik il-persuna.

(5) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 338(t) tal-Kodiċi Kriminali m’għandhomx jgħoddu għal xi ftehim jew għaqda bejn żewġ persuni jew aktar biex jagħmlu jew jieħdu ħsieb li jsir xi għemil bil-ħsieb li jkun hemm jew li titmexxa ’l quddiem tilwima ta’ xogħol. Kap. 9.

(6) Is-subartikolu (4) m’għandux ikun japplika għal:

(*a*) persuni impjegati bħala *Air Traffic Controllers* fil-*Malta International Airport* u fl-*Airport Fire Fighting Section* ta’ dak l-ajruport;

(*b*) membri tal-Forza ta’ Għajnuna u Salvataġġ stabbilita bis-saħħa tal-artikolu 8 tal-Att dwar il-Protezzjoni Ċivili; Kap. 411.

(*ċ*) persuni impjegati biex jipprovdu servizzi ta’ pilotaġġ u rmiġġ, servizzi tal-irmonk, ta’ tifi ta’ nar, servizzi tas-

saħħa medika u servizzi kontra tniġġiż kif ikun meħtieġ f’każijiet ta’ emerġenza fil-portijiet;

(*d*) dak l-anqas numru ta’ persuni li jkun meħtieġ biex jiġi garantit li l-ħajja ma tkunx ipperikolata minħabba n-nuqqas ta’ importazzjoni jew rilaxx ġewwa Malta ta’ qamħ, il-frotta tal-qamħ, gass domestiku, karburanti għall-avjazzjoni, *diesel* u petrol u karburanti għat-tħaddim ta’ faċilitajiet tat-trasport bl-ajru u biex jiġġeneraw l-enerġija u faċilitajiet għall-produzzjoni tal-ilma, kif ikun miftiehem bejn il-prinċipal rispettiv u l-*union* rikonoxxuta, jew fin-nuqqas ta’ ftehim, kif ikun deċiż minn dik l-awtorità kompetenti li tirregola dak is-settur, u fin-nuqqas ta’ dan mit-Tribunal Industrijali;

(*e*) dak l-anqas numru ta’ persuni li jkun meħtieġ biex jiġi garantit li titkompla l-produzzjoni, l-provvista u d-distribuzzjoni tal-ilma u l-elettriku kif ikun miftiehem bejn il-prinċipal rispettiv u l-*union* rikonoxxuta jew, fin-nuqqas ta’ ftehim, kif ikun deċiż mit-Tribunal Industrijali;

(*f*) dak l-għadd ta’ persuni li jistgħu jinħtieġu biex jinżammu b’mod kontinwat u mingħajr interruzzjoni s-servizzi elenkati fl-Iskeda ta’ dan l-Att u li huma meħtieġa li jitħaddmu f’kull ħin sabiex ikomplu jingħataw mill-Gvern servizzi essenzjali lill-komunità;

(*g*) dak l-għadd ta’ persuni f’dawk il-karigi li l-Ministru jista’ b’avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, li jkun meħtieġ biex jipprovdi servizz fil-livell ta’ nofs is-servizzi tat-trasport pubbliku għall-passiġġieri f’Malta u Għawdex u nofs is-servizzi bil-baħar pubbliċi bi skeda bejn Malta u Għawdex u dan għandu jitqies li jkun kondizzjoni impliċita tal-kuntratt tal-impieg ta’ kull ħaddiem impjegat fis-servizzi tat-trasport għall-passiġġieri pubbliku u fis-servizzi ta’ trasport bil-baħar bi skeda li dak l-impjegat ikollu l-obbligu li jwettaq id-doveri tiegħu skont ma jordna l-prinċipal tiegħu biex jintlaħaq in-numru msemmi hawn aktar qabel u meta impjegat jonqos milli jwettaq id-doveri tiegħu mingħajr ġustifikazzjoni huwa jista’ jitkeċċa:

B’dan illi, għal finijiet tas-subparagrafi (*d*) u (*e*), jekk ma jkunx intlaħaq ftehim kif imsemmi fi żmien xahar minn meta jiġi fis-seħħ dan l-Att, il-kwistjoni tkun riferuta lill-awtorità kompetenti li tirregola dak is-settur jew lit-Tribunal Industrijali skont il-każ fuq talba ta’ xi waħda mill-partijiet:

Iżda wkoll għall-fini tal-paragrafu (*g*) il-frażi "servizzi tat-trasport pubbliku għall-passiġġieri" ikollha l-istess tifsira mogħtija

Kap. 499. lilha fl-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f’Malta.

(7) Meta n-numru ta’ uffiċjali pubbliċi li jkollhom jew li jkunu impjegati f’xi waħda mill-imsemmija karigi jkun akbar min-numru muri fl-imsemmija Skeda bħala essenzjalment meħtieġ, is-subartikolu (6) japplika biss għall-aktar anzjani fost dawk l-

uffiċjali li flimkien jagħmlu dak in-numru (esklużi biss dawk minnhom li jkunu bil-*leave* awtorizzat espressament għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, u biss sakemm ikunu hekk bil-*leave*), u l-anzjanità tiġi stabbilita skont kull anzjanità li jkollha l-kariga fiha nnfisha jew, fin-nuqqas ta' dik l-anzjanità, skont it-tul tas-servizz tal-uffiċjali fil-kariga miżmuma minnhom jew li fiha jkunu impjegati fil-ħin rilevanti, u f'każijiet ta' tul ta' servizz indaqs skont l-età tal-uffiċjali li jkollhom l-istess tul ta' servizz.

(8) Kull uffiċjal pubbliku li għalih, bis-saħħa tas-subartikoli (6) u (7), is-subartikolu (4) ma japplikax, ikollu s-servizz tiegħu mal-Gvern mitmum minnufih jekk, bil-ħsieb li jkun hemm jew li titmexxa 'l quddiem tilwima ta' xogħol jew xi azzjoni oħra li tittieħed minn tnejn jew iżjed uffiċjali pubbliċi jew impjegati oħra (sew jekk skont direttiva minn *trade union* sew jekk le), jew b'sustenn tagħha jew b'simpatija magħha, dak l-uffiċjal jirrifjuta jew b'mod ieħor jonqos li jaqdi dawk id-dmirijiet li huma neċessarji biex ikompli jingħata s-servizz essenzjali, skont il-provvedimenti ta' dan l-Att u skont il-pattijiet tas-servizz jew skont il-kundizzjonijiet tal-impieg u taħt l-ordnijiet tal-awtoritajiet kompetenti tal-Gvern.

(9) L-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att tista' tiġi mibdula, miżjuda jew xort' oħra emendata -

(*a*) b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati; jew

(*b*) mill-Prim Ministru b'ordni fil-Gazzetta:

Iżda ordni bħal dak ma jistax iżid in-numru totali ta' karigi taħt il-Kategorija A għal iktar minn ħamsa u erbgħin (45), taħt il-Kategorija B għal aktar minn mija (100) u taħt il-Kategorija Ċ għal aktar minn mitejn u ħamsa u għoxrin (225).

Pikettjar bil-kwiet.

**65.** Persuna jew iktar jistgħu, bil-ħsieb li jkun hemm jew li titmexxa 'l quddiem tilwima ta' xogħol, ikunu f'xi jew ħdejn -

(*a*) post fejn persuna oħra taħdem jew tmexxi negozju; jew

(*b*) xi post ieħor fejn persuna oħra tkun qiegħda, li ma jkunx post fejn tirrisjedi,

għall-għan biss li bil-kwiet jiksbu jew jagħtu xi tagħrif, jew bil-kwiet jipperswadu lil xi persuna biex taħdem jew biex ma tmurx għax-xogħol.

L-użu jew it-theddid ta' vjolenza. *Emendat: A.L. 427 tal-2007.*

**66.** Kull persuna li, bil-ħsieb li ġġiegħel lil xi persuna oħra li ma tagħmilx jew li tagħmel xi għemil li dik il-persuna l-oħra għandha jedd bil-liġi li tagħmel jew li ma tagħmilx, bla ħaqq u mingħajr setgħa tal-liġi -

(*a*) tuża jew thedded li tuża vjolenza fuq dik il-persuna, jew fuq martu, żewġha jew uliedha, jew fuq xi persuna oħra li tgħix magħha, jew tagħmel jew thedded li tagħmel ħsara lill-proprjetà tagħha;

(*b*) kontinwament timxi wara dik il-persuna l-oħra minn post għall-ieħor;

(*ċ*) tgħasses jew iddawwar id-dar jew post ieħor fejn dik

il-persuna l-oħra toqgħod, jew l-inħawi ta’ dik id-dar jew dak il-post;

(*d*) iċċaħħad lil dik il-persuna, jew b’xi mod tfixkilha fl-użu ta’ xi għodod, ilbies jew proprjetà oħra ta’ dik il-persuna l-oħra jew użati minnha,

tkun ħatja ta’ reat u teħel meta tinsab ħatja priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta’ mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew dik il-priġunerija u multa flimkien, bla ħsara għal piena akbar li jkun hemm għal dak ir-reat taħt xi leġislazzjoni oħra.

Restrizzjoni dwar membri ta’ *union*.

**67.** (1) Id-detentur ta’ kariga fis-servizz pubbliku dikjarata mill-Prim Ministru li hi kariga li d-detentur tagħha ma jistax ikun membru ta’ *trade union* li dwarha jista’ jkun meħtieġ jirrappreżenta jew jagħti parir lill-Gvern fir-relazzjonijiet industrijali mal-*union* jew *unions* li jirrapreżentaw lil dawk il-ħaddiema, ma jistax isir, u jekk hu diġà ma jistax jibqa’, membru ta’ dik it-*trade union*; u d-dispożizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu għandhom ikunu patt mifhum tal-kondizzjonijiet tas-servizz tiegħu mal-Gvern.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3), dwar persuna li tkun impjegata f’dik il-kariga amministrattiva jew eżekuttiva, f’xi korporazzjoni jew korp ieħor imwaqqaf b’liġi jew f’xi kumpannija jew soċjetà oħra jew f’xi korp ieħor li jkollu personalità ġuridika distinta (hawnhekk iżjed ’il quddiem imsejjaħ "prinċipal li hu entità legali"), li tkun teħtieġ li d-detentur ta’ dik il-kariga jirrappreżenta jew jagħti pariri lill-prinċipal li hu entità legali fir-relazzjonijiet tiegħu mal-*union* jew mal-*unions* li jirrappreżentaw lill-impjegati l-oħra tiegħu jew xi taqsima minnhom, ikun patt mifhum tal-kuntratt tal-impieg ta’ dik il-persuna li ma tistax tkun, waqt li tkun qiegħda f’dik il-kariga, membru ta’ xi waħda mill-imsemmija *trade unions*.

(3) Is-subartikolu (2) għandu japplika biss għal dawk il-karigi, li -

(*a*) ma jkunux aktar minn tlieta fil-każ ta’ prinċipal li hu entità legali li jimpjega mhux aktar minn mitejn persuna;

(*b*) ma jkunux aktar minn sebgħa fil-każ ta’ prinċipal li hu entità legali li jimpjega aktar minn mitejn persuna,

kif dak il-prinċipal ikun wera bil-miktub lit-*trade union* li tagħha d-detentur tal-imsemmija karigi ma jkunx jista’ jkun membru.

Sħubija fi *trade union* fil-forzi dixxiplinati. *Miżjud: IV. 2015.19.*

**67A.** (1) Membru ta’ forza dixxiplinata jista’ jissieħeb fi *trade union* reġistrata tal-għażla tiegħu.

(2) *Trade union* li tirrappreżenta membri ta’ forza dixxiplinata:

(*a*) ma tistax tillimita s-sħubija fiha għal xi rank partikolari fl-imsemmija forza;

(*b*) tista’ tinnegozja kondizzjonijiet ta’ impieg u tieħu sehem fi proċeduri ta’ temm ta’ kwistjonijiet li jkunu ta’ natura ta’ konċiljazzjoni, ta’ medjazzjoni, ta’ arbitraġġ jew ta’ natura ġudizzjarja f’isem il-membri tal-forza dixxiplinata li tirrappreżenta iżda ma jkollha

l-ebda dritt li tieħu xi azzjoni oħra fil-forza dixxiplinata bi ħsieb ta' tilwima jew biex din it-tilwima titmexxa 'l quddiem:

Iżda minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, id-dritt tal-membri tal-Forzi Armati ta' Malta li jkunu membri fi *trade union* għandu jkun regolat biss taħt l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta.

Kap. 220.

TAQSIMA II

TEMM VOLONTARJU TA' TILWIM TA' XOGĦOL

*Panel* ta' konċiliazzjoni.

**68.** Il-Ministru jaħtar *Panel* ta' konċiljazzjoni li jkun magħmul minn mhux inqas minn ħames persuni biex jagħmluha ta' konċiljaturi f'tilwimiet ta' xogħol kif jistgħu jiġu riferuti lilhom minn żmien għal żmien, hekk iżda li -

(*a*) il-*panel* ikun magħmul minn dawk il-persuni maħturin mill-Ministru wara konsultazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali;

(*b*) il-ħatra tkun għal żmien ta' sentejn;

(*ċ*) waqt il-perjodu tal-ħatra, il-Ministru jkun jista' jissostitwixxi membri jew jimla vakanzi kull meta jkun meħtieġ, wara konsultazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali:

Iżda l-ebda persuna kif imsemmija fl-artikolu 73(3) ma tista' tiġi nominata jew maħtura fuq il-*Panel* ta' konċiljazzjoni.

Setgħat tal-Ministru sabiex isir ftehim u ma jinqalgħax tilwim.

**69.** (1) Meta jkun hemm jew ikun hemm il-biża' li se jkun hemm tilwima ta' xogħol, il-partijiet jistgħu jiftiehmu li jirreferu t-tilwima -

(*a*) lid-Direttur; jew

(*b*) lil konċiljatur li jista' jintgħażel -

(i) jew mill-istess partijiet fit-tilwima, bi ftehim bejniethom;

(ii) jew, jekk ma jkunx hemm ftehim bħal dan, mid-Direttur minn fost il-*Panel* ta' konċiljazzjoni stabbilit bis-saħħa tal-artikolu 68:

Iżda xejn ma jipprekludi d-Direttur jew id-delegat tiegħu milli jistieden il-partijiet fit-tilwima biex jattendu għal laqgħat ta' konċiljazzjoni.

(2) Il-funzjonijiet tal-konċiljatur maħtur skont s-subartikolu (1) jkunu:

(*a*) li jikkomunika mal-partijiet fit-tilwima ta' xogħol minnufih malli tiġi riferita lilu;

(*b*) li jorganizza u jippresjedi laqgħat ta' konċiljazzjoni bejn il-partijiet kif ikun meħtieġ biex tintemm it-tilwima ta' xogħol;

(*ċ*) li jikkonsidra r-raġunijiet u ċ-ċirkostanzi tat-tilwima ta' xogħol;

(*d*) li jipprova jwassal għa temm tat-tilwima ta' xogħol bi ftehim bejn il-partijiet kemm jista' jkun malajr; u

(*e*) li jagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet li l-konċiljatur jidhirlu xierqa biex tintemm it-tilwima ta' xogħol.

(3) Meta jkun hemm jew jkun hemm biża' li se jkun hemm tilwima ta' xogħol, u l-partijiet jonqsu milli jinnominaw jew jaqblu dwar il-ħatra ta' konċiljatur skont is-subartikolu (1), jew meta l-konċiljatur maħtur jirrapporta falliment fil-konċiljazzjoni, id-Direttur għandu jirreferi l-kwistjoni lill-Ministru u jagħti kopja ta' dik ir-referta lill-partijiet fit-tilwima.

(4) Meta tilwima ta' xogħol tiġi riferita lill-Ministru skont l-aħħar subartikolu qabel dan, il-Ministru jista', jekk jidhirlu xieraq -

(*a*) jaħtar qorti ta' inkjesta biex tistħarreġ u tistabbilixxi r-raġunijiet u ċ-ċirkostanzi tat-tilwima;

(*b*) fuq l-applikazzjoni taż-żewġ partijiet fit-tilwima, jirriferi dik it-tilwima lit-Tribunal Industrijali.

Kap. 12.

(5) Qorti ta' inkjesta jkollha l-istess setgħat li bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huma mogħtija lil qorti superjuri, ħlief illi ma jkollhiex is-setgħa li tordna d-detenzjoni ta' xi persuna, u bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, qorti ta' inkjesta tista' tħarrek xhieda u tagħti ġuramenti, taħtar assessuri, u teħtieġ kull persuna li fil-fehma tagħha jkollha tagħrif speċjali dwar il-kwistjoni li fuqha ssir l-inkjesta li tagħti, bil-miktub jew xort'oħra, u li tikkonferma bil-ġurament, dik il-fehma u dawk il-partikolaritajiet dwar dik il-kwistjoni kif il-qorti tista' teħtieġ. Meta l-qorti tkun magħmula minn iktar minn persuna waħda, il-ġurament jingħata miċ-*chairman*.

Ftehim volontarju.

**70.** Jekk ftehim dwar tilwima ta' xogħol (li jkun ftehim li ma jkunx kontra xi liġi jew xi att ieħor li jkollu saħħa ta' liġi, li jirregola l-pagi u l-pattijiet u l-kondizzjonijiet l-oħra tal-impieg) jintlaħaq b'riżultat ta' miżuri meħuda taħt l-artikolu 69, u memorandum tal-pattijiet ta' dak il-ftehim ikun sar bil-miktub u jkun ġie ffirmat mill-partijiet jew mir-rappreżentanti tagħhom u kopja tiegħu, flimkien ma' dikjarazzjoni li dak ikun ftehim għall-finijiet ta' dan l-artikolu ffirmata kif intqal qabel, tkun ingħatat lill-Ministru -

(*a*) ebda waħda mill-partijiet ma tkun tista' b'azzjoni unilaterali tipprova tikseb reviżjoni tal-pattijiet tal-ftehim qabel ma tgħaddi għall-anqas sena mid-data ta' dak il-ftehim; u

(*b*) kull ftehim bħal dak ikun jorbot liż-żewġ partijiet, lill-ħaddiema rappreżentati fit-tilwima u lill-ħaddiema milquta mill-ftehim u għandu jorbot lil kull suċċessur ta' xi waħda mill-partijiet fit-tilwima.

Regolamenti.

**71.** Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għal kull wieħed mill-għanijiet li ġejjin -

(*a*) biex jirregola l-proċeduri li fuqhom għandu jimxi l-*Panel* ta' konċiljazzjoni u l-konċiljaturi maħtura fuq

il-*panel*;

(*b*) biex jirregola l-għamla u l-proċedura tal-qrati ta' inkjesta.

Sistema ta' negozjati għal uffiċjali pubbliċi.

**72.** (1) Qiegħed jiġi b'dan imwaqqaf *Joint Negotiating Council* bħala makkinarju speċjali għal negozjati dwar tilwimiet ta' xogħol li għandhom x'jaqsam ma' kondizzjonijiet tas-servizz ta' persuni li jipprovdu s-servizzi elenkati fl-artikolu 64(6):

Iżda l-Kunsill u kull sistema ta' negozjati oħra mwaqqfa b'dan l-artikolu jew taħtu, ma għandhom bl-ebda mod jikkonsidraw xi, jew jindaħlu f'xi, kwistjoni li taqa' taħt il-funzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(2) Il-Kunsill ikun magħmul minn mhux aktar minn erba' membri li jirrappreżentaw lill-Gvern u mhux aktar minn erba' membri li jirrappreżentaw lit-*trade union* li jkollha bħala membri tagħha l-ogħla numru ta' persuni li jipprovdu s-servizz essenzjali fis settur rilevanti jew fil-qasam involut fit-tilwima:

Iżda l-membri maħturin mit-*trade union* magħrufa skont id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom jiġu hekk maħtura mit-*trade union* fl-istess ħin li tiġi uffiċjalment reġistrata tilwima ta' xogħol, u għandhom jiġu mfissra bil-miktub f'ittra indirizzata lis-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru:

Iżda ukoll, skont il-proviso ta' qabel dan, l-għamla tal-Kunsill tista' tvarja jekk ikun hemm iżjed minn tilwima waħda riferita lill-Kunsill u dawn it-tilwimiet huma separati u huma magħmula minn *trade union* differenti kif speċifikat fl-ewwel paragrafu ta' dan is-subartikolu.

(3) Bla ħsara għal dak li hemm provdut fis-subartikolu (4), id-deċiżjonijiet tal-Kunsill jittieħdu biss b'vot unanimu. Kull deċiżjoni li hekk tittieħed jew ftehim li hekk jintlaħaq għandu jorbot lill-Gvern u lill-uffiċjali pubbliċi kollha li għalihom tapplika dik id-deċiżjoni jew dak il-ftehim.

(4) Meta dwar xi tilwima ta' xogħol li taqa' taħt il-funzjonijiet tal-Kunsill ma jkun jista' jintlaħaq ebda ftehim li jkun aċċettabbli għall-membri kollha, u ċ-*chairperson* tal-Kunsill jirreġistra nuqqas ta' ftehim, iċ-*chairperson* għandu jirreferi l-kwistjoni lit-Tribunal Industrijali fi żmien ħmistax-il ġurnata li jkun ġie rreġistrat in-nuqqas ta' ftehim, u t-Tribunal Industrijali jkun marbut li jagħti deċiżjoni finali dwar it-tilwima ta' xogħol (inkluż li jagħmel rakkomandazzjonijiet) sa mhux aktar minn xahrejn mir-riferta, sakemm, fl-opinjoni taċ-*chairperson* tat-Tribunal Industrijali, ma jkunx meħtieġ perjodu itwal għal raġuni valida li għandha tissemma u titniżżel fil-proċeduri tat-Tribunal.

(5) Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Kunsill, jagħmel regolamenti biex jagħti effett aktar sħiħ lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u lil kull dispożizzjoni rilevanti oħra ta' dan l-Att, u b'mod partikolari, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, dawk ir-regolamenti jistgħu -

(*a*) jistabbilixxu l-proċedura tal-makkinarju ta' negozjati mwaqqfa b'dan l-artikolu;

(*b*) jispeċifikaw b'aktar dettall u xort'oħra jistabbilixxu l-funzjonijiet, setgħat u dmirijiet ta' kull makkinarju bħal dak u ta' kull sotto-kumitat jew korp ieħor tiegħu, u ta' kull wieħed miċ-*chairpersons* jew mill-membri oħra tiegħu;

(*ċ*) jipprovdu għal kull ħaġa li għandha x'taqsam jew li hi anċillari għal dak li ntqal qabel.

(6) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 70 għandhom jgħoddu għal kull ftehim milħuq kif provdut fis-subartikolu (3) jew fis-subartikolu (4) kif japplikaw għal ftehim kif imfisser f'dak l-artikolu.

## TAQSIMA III

## IT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Twaqqif u għamla ta' Tribunal Industrijali.
*Emendat:*
*III. 2004.6;*
*XXXIII. 2016.3;*
*XX.2022.5.*

**73.** (1) Qiegħed b'dan jitwaqqaf tribunal li jkun magħruf bħala t-Tribunal Industrijali.

(2) Il-Prim Ministru għandu jaħtar *panel* ta' mhux aktar minn ħmistax-il persuna biex jagħmluha ta' *chairpersons* tat-Tribunal Industrijali, wara konsultazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, hekk iżda li -

(*a*) għall-inqas tlieta mill-membri hekk maħtura jkunu avukati b'esperjenza ta' għall-inqas seba' snin;

(*b*) dawn il-persuni jservu bħala *chairpersons* jew wara xulxin jew skont it-tqassim tad-dmirijiet u suġġetti għal dawk id-dispożizzjonijiet dwar rikuża u ċirkostanzi oħra, kif jista' jiġi preskritt mill-Ministru.

(3) Ħlief kif provdut fis-subartikolu (4), it-Tribunal Industrijali jkun magħmul minn -

(*a*) *chairperson* li jigi magħżul skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2); u

(*b*) żewġ membri oħra tat-Tribunal, li għandhom jintgħażlu miċ-*chairperson* tat-Tribunal biex minħabba l-esperjenzi differenti tagħhom iġibu fit-Tribunal għarfien kemm jista' jkun indaqs tal-interessi fit-tilwima,, minn fost żewġ listi ta' persuni maħtura mill-Ministru biex iservu bħala membri tat-Tribunal kull meta tinqala' l-ħtieġa, lista minnhom tkun magħmula minn persuni maħtura mit-*trade unions* rappresentati fuq il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali u l-lista l-oħra tkun magħmula minn persuni maħtura minn assoċjazzjonijiet ta' prinċipali u organizzazzjonijiet oħra li jirrappreżentaw lil prinċipali rappresentati fuq il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali:

Iżda jekk il-partijiet f'tilwima ta' xogħol jiftehmu, f'dak iż-żmien li ċ-*chairperson* jistabbilixxi għal hekk, fuq l-għażla taż-żewġ membri li għandhom joqogħdu maċ-*chairperson*, iċ-*chairperson* għandu jagħmel l-għazla skont dak il-ftehim.

(4) Fil-każi kollha koperti bl-artikolu 75, it-Tribunal ikun

magħmul miċ-*chairperson* waħdu, iżda f'dawk il-każi koperti bl-koperti bl-artikolu 75(1)(*ċ*) iċ-*chairperson* għandu jkun wieħed mill-membri maħtura skont is-subartikolu (2)(*a*).

(5) Fil-każi kollha li ma hemmx provdut dwarhom fis-subartikolu (4) li fihom il-Gvern, jew xi korp jew kumpannija msemmija fl-artikolu 80(3), ikunu parti, it-Tribunal għandu jkun magħmul minn -

(*a*) *chairperson* li jigi magħżul skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2);

(*b*) membru magħżul miċ-*chairperson* tat-Tribunal mill-lista ta' persuni nominati mit-*trade unions* kif preskritt fis-subartikolu (3)(*b*); u

(*ċ*) membru magħżul miċ-*Chairperson* tat-Tribunal minn lista ta' persuni maħtura mill-Ministru minn fost persuni nominati minn entitajiet fis-settur pubbliku.

(6) (*a*) Iċ-*chairpersons* tat-Tribunal jinħatru mill-Prim Ministru għal perijodu ta' ħames snin.

(*b*) Il-membri tat-Tribunal jinħatru mill-Ministru għal perijodu ta' ħames snin.

(*ċ*) Persuna ma tkunx kwalifikata biex tiġi maħtura *chairperson* jew membru tat-Tribunal jekk dik il-persuna:

(i) tkun Membru tal-Kamra tad-Deputati jew tal-Parlament Ewropew; jew

(ii) tkun membru ta' Kunsill Lokali; jew

(iii) tkun falluta mhux rijabilitata; jew

(iv) tkun ġiet kundannata minn xi qorti għal xi perijodu ta' priġunerija effettiva jew tkun instabet ħatja minn xi qorti ta' xi wieħed mir-reati li jinsabu fit-Titoli III, V jew VI tal-Parti II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali. Kap. 9.

(*d*) Il-Prim Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, ineħħi membru minn fuq il-lista maħtura skont is-subartikolu (2), għal raġunijiet ta' mġiba ħażina pruvata, ineffiċjenza ċara, jew inkapaċità li jaqdi jew li taqdi l-funzjonijiet tiegħu jew tagħha kemm minħabba f'mard korporali jew mentali. Id-deċiżjoni għat-tneħħija ta' dak il-membru għandu jkun fiha raġunijiet u tkun soġġetta għal dritt ta' appell fuq punt ta' liġi kontra l-Prim Ministru lill-Qorti tal-Appell minn dak il-membru. L-appell għandu jiġi preżentat fi żmien għoxrin ġurnata mid-data meta dak il-membru jiġi notifikat bid-deċiżjoni. Ir-regoli tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jirregolaw is-smigħ u d-determinazzjoni ta' appelli minn sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal dak l-appell. Kap. 12.

(*e*) Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, ineħħi membru minn fuq il-lista maħtura skont is-subartikolu (3)(b), għal raġunijiet ta' mġiba ħażina pruvata, ineffiċjenza ċara, jew inkapaċità li jaqdi jew li taqdi l-funzjonijiet tiegħu jew tagħha kemm minħabba f'mard korporali jew mentali. Id-deċiżjoni għat-tneħħija ta' dak il-membru għandu jkun fiha raġunijiet u tkun soġġetta għal dritt ta' appell fuq punt ta' liġi kontra l-Ministru lill-Qorti tal-Appell minn dak il-membru. L-appell għandu jiġi preżentat fi żmien għoxrin ġurnata mid-data meta dik il-persuna tiġi notifikata bid-deċiżjoni. Ir-regoli tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jirregolaw is-smigħ u d-determinazzjoni ta' appelli minn sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal dak l-appell.

Kap. 12.

(*f*) Iċ-*chairpersons* u l-membri tat-Tribunal jistgħu, meta ż-żmien tal-ħatra tagħhom, kemm jekk ikun l-ewwel wieħed u kemm jekk le, jintemm, jiġu maħtura mill-ġdid għal perijodu ieħor ta' ħames snin:

Iżda l-ħatra mill-ġdid għandha, qabel ma ssir, tiġi proposta lill-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi u:

(i) il-ħatra mill-ġdid ta' *chairperson* ma għandhiex issir jekk żewġ terzi tal-membri tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi jkunu kontra dik il-ħatra mill-ġdid;

(ii) il-ħatra mill-ġdid ta' membru mil-lista ta' persuni maħtura mit-*trade unions* rappreżentati fuq il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali ma għandhiex issir jekk ma tirċevix l-approvazzjoni minn qabel ta' mill-inqas ħamsin fil-mija tal-membri kollha tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi li jkunu ġew nominati fuq dak il-Bord bħala rappreżentanti tal-impjegati;

(iii) il-ħatra mill-ġdid ta' membru mil-lista ta' persuni maħtura minn assoċjazzjonijiet ta' prinċipali u organizzazzjonijiet oħra li jirrappreżentaw lill-prinċipali ma għandhiex issir jekk ma tirċevix l-approvazzjoni minn qabel ta' mill-inqas ħamsin fil-mija tal-membri kollha tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi li jkunu ġew nominati fuq dak il-Bord bħala rappreżentanti tal-prinċipali.

(7) (*a*) Il-Prim Ministru jista', minn żmien għal żmien, kif jidhirlu xieraq u wara konsultazzjoni kif provdut fis-subartikolu (2) iżid mal-lista li hemm provdut għaliha f'dak is-subartikolu.

(*b*) Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, kif jidhirlu xieraq jitlob nomini ġodda mingħand *trade unions* u

mingħand assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet tal-prinċipali msemmija fil-paragrafu (*b*) tas-subartikolu (3) bl-iskop li jiżdiedu l-listi msemmija f'dak il-paragrafu.

(8) Il-Ministru għandu wkoll isemmi uffiċjal pubbliku biex jagħmilha ta' Segretarju tat-Tribunal, u jista' wkoll jqabbad uffiċjali pubbliċi oħra biex igħinu lis-Segretarju fil-qadi ta' dmirijietu. Is-Segretarju tat-Tribunal ikollu *mutatis mutandis* dawk id-dmirijiet li bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huma mogħtija lir-Reġistratur tal-Qrati. Kap. 12.

(9) Ir-reġistru tat-Tribunal ikun ir-reġistru tal-qrati superjuri; u r-*records* tat-Tribunal jinżammu hemmhekk.

(10) (*a*) Iċ-*chairpersons* u l-membri tat-Tribunal għandhom jirċievu dik ir-remunerazzjoni hekk kif il-Prim Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi. Dik ir-remunerazzjoni tista' tiġi ffissata f'ammont kull sena jew f'ammont għal kull seduta miżmuma jew f'ammont għal kull każ deċiż. Ir-remunerazzjoni ladarba tkun ġiet stabbilita ma tistax titnaqqas iżda l-bdil fil-kriterju tal-kalkolu tar-remunerazzjoni bejn il-kriterji msemmija f'dan il-paragrafu diment li jsir dwar iċ-*chairpersons* u l-membri kollha ma għandux jitqies illi jkun jikkostitwixxi fih innifsu tnaqqis fir-remunerazzjoni.

(*b*) Matul iż-żamma tal-ħatra tagħhom iċ-*chairpersons* u l-membri tat-Tribunal ma jkunux jistgħu jidhru quddiem it-Tribunal fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom jew biex jassistu lil xi parti.

(*ċ*) Iċ-*chairpersons* u l-membri tat-Tribunal għandhom qabel ma jibda jinstema' kull każ jiddikjaraw lis-Segretarju tat-Tribunal kull interess illi huma jista' jkollhom fil-proċeduri u s-Segretarju għandu, meta fil-fehma tiegħu dak l-interess ikun jista' jippreġudika l-indipendenza taċ-*chairperson* jew tal-membru konċernat, jaħtar *chairperson* jew membru ieħor skont il-listi msemmija fis-subartikoli (2) u (3) rispettivament:

Iżda xejn f'dan il-paragrafu ma għandu jinftiehem bħala li jnaqqas id-dritt tal-partijiet f'każ quddiem it-Tribunal li jitolbu r-rikuża ta' xi *chairperson* jew ta' xi membru skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att. Kap. 12.

(*d*) Xejn f'dan l-Att ma għandu jinftiehem bħala li jeżenta lil xi persuna li tkun tifforma parti mit-Tribunal mill-obbligu li taġixxi b'indipendenza u b'imparzjalità skont il-liġi u illi ma toqgħod għad-direzzjoni jew kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra fil-qadi tad-dmirijiet ġudizzjarji tagħha fuq it-Tribunal u dan irrispettivament mill-proċedura li biha, jew il-lista li minnha, dik il-persuna tkun ġiet maħtura biex tifforma

parti mit-Tribunal.

Biex tmur Tribunal.
*Emendat: III. 2004.7.*

**74.** (1) Meta l-passi li jkun ħa l-Ministru taħt l-artikolu 69 biex iwasslu għal ftehim amikevoli ta' tilwima ta' xogħol ma jkunux wasslu għal ftehim, kull waħda mill-partijiet tista' tavża b'dan lill-Ministru bil-miktub.

(2) Meta l-partijiet kollha fi kwistjoni ta' xogħol jiftehmu li jibagħtu l-kwistjoni quddiem it-Tribunal Industrijali, dawn jistgħu jitolbu lill-Ministru bil-miktub biex jibgħat it-tilwima quddiem it-Tribunal.

(3) Malli jirċievi avviż skont is-subartikolu (1), u meta jkun sodisfatt illi l-avviż jew it-talba tkun ġiet riċevuta mingħand prinċipal *bona fide* jew mingħand assoċjazzjoni ta' prinċipali jew mingħand *trade union* li tirrappreżenta l-interessi tal-ħaddiema mdaħħla fit-tilwima, il-Ministru għandu jibgħat it-tilwima lit-Tribunal biex tiġi deċiża minnu; u l-Ministru għandu jagħmel hekk fi żmien wieħed u għoxrin jum mid-data tal-avviż jew tat-talba.

(4) Il-Ministru jista' jibgħat lit-Tribunal għall-parir kull ħaġa dwar jew li tinqala' minn tilwima ta' xogħol, jew tilwim ta' xogħol in ġenerali, jew tilwim ta' xogħol ta' xi klassi, jew xi ħaġa oħra li fil-fehma tiegħu għandha hekk tintbagħat.

Tkeċċija inġusta.
*Emendat: III. 2004.8; LVI.2020.4.*

**75.** (1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi -

(*a*) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta;

(*b*) it-talbiet kollha magħmula skont is-subartikoli (11) u (12) tal-artikolu 36 tal-Att, għall-ammonti li jistgħu jiġu dovuti lil ħaddiem jew prinċipal wara temm ta' kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel id-data ta' tmiem it-terminu definittivament speċifikat fil-kuntratt; u

(*ċ*) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu,

għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra:

Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tinftiehem li tolqot id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar uffiċjali pubbliċi jew ma għandha tolqot it-tħaddim tal-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port jew tal-Att li Jirregola l-Impiegi fit-Trasport Pubbliku; u f'dan l-artikolu l-espressjoni "ħaddiem" ma tinkludix uffiċjali pubbliċi jew xi persuna li għaliha japplikaw l-imsemmija Ordinanza jew Att.

Kap. 171.
Kap. 214.

(2) Meta jiġi allegat li ħaddiem ikun tkeċċa b'mod inġust minn prinċipal, jew fejn jiġi allegat li kien hemm ksur ta' xi dmir li joriġina minn xi ħaġa li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali taħt it-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' xi regolament preskritt taħtu, il-każ għandu jintbagħat lit-Tribunal għad-deċiżjoni

tiegħu fuq talba bil-miktub għal hekk magħmula mill-ħaddiem li jallega l-ksur jew minn xi persuna oħra f'isem u għal dak il-ħaddiem.

(3) Kull referta magħmula skont is-subartikolu ta' qabel dan, għandha ssir permezz ta' dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawża, ippreżentata fir-reġistru tat-Tribunal u għandha, fil-każijiet kollha, hekk tiġi ppreżentata mhux iktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat.

Proċedura tat-Tribunal. *Emendat: XXXIII. 2016.4.* Kap. 12.

**76.** (1) Iċ-*chairperson* tat-Tribunal jista' jiġi rikużat, jew għandu jastjeni, milli jservi bħala *chairperson* f'kull waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u f'kull każ bħal dak id-dispożizzjonijiet tas-Sub-Titolu II tat-Titolu II tat-Tielet Ktieb ta' dak il-Kodiċi għandhom japplikaw safejn dawn ikunu applikabbli u suġġetti għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att:

Iżda jekk il-persuni kollha maħtura skont l-artikolu 73(2) jiġu rikużati, it-Tribunal għandu jkun ippresedut minn persuna oħra maħtura *ad hoc* mill-Ministru, li ma tistax tkun rikużata.

(2) Kull membru tat-Tribunal barra miċ-*chairperson* jista' jiġi rikużat, jew għandu jastjeni, jekk hu jkun xehed f'xi qorti ta' inkjesta jew quddiem konċiljatur dwar it-tilwima ta' xogħol li tkun quddiem it-Tribunal, jew jekk xi parti fit-tilwima tkun fi ħsiebha ssejjaħlu bħala xhud; u f'kull każ bħal dak, u fil-każ ta' kull impediment leġittimu ieħor ta' xi membru bħal dak, huwa għandu jiġi mibdul minn persuna oħra magħżula miċ-*chairperson* minn fost il-lista xierqa msemmija fl-artikolu 73(3)(*b*), jew l-artikolu 73(5)(*ċ*), minn persuna oħra maħtura *ad hoc* mill-Prim Ministru.

Setgħat ġenerali tat-Tribunal. *Emendat: XXXIII. 2016.5.* Kap. 12.

**77.** (1) It-Tribunal ikollu dawk is-setgħat li bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huma mogħtija lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, it-Tribunal ikollu s-setgħa li jħarrek xhieda u li jagħti ġuramenti, li jinnomina assessuri, u li jeħtieġ lil kull persuna li fil-fehma tiegħu jkollha tagħrif speċjali ta' xi ħaġa rilevanti, jew dwar xi ħaġa li jkollha x'taqsam mat-tilwima ta' xogħol jew mal-ilment mibgħut lilu, jew tal-kwistjoni mibgħuta lilu, li tagħtih, bil-miktub jew xort'oħra, u li tikkonferma bil-ġurament, dik il-fehma u dawk il-partikolaritajiet dwar dik it-tilwima, każ jew ilment li t-Tribunal jista' jeħtieġ, u jista' jawtorizza lil kull persuna li tagħti l-ġurament għal dan l-għan:

Iżda dak ix-xhud, assessur, espert jew persuna oħra, skont il-każ, għandu jinstema' u jiġi eżaminat f'udjenza tat-Tribunal u l-partijiet fil-każ ikollhom id-dritt li jagħmlulu domandi.

(3) Ix-xhieda għandhom jitħallsu d-drittijiet skont l-Ordinanza dwar id-Drittijiet tax-Xhieda. Kap. 108.

Aktar dispożizzjonijiet dwar it-Tribunal.

**78.** (1) It-Tribunal għandu jiddeċiedi l-kwistjoni mibgħuta lilu fi żmien perjodu li ma jkunx iktar minn xahar mid-data ta' meta l-kwistjoni tkun intbagħtet, sakemm fil-fehma taċ-*chairperson* ma jkunx meħtieġ żmien itwal għal raġuni valida li għandha tiġi

msemmija u reġistrata fil-proċeduri tat-Tribunal.

(2) Il-każ għal kull parti fit-tilwima jista' jiġi ppreżentat mill-parti innifisha li tista' tagħżel li tiġi rappreżentata jew mgħejjuna minn persuna jew persuni tal-fiduċja tagħha.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regola magħmula jew li huma meqjusa li saru taħt dan l-artikolu, it-Tribunal għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess. Tkun xi tkun il-proċedura li tiġi wżata, it-Tribunal għandu jieħu ħsieb jiżgura li l-ġustizzja ssir skont il-meriti tas-sustanza tal-każ; u, bla ħsara għar-regoli tal-ġustizzja naturali, it-Tribunal għandu jasal għall-konklużjonijiet tiegħu fuq kull ħaġa b'dak l-mod li jidhirlu xieraq.

(4) It-Tribunal għandu jżomm il-laqgħat fil-pubbliku kemm-il darba, meta jqis ix-xorta tat-tilwima jew kwistjoni oħra quddiemu, iċ-*chairperson* ma jkunx jidhirlu xieraq li jmexxi l-proċedimenti jew parti minnhom fil-privat.

(5) Meta l-membri tat-Tribunal huma aktar minn wieħed u ma jistgħux jilħqu ftehim dwar is-sentenza, id-deċiżjoni jew il-parir tagħhom, il-każ jiġi deċiż miċ-*chairperson* li jaġixxi bis-setgħat kollha ta' arbitru.

(6) Il-Ministru jista' jagħmel regoli li jistabbilixxu l-proċedura li għandha tiġi imħarsa minn u quddiem it-Tribunal u xort'oħra jagħmel dispożizzjonijiet dwar dawk il-proċedimenti kif jidhirlu meħtieġ jew spedjenti.

Drittijiet.
*Emendat:*
*A.L. 427 tal-2007.*

**79.** (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jkunu jiffissaw id-drittijiet li għandhom jitħallsu lil xi persuna li tkun qed tidher għall-partijiet waqt proċeduri quddiem it-Tribunal.

(2) It-Tribunal għandu fis-sentenza jew fid-deċiżjoni tiegħu jintaxxa d-drittijiet tal-persuna jew persuni illi jkunu qegħdin jidhru għal xi waħda mill-partijiet skont Tariffa li tkun saret taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu ta' qabel dan.

(3) Ħadd ma jista' jitlob il-ħlas ta' drittijiet li jkunu iktar minn dawk li jiġu intaxxati mit-Tribunal jew, fejn ma jkunx hemm taxxa simili, iktar mit-Tariffa.

(4) Jekk xi parti tintalab tħallas iktar milli hu jew jista' ikun preskritt f'xi liġi, din tista' jitlob lura kull ħlas żejjed li jkun sar permezz ta' ittra bil-miktub lis-Segretarju tat-Tribunal, u dan imbagħad jgħaddi biex jivverifika t-talba, u jekk tiġi hekk verifikata, jordna 'l min ikun irċieva l-ħlas żejjed biex jirrifondi dan il-ħlas lill-parti.

(5) Meta t-Tribunal jaqtagħha li l-ħlas żejjed mitlub kien eċċessiv, dan jista' jordna lil min ikun irċieva dak il-ħlas żejjed li jħallas penali ta' mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) lis-Segretarju, li meta jirċievi din il-penali għandu jgħaddiha lill-Fond Konsolidat.

(6) Kull ordni li tingħata għar-rifużjoni ta' ħlas skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) u kull ordni għall-ħlas ta' penali skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5), ikun titolu

Kap. 12.

esekuttiv għall-finijiet u effetti tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u jkun esegwibbli bħala tali mill-Prim'Awla tal-

Qorti Ċivili bl-istess mod u bl-istess mezzi provduti f'dak il-Kodiċi.

Dispożizzjonijiet dwar is-sentenzi u d-deċiżjonijiet tat-Tribunal. *Emendat: XXXIII. 2016.6.*

**80.** (1) Fl-għoti ta' kull sentenza, deċiżjoni jew parir, it-Tribunal jista' jqis il-politika soċjali u ekonomika u l-prinċipji tal-ġustizzja soċjali li jkunu jipprevalu fiż-żmien tal-pronunzjament tiegħu jekk huwa jqis illi dawn ikunu rilevanti għad-determinazzjoni tal-każ li jkollu quddiemu.

(2) Meta xi ħaġa quddiem it-Tribunal tkun tolqot jew tkun dwar uffiċjali pubbliċi t-Tribunal għandu jastjeni milli jieħu konjizzjoni ta' kull ħaġa li taqa' taħt il-funzjonijiet ta' dik il-Kummissjoni.

(3) Meta l-kwistjoni quddiem it-Tribunal tkun tolqot jew tkun dwar persuni impjegati ma' entijiet morali mwaqqfin b'liġi u immexxija minn Bord jew korp ieħor maħtur mill-Gvern, jew tkun dwar persuni impjegati ma' kumpanniji li fihom il-Gvern għandu interess li bih jikkontrollhom, kull sentenza jew deċiżjoni tat-Tribunal għandha, fejn it-Tribunal jikkunsidra li dan huwa xieraq, tieħu in konsiderazzjoni ż-żamma tar-relattività xierqa bejn il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' dawk l-impjegati u l-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' uffiċjali pubbliċi.

(4) It-Tribunal m'għandux jagħti xi sentenza jew deċiżjoni li tkun kontra xi liġi, jew xi att ieħor li jkollu forza ta' liġi, li jirregola l-pagi u pattijiet u kondizzjonijiet oħra ta' impieg.

Setgħat tat-Tribunal f'każijiet ta' tkeċċija. *Emendat: V. 2009.4; XI.2026.7.*

**81.** (1) Meta fuq ilment ta' tkeċċija inġusta mibgħut lit-Tribunal skont l-artikolu 75, it-Tribunal -

(*a*) isib li r-raġunijiet tal-ilment ikunu bbażati tajjeb, u

(*b*) fuq talba speċifika ta' min jagħmel l-ilment biex jerġa' jidħol fl-impieg tiegħu jew jerġa' jiġi impjegat mill-prinċipal, magħmula fir-referta jew fid-dikjarazzjoni dwar il-każ,

it-Tribunal jidhirlu li jkun prattikabbli u skont l-ekwità li minn jagħmel l-ilment, jerġa' jidħol fl-impieg tiegħu jew jerġa' jiġi impjegat mill-prinċipal, it-Tribunal għandu jagħmel ordni f'dak is-sens, fejn jagħti l-kondizzjonijiet li taħthom jidhirlu xieraq li min jagħmel l-ilment għandu jerġa' jidħol fl-impieg tiegħu jew jerġa' jiġi impjegat:

Iżda meta min jagħmel l-ilment ikun impjegat f'dik il-kariga amministrattiva jew eżekuttiva li teħtieġ fiduċja speċjali fil-persuna tad-detentur ta' dik il-kariga jew fil-ħila tiegħu li jaqdi d-dmirijiet tagħha, it-Tribunal m'għandux jordna li min jagħmel l-ilment jerġa' jidħol jew jerġa' jiġi impjegat; iżda meta min jagħmel l-ilment ikun ġie maħtur jew magħżul għal dik il-kariga kif intqal qabel mill-ħaddiema sħabu, it-Tribunal jista' jordna li dan jerġa' jidħol jew jerġa' jiġi impjegat fil-kariga li kellu qabel ma' ġie hekk maħtur jew magħżul.

(2) Meta, fuq ilment magħmul skont l-arikolu 75, it-Tribunal isib li r-raġunijiet għall-ilment ikunu bbażati tajjeb -

(*a*) f'każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta, jekk ma jkunx hemm talba speċifika biex jerġa' jidħol fl-

impieg jew jerġa' jiġi impjegat, jew it-Tribunal jiddeċiedi li ma għandux jagħmel ordni biex jerġa' jidħol fl-impieg jew jerġa' jiġi impjegat kif inqal qabel, it-Tribunal għandu jagħti sentenza ta' kumpens, li għandha titħallas mill-prinċipal lil min jagħmel l-ilment, rigward it-tkeċċija:

Iżda, meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie imkeċċi mingħajr kawża ġusta kif ukoll ċirkostanzi oħra, inklużi l-età u s-snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impieg ta' dak il-ħaddiem;

(*b*) f'kull każ ieħor ħlief għall-każijiet fejn jiġi allegat ksur tal-artikolu tal-artikoli 26, 27, 28, 29 jew 29A, it-Tribunal għandu jagħti dak l-lordni li jidhirlu meħtieġ biex jirrimedja l-ksur jew jista' jagħti sentenza ta' kumpens li għandu jitħallas mill-prinċipal lil min jagħmel l-ilment, jew jista' jagħti sentenza ta' kumpens u jagħmel dawk l-ordnijiet li jidhirlu xierqa biex jirrimedja l-ksur; u

(*ċ*) fil-każijiet fejn jiġi allegat ksur tal-artikoli 26, 27, 28, 29 jew 29A għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 30(2).

Effetti ta' sentenzi jew deċiżjonijiet mit-Tribunal. *Emendat: XX.2022.6.*

**82.** (1) Kull sentenza jew deċiżjoni li tingħata mit-Tribunal tkun torbot lill-partijiet kollha, lill-ħaddiema rappreżentati fit-tilwima u lill-ħaddiema milquta minn dik is-sentenza jew deċiżjoni u għandha tkun torbot lil kull suċċessur ta' xi waħda mill-partijiet fit-tilwima ta' xogħol:

Iżda ebda waħda mill-partijiet ma tkun tista' tfittex li tieħu azzjoni unilaterali għar-reviżjoni ta' xi sentenza jew deċiżjoni tat-Tribunal qabel ma tgħaddi għall-anqas sena mid-data ta' dik is-sentenza jew deċiżjoni.

(2) Sentenza jew deċiżjoni tat-Tribunal tista' tingħata b'effett retroattiv għal data li -

(*a*) fil-każ ta' tkeċċija inġusta, ma tkunx qabel id-data ta' dik it-tkeċċija, u

(*b*) f'kull każ ieħor mhux qabel id-data li fiha jkun attwalment sar il-ksur jew, jekk dik id-data ma tistax tkun speċifikata, mhux qabel id-data li fiha t-tilwima ta' xogħol li għaliha tapplika s-sentenza jew id-deċiżjoni tkun inqalgħet għall-ewwel darba.

(3) Fil-każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta u fil-każi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal skont skont l-artikolu 75(1)(a), (b) u (ċ), jkun hemm dritt ta' appell fuq punt ta' liġi. Dan l-appell għandu jsir b'rikors lill-Qorti tal-Appell kkostitwita skont l-artikolu 41(9) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan ir-rikors għandu jiġi ppreżentat mhux aktar tard minn tnax-il ġurnata mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal:

Kap. 12.

Iżda meta jsir appell lill-Qorti tal-Appell, u waħda mill-partijiet titlob li l-appell jiġi dikjarat null u bla effett minħabba f'li

ma kienx bbażat fuq punt ta' liġi deċiż mit-Tribunal jew li l-appell huwa null u bla effett fil-liġi għal kull raġuni oħra tkun li tkun, dak l-appell għandu jintbagħat mir-Reġistratur lill-Qorti tal-Appell biex jingħata digriet *in camera* dwar l-ammissibilità jew xort'oħra tal-appell.

(4) L-esekuzzjoni tas-sentenzi u deċiżjonijiet tat-Tribunal issir bil-mod preskritt b'dan l-Att u bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u tkun fis-setgħa fit-Tribunal innifsu. Kap. 12.

Interpretazzjoni ta' sentenzi u deċiżjonijiet tat-Tribunal. *Emendat: A.L. 427 tal-2007.*

**83.** (1) Jekk tinqala' xi kwistjoni dwar l-interpretazzjoni ta' xi sentenza jew deċiżjoni tat-Tribunal (barra minn deċiżjoni skont dan l-artikolu), il-Ministru jew kull waħda mill-partijiet fil-proċedimenti jistgħu jitolbu lit-Tribunal biex jagħti deċiżjoni fuq dik il-kwistjoni u t-Tribunal għandu jiddeċiedi l-kwistjoni wara li jisma' l-partijiet jew, jekk il-partijiet ikunu hekk ftehmu, mingħajr ma jismagħhom. Id-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tiġi komunikata lill-partijiet u tkun torbot bl-istess mod daqslikieku kienet parti mis-sentenza oriġinali.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu l-membri tat-Tribunal għandhom kemm jista' jkun ikunu l-istess membri tat-Tribunal li jkun tas-sentenza li tagħha tkun qed tintalab l-interpretazzjoni.

(3) Jekk matul is-smigħ ta' xi talba magħmula skont is-subartikolu (1), it-Tribunal isib li t-talba hija vessatorja, it-Tribunal jista' jordna li l-parti li tkun għamlitha tħallas lill-parti l-oħra penali ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87). Kull penali bħal dik tinġabar bħala dejn ċivili.

TITOLU III

DISpożiZZJONIJIET SUPPLEMENTARI

Applikazzjoni tal-Att għal impjegati tal-Gvern. *Emendat: IX. 2003.126.*

**84.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-Titolu II ta' dan l-Att, u bla preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċjali li jinsabu fih dwar uffiċjali pubbliċi, id-dispożizzjonijiet tat-Titolu II ta' dan l-Att, barra mid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 69 u 72 u mid-dispożizzjonijiet dwar it-tkeċċija jew tmiem ta' impieg, għandu jkollhom effett dwar impieg mal-Gvern u għal ħaddiema li huma impjegati tal-Gvern kif għandhom effett dwar impieg ieħor u ħaddiema oħra. Id-dispożizzjonijiet esklużi b'dan is-subartikolu ma japplikawx għal impjegati tal-Gvern ġlief kif jista' jkun provdut bis-saħħa tal-artikolu 48(1).

(2) F'dan l-artikolu "impieg mal-Gvern" tfisser impieg taħt jew għall-finijiet ta' dipartiment tal-Gvern, barra minn impieg bħala membru ta' forza dixxiplinata, u "impjegat tal-Gvern" tfisser persuna li għal dak iż-żmien tkun f'impieg mal-Gvern.

Spejjeż meħtieġa biex l-Att jista' jitħaddem.

**85.** L-ispejjeż kollha meħtiega biex jitwettqu id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, magħduda l-ispejjeż tat-Tribunal u ta' kull kunsill, qorti ta' inkjesta jew xi persuna oħra maħtura b'dan l-Att jew taħtu, ikunu għall-karigu tal-Fond Konsolidat u jitħallsu minnu.

Riżerva.
Kap. 135.
Kap. 266.

86. Kull regolament, ordni u leġislazzjoni sussidjarja magħmula taħt jew li tkun ġiet miżmuma fis-seħħ bl-Att li jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Impieg (revokat b'dan l-Att*) jew bl-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (revokat b'dan l-Att†) u kull ordni ta' *standard* nazzjonali u kull dwar Kunsilli tal-Pagi u li jirregolaw il-Pagi li jkunu fis-seħħ fid-data ta' meta dan l-Att jiġi fis-seħħ, għandhom ikomplu jseħħu minn hemm 'il quddiem u għandu jkollhom effett daqslikieku kienu saru taħt dan l-Att, u jistgħu jiġu emendati u revokati skont hekk.

---

*L-artikolu 18(1), (2), (3) u (4) tal-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Impieg, dwar dritt għall-*leave* għal maternità, li għandhom jibqgħu regolati bl-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Impieg, għadu fis-seħħ.

†Il-każijiet kollha li, minnufih qabel il-bidu fis-seħħ tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, kienu pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali kif kostitwit skont l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali, għandhom jibqgħu regolati mill-imsemmi Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali.

## SKEDA

(Artikolu 64(6))

Lista u numru ta' karigi li huma meħtieġa li jitħaddmu sabiex f'kull ħin jitkomplu jingħataw mill-Gvern servizzi essenzjali lill-kommunità

| *Karigi* | *Numru* |
|---|---|
| KATEGORIJA A | |
| SERVIZZI AMMINISTRATTIVI | |
| Direttur Ġenerali (Saħħa) | |
| Direttur Amministrattiv responsabbli għal Servizzi Farmaċewtiċi | |
| Direttur Amministrattiv responsabbli għall-Isptarijiet | |
| Direttur Amministrattiv responsabbli għas-Saħħa Pubblika | |
| Direttur Amministrattiv responsabbli għal Kura tas-Saħħa Primarja | |
| Konsulenti f'Karigi Amministrattivi ........................ | 3 |
| Uffiċjali Mediċi Prinċipali ...................................... | 3 |
| Uffiċjali tal-Port/Uffiċjali Mediċi tal-Ajruport ....... | 2 |
| SERVIZZI KLINIĊI F'MALTA | |
| Konsulenti | |
| Id-Diretturi kollha u *Chairpersons* Kliniċi (għal dak li għandu x'jaqsam mad-dmirijiet amministrattivi u responsabbiltajiet biex jaċċertaw it-tmexxija effettiva tad-dipartimenti rispettivi) ........................ | 12 |
| Amministratur Mediku - Sptar Ġenerali ta' Għawdex | 1 |
| *Manager* - Servizzi ta' Infermiera | |
| Sptar San Luqa | |
| Sptar Monte Karmeli | |
| Sptar Boffa | |
| Sptar Ġenerali ta' Għawdex | |
| San Vinċenz De Paule | |
| *Manager* - Servizzi tal-Qwiebel | |
| *Manager* - Radjografija | |
| *Manager* - Fiżjoterapija | |
| *Manager* - Servizzi tal-Laboratorju | |
| KATEGORIJA B - TOBBA | |

Għall-finijiet ta' din il-kategorija, il-kliem "*on call*" ifissru li l-persuna tista' tiġi msejħa permezz ta' telefon, *pager* jew mod ieħor u hi mistennija li teżerċita ġudizzju kliniku u l-kelma "residenti" tfisser preżenti fuq il-post tax-xogħol fl-isptar biex jingħataw servizzi ta' emerġenza; il-kliem "bi nhar" ifissru mit-8.00 ta' filgħodu sal-10.30 ta' filgħaxija u l-kliem "bil-lejl" ifissru mill-10.30 ta' filgħaxija sat-8.00 ta' filgħodu.

| *Karigi* | *Numru* |
|---|---|
| *Dipartiment tal-Inċidenti u Emerġenza* | |
| *On Call* ........................................................ | 1 Konsulent |
| Residenti bi nhar ...................................................... | 6 Reġistratur Anzjan/ Reġistratur/SHO/MO/HM |
| Residenti bil-lejl ...................................................... | 4 Reġistratur Anzjan/ Reġistratur/SHO/MO/HM |
| *Mediċina* | |
| Konsulenti *On Call* .................................................. | 1 Gastroenteroloġija |
| | 1 Diabetoloġija |
| | 1 Newroloġija |
| | 1 Nefroloġija |
| | 1 Hematoloġija |
| | 1 Respiratorju |
| | 1 Kardioloġija |
| | 1 Mard li jittieħed |
| Residenti .................................................................. | 2 Reġistraturi Anzjani |
| | 2 Reġistratur/SHO |
| | 3 *Housemen* |
| *Kirurġija* | |
| Konsulenti *On Call* .................................................. | 1 Kirurġija Ortopedika |
| | 1 ENT |
| | 1 Oftalmoloġija |
| | 1 Kardjo Toraċika |
| | 1 Uroloġija |
| | 1 Kirurġija plastika |
| | 1 Newro Kirurġija |
| | 1 Kirurġija Vaskolari/ Trapjant |
| Residenti .................................................................. | 2 Reġistraturi Anzjani |
| | 1 Reġ. Anz. Ostopedika |
| | 2 Reġ/SMO Kirurġija Ġen. |
| | 1 Reġ/SHO Ortopedika |
| | 1 Reġ/SHO Oftalmoloġija |
| | 1 Reġ/SHO Kardjotoraċika |
| | 1 Reġ/SHO Uroloġija |
| | 1 Reġ/SHO ENT |
| | 4 *Housemen* |
| *Pediatrija* | |
| Konsulenti *On Call* .................................................. | 1 Konsulent Pedjatra |
| | 1 Kirurgu Pedjatra |
| | 1 Kardjologu Pedjatra |
| | 1 Onkologu Pedjatra |

| *Karigi* | *Numru* |
|---|---|
| Residenti ................................................................ | 1 Reġistratur Anzjan<br>3 Reġ/SHO/*Houseman* |
| *Ostetrija u Ġinekoloġija* | |
| Konsulenti *On Call* ................................................. | 1 Konsulent Ostetriku |
| Residenti ................................................................ | 1 Reġistraturi Anzjani<br>2 Reġ/SHO<br>2 *Housemen* |
| *Anestesija* | |
| Konsulenti *On Call* ................................................. | 3 Konsulenti Anestesisti |
| Residenti ................................................................ | 5 Reġistraturi Anzjani<br>1 Reġ. Anz. għall-ITU |
| *Radjoloġija* | |
| Konsulenti *On Call* ................................................. | 1 Konsulent Radjoloġista |
| Residenti ................................................................ | 1 Reġ. Anzjan/ Reġ/ SHO |
| *Trasfużjoni tad-Demm* | |
| Konsulenti *On Call* ................................................. | 1 Konsulent |
| Residenti ................................................................ | 1 SHO/MO/*Houseman* |
| *Patoloġija* | |
| Uffiċjali inkarigati *On Call* .................................... | 1 Tossikoloġija<br>1 Viroloġija<br>1 Batterjoloġija<br>1 Kontroll ta’ Infezzjonijiet<br>1 Ħistopatoloġija<br>1 Bijokimika<br>1 Laboratorju tas-Saħħa Pubblika |
| *Psikjatrija* | |
| Konsulenti *On Call* ................................................. | 1 Konsulent Psikjatra |
| Residenti ................................................................ | 2 Reġ Anz/ Reġ/ SHO/ *Houseman* |
| *Ġerjatrija* | |
| Konsulenti *On Call* ................................................. | 1 Konsulent Ġerjatriku |
| Residenti ................................................................ | 2 Reġ Anz/ Reġ/ SHO/ *Houseman* |
| *Onkoloġija* | |
| Konsulenti *On Call* ................................................. | 1 Konsulent Onkologu |
| Residenti ................................................................ | 2 Reġ Anz/ Reġ/ SHO/ *Houseman* |
| *Dermatoloġija* | |
| Konsulenti *On Call* ................................................. | 1 Konsulent Dermatologu |

KATEGORIJA Ċ

*Servizzi ta’ Infermerija*

| *Karigi* | *Numru* |
|---|---|

Għall-finijiet ta' din il-kategorija il-kliem "bi nhar" ifissru mis-7.00 ta' filgħodu sas-7.00 ta' filgħaxija u l-kliem "bil-lejl" ifissru mis-7.00 ta' filgħaxija sas-7.00 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| *Special Care Baby Unit* .......................................... | Il-Ħaddiema Kollha |
| *Intensive Therapy Unit* .......................................... | 1 Infermier għal kull pazjent |
| *High Dependency Unit* .......................................... | 1 Infermier għal kull żewġ pazjenti |
| *Renal Unit* .......................................... | 1 Infermier għal kull erba' pazjenti u wieħed għal kull każ speċjali |
| Emerġenza u Inċidenti .......................................... | 8 Infermiera bi nhar u 5 bil-lejl |
| *Labour Ward* u *Theatre* .......................................... | 5 Qwiebel u 2 Inferiera/ Qwiebel għat-*Theatre* |
| Swali tal-Operazzjoni .......................................... | Ħaddiema biex jipprovdu s-servizzi fi 3 swali bi nhar u 2 swali bil-lejl |
| *Coronary Intensive Care Unit* .......................................... | 1 Infermier għal kull pazjent |
| *Coronary Care Unit* .......................................... | 3 Infermiera bi nhar u 3 bil-lejl |
| *General Acute Wards* .......................................... | 2 nfermiera bi nhar u 2 bil-lejl |
| *Chronic Wards* .......................................... | 1 Infermier bi nhar u 1 bil-lejl |
| *Gynaecology Wards* .......................................... | 4 Infermiera/Qabla bi nhar u 3 bil-lejl |
| *Antenatal Wards* .......................................... | 2 Qwiebel bi nhar u 2 bil-lejl |
| *Post natal Wards* .......................................... | 4 Qwiebel bi nhar u 3 bil-lejl |

*Servizzi Paramediċi u Oħra*

Għall-finijiet ta' din il-kategorija il-kliem "bi nhar" ifissru mis-7.00 ta' filgħodu sas-7.00 ta' filgħaxija u l-kliem "bil-lejl" ifissru mis-7.00 ta' filgħaxija sas-7.00 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| Radjografi .......................................... | 2 bi nhar u 2 bil-lejl |
| Fiżjoterapisti .......................................... | 4 bi nhar |
| Teknoloġisti tal-Laboratorju .......................................... | 4 bi nhar u 4 bil-lejl |
| Farmaċisti .......................................... | 3 bi nhar u 1 bil-lejl |
| Inġinier Elettriċista .......................................... | 1 bi nhar u *on call* bil-lejl |
| Inġinier Mekkaniku .......................................... | 1 bi nhar u *on call* bil-lejl |
| Ħaddiema fil-Manutenzjoni .......................................... | 3 bi nhar u 3 bil-lejl |

*Servizzi fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex*

1 Konsulent *on call* għal kull waħda minn Mediċina Ġenerali, Kirurġija Ġenerali, Ortopedija/Anestesija

| *Karigi* | *Numru* |
|---|---|
| 4 Reġ Anz/ Reġ/ SHO/ biex ikopru swali u d-Dipartiment tal-Emerġenza | |
| 1 Farmaċista | |
| 1 Teknoloġista tal-Laboratorju | |
| 1 Ħaddiem fil-Manutenzjoni | |
| Infermiera u Qabla kif applikabbli għall-Isptarijiet f'Malta | |
| Servizz ta' Xufiera tal-Ambulanzi | |
| Matul il-ġurnata ...................................................... | 8 Xufiera f'Malta u 3 f'Għawdex |
| Matul il-lejl ............................................................ | 4 Xufiera f'Malta u 2 f'Għawdex |